REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/61

tal-15 ta' Jannar 2025

li jimponi dazju kumpensatorju definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti tajers pnewmatiċi, ġodda jew b'wiċċ ġdid, tal-lastiku, tat-tip użat għall-karozzi tal-linja jew għat-trakkijiet, b'indiċi tat-tagħbija li jaqbeż il-121 li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 2016/1037 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1037 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Unjoni Ewropea ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 18 tiegħu,

Billi:

1. PROĊEDURA

1.1. Investigazzjonijiet preċedenti u miżuri fis-seħħ

(1) Fl-4 ta' Mejju 2018, il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") adottat ir-Regolament (UE) 2018/683 ([2]) li jimponi dazju anti-dumping proviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti tajers pnewmatiċi, ġodda jew b'wiċċ ġdid, tal-lastiku, tat-tip użat għall-karozzi tal-linja jew għat-trakkijiet, b'indiċi tat-tagħbija li jaqbeż il-121 ("tajers" jew "il-prodott ikkonċernat"), li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("RPĊ").

(2) Fit-18 ta' Ottubru 2018, il-Kummissjoni adottat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1579 ([3]) li jimponi dazju anti-dumping definittiv u li jiġbor b'mod definittiv id-dazju proviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti tajers pnewmatiċi, ġodda jew b'wiċċ ġdid, tal-lastiku, tat-tip użat għall-karozzi tal-linja jew għat-trakkijiet, b'indiċi tat-tagħbija li jaqbeż il-121, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("ir-Regolament anti-dumping oriġinali").

(3) Fid-9 ta' Novembru 2018, il-Kummissjoni adottat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1690 ([4]) li jimponi dazji kumpensatorji definittivi fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti tajers pnewmatiċi ġodda jew b'wiċċ ġdid, ta' tip użat għall-karozzi tal-linja jew għat-trakkijiet u b'indiċi tat-tagħbija li jaqbeż il-121 li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1579 li jimponi dazju anti-dumping definittiv u jiġbor definittivament id-dazju proviżorji impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti tajers pnewmatiċi, ġodda jew b'wiċċ ġdid, tal-lastiku, tat-tip użat għall-karozzi tal-linja jew għat-trakkijiet, b'indiċi tat-tagħbija li jaqbeż il-121, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/163 ("ir-Regolament antisussidji oriġinali").

([1]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/683 tal-4 ta' Mejju 2018 li jimponi dazju anti-dumping proviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti tajers pnewmatiċi, ġodda jew b'wiċċ ġdid, tal-lastiku, tat-tip użat għall-karozzi tal-linja jew għat-trakkijiet, b'indiċi tat-tagħbija li jaqbeż il-121, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/163 (ĠU L 116, 7.5.2018, p. 8).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1579 tat-18 ta' Ottubru 2018 li jimponi dazju anti-dumping definittiv u li jiġbor b'mod definittiv id-dazju proviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti tajers pnewmatiċi, ġodda jew b'wiċċ ġdid, tal-lastiku, tat-tip użat għall-karozzi tal-linja jew għat-trakkijiet, b'indiċi tat-tagħbija li jaqbeż il-121, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/163 (ĠU L 263, 22.10.2018, p. 3).

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1690 tad-9 ta' Novembru 2018 li jimponi dazji kumpensatorji definittivi fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti tajers pnewmatiċi ġodda jew b'wiċċ ġdid, ta' tip użat għall-karozzi tal-linja jew għat-trakkijiet u b'indiċi tat-tagħbija li jaqbeż il-121 li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1579 li jimponi dazju anti-dumping definittiv u jiġbor definittivament id-dazju proviżorji impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti tajers pnewmatiċi, ġodda jew b'wiċċ ġdid, tal-lastiku, tat-tip użat għall-karozzi tal-linja jew għat-trakkijiet, b'indiċi tat-tagħbija li jaqbeż il-121, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/163 (ĠU L 283, 12.11.2018, p. 1).

(4) Wara kontestazzjoni mressqa mill-Assoċjazzjoni tal-Industrija tal-Lastiku taċ-Ċina (China Rubber Industry Association, "CRIA") u mill-Kamra tal-Kummerċ taċ-Ċina tal-Metalli, tal-Minerali u tal-Importaturi tal-Kimiki ("CCCMC"), il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea annullat fl-4 ta' Mejju 2022, fis-sentenza tagħha fil-kawżi konġunti T-30/19 u T-72/19 ([5]) ("is-sentenza tal-Qorti"), ir-Regolamenti anti-dumping oriġinali u r-Regolamenti antisussidji oriġinali fir-rigward ta' diversi prodotturi esportaturi.

(5) Wara s-sentenza tal-Qorti, il-Kummissjoni fetħet mill-ġdid l-investigazzjonijiet u fl-4 ta' April 2023, il-Kummissjoni imponiet mill-ġdid dazju anti-dumping definittiv permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/737 ([6]) ("it-tieni Regolament anti-dumping") u dazju kumpensatorju definittiv bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2023/738 ([7]) ("it-tieni Regolament antisussidji").

(6) Fis-6 ta' Settembru 2024, il-Kummissjoni temmet żewġ rieżamijiet interim parzjali tal-miżuri anti-dumping u kumpensatorji applikabbli għall-importazzjonijiet ta' ċerti tajers pnewmatiċi, ġodda jew b'wiċċ ġdid, tal-lastiku, tat-tip użat għall-karozzi tal-linja jew għat-trakkijiet u b'indiċi tat-tagħbija li jaqbeż il-121 li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ([8]) ([9]).

(7) Id-dazji kumpensatorji attwalment fis-seħħ huma f'euro għal kull oġġett li jvarja bejn EUR 3,75 u EUR 57,28 għal kull oġġett.

1.2. **Talba għal rieżami ta' skadenza**

(8) Wara l-pubblikazzjoni ta' notifika tal-iskadenza imminenti ([10]), il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") irċeviet talba għal rieżami skont l-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 2016/1037 ("ir-Regolament bażiku").

(9) It-talba għal rieżami tressqet fl-11 ta' Awwissu 2023 mill-Koalizzjoni kontra l-importazzjonijiet inġusti ta' tajers ("l-applikant") f'isem l-industrija tal-Unjoni ta' ċerti tajers pnewmatiċi, ġodda jew b'wiċċ ġdid, tal-lastiku, tat-tip użat għall-karozzi tal-linja jew għat-trakkijiet, b'indiċi tat-tagħbija li jaqbeż il-121 fis-sens tal-Artikolu 10(6) tar-Regolament bażiku. It-talba għal rieżami kienet ibbażata fuq ir-raġunijiet li l-iskadenza tal-miżuri x'aktarx tirriżulta f'kontinwazzjoni jew f'rikorrenza ta' sussidjar u f'kontinwazzjoni jew f'rikorrenza ta' dannu għall-industrija tal-Unjoni.

([5]) Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali (L-Għaxar Awla, Kompożizzjoni Estiża) tal-4 ta' Mejju 2022, China Rubber Industry Association (CRIA) u China Chamber of Commerce of Metals, Minerals & Chemicals Importers & Exporters (CCCMC) vs il-Kummissjoni Ewropea, T-30/19 u T-72/19, EU:T:2022:226.

([6]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/737 tal-4 ta' April 2023 li jimponi mill-ġdid dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti tajers pnewmatiċi, ġodda jew b'wiċċ ġdid, tal-lastiku, ta' tip użat għall-karozzi tal-linja jew għat-trakkijiet, b'indiċi tat-tagħbija li jaqbeż il-121 li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina wara s-sentenza tal-Qorti Ġenerali fil-kawżi magħquda T-30/19 u T-72/19 (ĠU L 96, 5.4.2023, p. 9–44).

([7]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/738 tal-4 ta' April 2023 li jimponi mill-ġdid dazju kumpensatorju definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti tajers pnewmatiċi, ġodda jew b'wiċċ ġdid, tal-lastiku, ta' tip użat għall-karozzi tal-linja jew għat-trakkijiet, b'indiċi tat-tagħbija li jaqbeż il-121 li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina wara s-sentenza tal-Qorti Ġenerali fil-kawżi magħquda T-30/19 u T-72/19 (ĠU L 96, 5.4.2023, p. 45).

([8]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2217 tas-6 ta' Settembru 2024 li jtemm ir-rieżami interim parzjali tal-miżuri antisussidji applikabbli għall-importazzjonijiet ta' ċerti tajers pnewmatiċi, ġodda jew b'wiċċ ġdid, tal-lastiku, tat-tip użat għall-karozzi tal-linja jew għat-trakkijiet u b'indiċi tat-tagħbija li jaqbeż il-121 li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina.

([9]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2219 tas-6 ta' Settembru 2024 li jittermina r-rieżami interim parzjali tal-miżuri anti-dumping applikabbli għall-importazzjonijiet ta' ċerti tajers pnewmatiċi, ġodda jew b'wiċċ ġdid, tal-lastiku, tat-tip użat għall-karozzi tal-linja jew għat-trakkijiet u b'indiċi tat-tagħbija li jaqbeż il-121 li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina.

([10]) ĠU C 62, 20.2.2023, p. 4.

1.3. **Bidu ta' rieżami ta' skadenza**

(10) Wara li ddeterminat, wara konsultazzjoni mal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 25(1) tar-Regolament bażiku, li kienet teżisti biżżejjed evidenza għall-bidu ta' rieżami ta' skadenza, fl-10 ta' Novembru 2023 il-Kummissjoni bdiet rieżami ta' skadenza fir-rigward tal-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' ċerti tajers pnewmatiċi, ġodda jew b'wiċċ ġdid, tal-lastiku, tat-tip użat għall-karozzi tal-linja jew għat-trakkijiet, b'indiċi tat-tagħbija li jaqbeż il-121 li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("il-pajjiż ikkonċernat") abbażi tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku. Hija ppubblikat Notifika tal-Bidu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([11]) ("in-Notifika tal-Bidu").

1.4. **Il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami u l-perjodu kkunsidrat**

(11) L-investigazzjoni ta' kontinwazzjoni jew ta' rikorrenza tas-sussidjar kopriet il-perjodu mill-1 ta' Lulju 2022 sat-30 ta' Ġunju 2023 ("il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami"). L-eżami tax-xejriet rilevanti għall-valutazzjoni tal-probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew ta' rikorrenza ta' dannu kopra l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2020 sa tmiem il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami ("il-perjodu taħt kunsiderazzjoni").

1.5. **Partijiet interessati**

(12) Fin-Notifika tal-Bidu, il-partijiet interessati ġew mistiedna jikkuntattjaw lill-Kummissjoni bil-għan li jipparteċipaw fl-investigazzjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni infurmat speċifikament lill-applikant, lill-produtturi magħrufa fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u lill-awtoritajiet tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, lill-importaturi magħrufa, kif ukoll lill-assoċjazzjonijiet magħrufin li huma kkonċernati fir-rigward tal-bidu tar-rieżami ta' skadenza u stednithom jipparteċipaw.

(13) Il-partijiet interessati kellhom l-opportunità li jikkummentaw dwar il-bidu tar-rieżami ta' skadenza u li jitolbu seduta ta' smigħ mal-Kummissjoni u/jew mal-Uffiċjal tas-Seduta fil-proċedimenti kummerċjali.

1.6. **Kampjunar**

(14) Fin-Notifika tal-Bidu, il-Kummissjoni ddikjarat li hija tista' tieħu kampjun tal-partijiet interessati f'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku.

Kampjunar tal-produtturi tal-Unjoni

(15) Fin-Notifika tal-Bidu, il-Kummissjoni ħabbret li kienet għażlet proviżorjament kampjun tal-produtturi tal-Unjoni. Il-Kummissjoni għażlet il-kampjun fuq il-bażi ta':

— Ir-rappreżentattività ġenerali f'termini tad-daqs tal-produzzjoni u l-volum tal-bejgħ tal-prodott simili matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami;

— ir-rappreżentattività tal-livelli ([12]) f'termini tad-daqs tal-produzzjoni u l-volum tal-bejgħ tal-prodott simili matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami;

— il-firxa ġeografika u r-rappreżentattività tal-produtturi tal-Unjoni f'termini ta' kategorija, jiġifieri bejn l-SMEs u l-kumpaniji l-kbar.

(16) Dan il-kampjun kien jikkonsisti f'6 produtturi tal-Unjoni. Il-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun kienu jirrappreżentaw aktar minn 25 % tal-volum totali stmat tal-produzzjoni u tal-bejgħ tal-prodott simili fl-Unjoni.

(17) F'konformità mal-Artikolu 27 tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati biex jikkummentaw dwar il-kampjun provviżorju. Ma wasal l-ebda kumment. Il-kampjun għalhekk ġie meqjus rappreżentattiv tal-industrija tal-Unjoni.

([11]) Notifika ta' bidu ta' rieżami ta' skadenza tal-miżuri kontra s-sussidji applikabbli għall-importazzjonijiet ta' ċerti tajers pnewmatiċi, ġodda jew b'wiċċ ġdid, tal-lastiku, tat-tip użat għall-karozzi tal-linja jew għat-trakkijiet u b'indiċi tat-tagħbija li jaqbeż il-121 li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ĠU C 711, 10.11.2023.

([12]) Is-segmentazzjoni bejn il-livelli hija spjegata fit-taqsima 2.4.

Kampjunar tal-importaturi

(18) Sabiex tiddeċiedi jekk il-kampjunar kienx meħtieġ u, jekk iva, biex tagħżel kampjun, il-Kummissjoni talbet lil importaturi mhux relatati jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fin-Notifika tal-Bidu.

(19) Importatur mhux relatat wieħed ippreżenta ruħu lill-Kummissjoni iżda ma pprovdiex l-informazzjoni mitluba u lanqas il-qbil tiegħu biex jiġi inkluż fil-kampjun. L-ebda importatur ieħor mhux relatat ma ppreżenta ruħu.

Kampjunar ta' produtturi esportaturi fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina

(20) Biex tiddeċiedi jekk il-kampjunar kienx meħtieġ u, jekk iva, biex tagħżel kampjun, il-Kummissjoni talbet lill-produtturi esportaturi kollha fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina biex jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fin-Notifika tal-Bidu. Barra minn hekk, il-Kummissjoni talbet lill-missjoni tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u lill-assoċjazzjonijiet tal-produtturi esportaturi biex jidentifikaw u/jew jikkuntattjaw produtturi esportaturi oħrajn, jekk ikun hemm, li jistgħu jkunu interessati li jipparteċipaw fl-investigazzjoni.

(21) Tliet produtturi esportaturi jew grupp ta' produtturi esportaturi fil-pajjiż ikkonċernat ipprovdew l-informazzjoni mitluba u qablu li jiġu inklużi fil-kampjun. Żewġ gruppi ta' produtturi esportaturi koprew madwar 50 % tal-volum irrapportat esportat lejn l-Unjoni Ewropea matul il-perjodu bejn Lulju 2022 u Ġunju 2023 filwaqt li l-volum tal-esportazzjonijiet tat-tielet produttur esportatur instab li ma kienx sinifikanti. F'konformità mal-Artikolu 27 tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni għażlet kampjun ta' żewġ gruppi ta' produtturi esportaturi abbażi tal-akbar volum rappreżentattiv ta' esportazzjonijiet lejn l-Unjoni li seta' jiġi investigat b'mod raġonevoli fiż-żmien disponibbli. Skont l-Artikolu 27 tar-Regolament bażiku, il-produtturi esportaturi kollha magħrufa kkonċernati, u l-awtoritajiet tal-pajjiż ikkonċernat, ġew ikkonsultati dwar l-għażla tal-kampjun. Ma sar l-ebda kumment.

(22) Fl-investigazzjoni oriġinali, 49 produttur esportatur qablu li jiġu inklużi fil-kampjun. F'din l-investigazzjoni ta' rieżami filwaqt li aktar minn 140 produttur esportatur kienu elenkati fl-ilment, 3 produtturi esportaturi jew gruppi ta' produtturi esportaturi biss ipprovdew tweġiba għall-kampjunar.

(23) Il-produtturi esportaturi li kkooperaw ammontaw għal madwar 50 % tal-volum totali tal-importazzjonijiet tat-tajers mir-RPĊ lejn l-Unjoni Ewropea u ammontaw għal inqas minn 2 % tal-produzzjoni totali tat-tajers fir-RPĊ. Peress li s-sehem mis-suq tal-Unjoni tal-importazzjonijiet mir-RPĊ kien ta' madwar 5,4 % matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, il-Kummissjoni qieset li nofs dawn l-importazzjonijiet jipprovdu biżżejjed informazzjoni biex jiġi vvalutat il-prezz tal-esportazzjoni u l-eżistenza ta' kontinwazzjoni jew rikorrenza ta' sussidjar matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami u għalhekk jistgħu jitqiesu bħala rappreżentattivi tal-importazzjonijiet totali mir-RPĊ.

1.7. **Tweġibiet għall-kwestjonarju u żjarat ta' verifika**

(24) Il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarji liż-żewġ gruppi ta' esportaturi inklużi fil-kampjun u lis-sitt produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun. L-istess kwestjonarju kien ukoll disponibbli online fil-jum tal-bidu. Barra minn hekk, il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarju lill-applikant.

(25) Waslu tweġibiet għall-kwestjonarju miż-żewġ gruppi ta' produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun u minn sitt produtturi tal-Unjoni. It-tweġiba li waslet mingħand produttur wieħed tal-Unjoni, Recauchutagem São Mamede, Lda ("RSM") kienet defiċjenti u l-Kummissjoni talbet lil dan il-produttur biex jikkomplementa t-tweġiba tiegħu. Ma waslet l-ebda tweġiba oħra, u l-Kummissjoni infurmat lil RSM li biħsiebha tapplika l-Artikolu 28 tar-Regolament bażiku u tuża l-fatti disponibbli. Ma wasal l-ebda kumment ieħor mingħand dan il-produttur tal-Unjoni.

(26) Konsegwentement, id-*data* pprovduta mill-ħames produtturi tal-unjoni li jifdal intużat mill-Kummissjoni. In-nuqqas ta' kisba ta' *data* minn RSM kellu biss impatt marġinali fuq ir-rappreżentattività tal-kampjun. Il-ħames produtturi tal-Unjoni li jifdal komplew jammontaw għal aktar minn 25 % tal-volum totali stmat tal-produzzjoni u tal-bejgħ tal-prodott simili fl-Unjoni. Għalhekk, dan il-kampjun li jifdal ta' ħames produtturi tal-Unjoni tqies bħala rappreżentattiv tal-industrija tal-Unjoni.

(27) Il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarju lill-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("GTĊ"). Ma waslet l-ebda tweġiba għall-kwestjonarju.

(28) Għalhekk, iż-żjarat ta' verifika skont l-Artikolu 26 tar-Regolament bażiku twettqu biss fil-bini tal-kumpaniji li ġejjin:

(1) ***Produtturi tal-Unjoni***

— Lapin Kumi Oy, il-Finlandja

— RuLa-BRW GmbH, il-Ġermanja

— Marangoni S.P.A, l-Italja

— żewġ produtturi tal-Unjoni li talbu kunfidenzjalità

(2) ***Produtturi fir-RPĊ inklużi fil-kampjun***

(a) Giti Group:

— Giti Tire (China) Investment Co., Shanghai, PRC;

— GITI Radial Tire (Anhui) Ltd., Hefei, PRC;

— Giti Tire (Fujian) Co. Ltd., Fujian, PRC;

(b) Hankook Group:

— Chongqing Hankook Tire Co. Ltd., Chongqing, PRC;

— Jiangsu Hankook Tire Co. Ltd., Jiangsu, PRC;

2. PRODOTT TAĦT RIEŻAMI, PRODOTT IKKONĊERNAT U PRODOTT SIMILI

2.1. Prodott taħt rieżami

(29) Il-prodott soġġett għal dan ir-rieżami huwa ċerti tajers pnewmatiċi, ġodda jew b'wiċċ ġdid, tal-lastiku, tat-tip użat għall-karozzi tal-linja jew għat-trakkijiet, b'indiċi tat-tagħbija li jaqbeż il-121 li bħalissa jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 4011 20 90 u ex 4012 12 00 (il-kodiċi TARIC 4012 12 00 10). Il-kodiċijiet NM u TARIC jingħataw għall-informazzjoni biss u mingħajr preġudizzju għal bidla sussegwenti fil-klassifikazzjoni tariffarja ("il-prodott taħt rieżami").

(30) Il-prodott taħt rieżami jkopri kemm tajers pnewmatiċi ġodda kif ukoll dawk b'wiċċ ġdid għal karozzi tal-linja jew trakkijiet li għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi, kimiċi u tekniċi essenzjali. Iż-żewġ tipi ta' prodott ikkonċernati huma magħmulin mill-istess materjal (anki jekk it-teknoloġija involuta tista' tkun differenti) u għandhom struttura simili. Il-varjazzjoni fil-materja prima u l-istruttura jagħtu karatteristiċi differenti ta' prestazzjoni.

2.2. Il-proċess tal-manifattura

2.2.1. *Tajers ġodda*

(31) Il-proċess ta' manifattura tat-tajers ġodda għat-trakkijiet u l-karozzi tal-linja jinvolvi: (1) it-taħlit tal-lastiku; (2) it-tħejjija tal-komponenti tat-tajer; (3) bini (ekoloġiku) tat-tajer; (4) it-twebbis (vulkanizzazzjoni); u (5) l-ispezzjoni finali. It-tajers kollha tat-trakkijiet u tal-karozzi tal-linja huma magħmulin mill-istess materja prima bażika, jiġifieri lastiku naturali, lastiku sintetiku, azzar, iswed tal-karbonju, kimiċi u żjut kif ukoll tessuti oħra, u għandhom l-istess komponenti, jiġifieri l-wiċċ ta' kuntatt, il-ġenb, il-kejsing fuq ġewwa, il-kurdun tax-xoffa, iċ-ċinturini tal-azzar u l-wajer tal-kejsing, anki jekk hemm ċertu differenza bejn il-produtturi differenti ta' dan il-prodott.

(32) Il-proċess ta' manifattura tat-tajers ġodda tat-trakkijiet u tal-karozzi tal-linja nstab ukoll li jinvolvi teknoloġiji differenti, li madankollu ma kellhomx impatt fuq is-sejbiet ġenerali ta' interkambjabbiltà.

2.2.2. *Tajers b'wiċċ ġdid*

(33) L-għoti ta' wiċċ ġdid lil tajer huwa essenzjalment proċess ta' riċiklaġġ fejn it-tajers użati jiġu rikostruwiti permezz tas-sostituzzjoni ta' wiċċ it-tajer fuq kejsing qadim. Il-kejsings huma elementi prinċipali tal-proċess ta' għoti ta' wiċċ ġdid, u għalhekk parti sostanzjali mill-attività ta' dawk li jagħtu wiċċ ġdid hija l-għażla u l-akkwist ta' kejsings adattati għall-għoti ta' wiċċ ġdid. Il-kejsings huma għalhekk l-input prinċipali tal-proċess tal-produzzjoni u jikkostitwixxu — skont il-kwalità tagħhom — jew prodott "nofsu lest" reali jew skart.

(34) Għal darb' oħra, dan il-proċess jista' jinvolvi diversi teknoloġiji mingħajr impatt fuq is-sejbiet tal-Kummissjoni dwar l-interkambjabbiltà.

2.3. **Użi u tipi ta' tajers**

(35) It-tajers tat-trakkijiet u tal-karozzi tal-linja huma prodotti f'varjetà kbira ta' tipi u daqsijiet li jinsabu fuq firxa wiesgħa ta' vetturi kummerċjali, minn trakkijiet tal-konsenja lokali u karozzi tal-linja f'ambjenti urbani jew reġjonali sat-trakkijiet u x-xarabanks li jintużaw fuq distanzi twal skont l-ispeċifikazzjonijiet tad-daqs u l-indiċi tat-tagħbija tagħhom. Huma la huma adattati biex jintużaw fuq vetturi tal-passiġġieri u lanqas fuq vetturi kummerċjali ħfief oħra, bħalma wkoll mhumiex adatti biex jintużaw fuq vetturi mhux għat-triq bħal tratturi agrikoli.

(36) It-tajers għat-trakkijiet jew għall-karozzi tal-linja jinbiegħu f'żewġ tipi u f'erba' kategoriji. It-tajers bit-tubu huma għażla aktar tradizzjonali; għandhom tubu intern, li għandu l-valv tiegħu stess, imqiegħed ġewwa t-tajer. F'tajer bla tubu, it-tajer u r-rimm tar-rota jkollhom għeluq li jżomm l-arja, bil-valv immuntat direttament fir-rimm. Il-biċċa l-kbira tat-tajers għat-trakkijiet jew il-karozzi tal-linja mibjugħin fl-Unjoni huma tajers mingħajr tubu. L-erba' kategoriji ta' tajers għat-trakkijiet jew għall-karozzi tal-linja huma: direzzjonali, għat-trazzjoni, għat-trejlers u għal kull pożizzjoni. It-tajers direzzjonali huma mfassla biex jintużaw fuq il-fus ta' quddiem biex jgħinu l-istering iżda jistgħu jintużaw fil-pożizzjonijiet kollha fuq it-trakkijiet jew il-karozza tal-linja skont l-użu tal-vettura. It-tajers għat-trazzjoni huma mfassla għas-sistema tal-mototrażmissjoni u jipprovdu trazzjoni aħjar. It-tajers tat-trejlers huma mfassla biex jiġu mmuntati fuq it-trejlers, filwaqt li t-tajers b'diversi pożizzjonijiet huma mfassla biex jintużaw fil-pożizzjonijiet kollha fuq vettura skont l-użu tagħha.

(37) It-tajers, ġodda jew b'wiċċ ġdid, huma suġġetti għall-istess rekwiżiti ta' sikurezza fis-suq tal-Unjoni kif stabbilit fid-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([13]).

2.4. **Segmentazzjoni tas-suq tal-Unjoni fi tliet livelli għat-tajers**

(38) Informazzjoni miġbura u rċevuta mill-Kummissjoni tindika li s-suq tal-Unjoni għat-tajers tal-karozzi tal-linja u tat-trakkijiet huwa segmentat fi tliet livelli jew segmenti. Filwaqt li ma hemmx linji diviżorji ċari bejn il-livelli, hemm qbil ġenerali fost il-partijiet interessati u s-sejbiet tal-Kummissjoni dwar il-kategorizzazzjoni li ġejja.

(39) It-tajers tal-Livell 1 ikopru tajers ġodda primjum bil-marka ewlenija tal-manifatturi prinċipali. Ir-rikonoxximent tal-marka hija fattur ewlieni għat-tajers f'dan il-livell u jiġġustifika l-prezzijiet ogħla għall-prestazzjonijiet għolja mistennija kif ukoll għall-investimenti partikolarment qawwija fil-kummerċjalizzazzjoni. It-tajers bħala tagħmir oriġinali għall-manifatturi ta' trakkijiet jew ta' karozzi tal-linja ("OE1") huma primarjament inklużi f'dan il-livell. Il-kwalità tat-tajers tal-livell 1 tiżgura possibbiltà għolja li jingħataw wiċċ ġdid, billi dawn huma mfasslin biex "ikollhom aktar minn ħajja waħda", fatt li jkompli jżid l-ammont diġà għoli ta' mili tal-prodott oriġinali (għal użu normali, jingħataw sa tliet uċuħ ġodda). It-tajers tal-livell 1 huma assoċjati wkoll ma' livell ogħla ta' sikurezza u spiss ikunu akkumpanjati minn livell tajjeb ta' servizz ta' wara l-bejgħ.

(40) Il-livell 2 ikopri l-biċċa l-kbira mit-tajers mhux primjum, li jkunu kemm ġodda u kemm b'wiċċ ġdid, bi prezzijiet li jvarjaw bejn wieħed u ieħor minn 65 % għal 80 % tal-prezz tat-tajers tal-livell 1. It-tajers bħala tagħmir oriġinali għall-manifatturi ta' trejlers ("OE2") jistgħu jiġu inklużi f'dan il-livell. Ir-rikonoxximent tal-marka jibqa' importanti f'dan il-livell, u normalment il-marki jkunu magħrufin sew mix-xerrejja, li jkunu jistgħu jidentifikaw il-manifatturi tat-tajers ukoll. Ġeneralment, huma jkunu jistgħu jingħataw wiċċ ġdid mill-inqas darba u, għalkemm limitati aktar mit-tajers tal-livell 1, għandhom prestazzjoni tajba f'terminu tal-ammont ta' mili.

([13]) Id-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2007 li tistabbilixxi kwadru għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi (ĠU L 263, 9.10.2007, p. 1).

(41) It-tajers tal-livell 3 jkopru kemm tajers ġodda u kemm b'wiċċ ġdid b'ammonti ta' mili aktar baxxi u bil-possibbiltà limitata ħafna li jingħataw wiċċ ġdid, jekk ikollhom. Tipikament, il-prezz tagħhom ikun inqas minn 65 % tal-prezz u l-ammont ta' mili tat-tajers tal-livell 1. F'dan il-livell, kważi ma jeżistix rikonoxximent tal-marka u l-prezz isir il-fattur li jiddetermina d-deċiżjoni tal-konsumatur dwar x'jixtri. Normalment għal dawn ma jingħatawx servizzi ta' wara l-bejgħ.

(42) Tajers b'wiċċ ġdid jistgħu jiġu kklassifikati taħt il-livell 2 jew il-livell 3. Filwaqt li xi tajers Ċiniżi jistgħu jingħataw wiċċ ġdid, ftit li xejn jingħataw wiċċ ġdid fiċ-Ċina. L-għoti ta' wiċċ ġdid, madankollu, huwa pjuttost mifrux fl-Unjoni u fi swieq oħrajn, pereżempju fil-Brażil. L-attività tal-għoti ta' wiċċ ġdid fl-Unjoni tikkonsisti minn:

— dawk li jagħtu wiċċ ġdid jaġixxu f'isem, taħt il-marka jew fuq l-awtorità ta' produttur ta' tajers ġodda. Huma jitqiesu bħala kontinwazzjoni tal-marki li jbigħu t-tajers ġodda. Dan jikkorrispondi għat-tajers tal-livell 2,

— dawk li jagħtu wiċċ ġdid li jaħdmu b'mod indipendenti li normalment ikopru swieq ġeografiċi u volumi iżgħar. Huma jbigħu t-tajers f'isimhom jew f'isem il-marka tagħhom stess, u jiddependu fuq l-għarfien espert tagħhom stess. Il-biċċa l-kbira minnhom huma SMEs (aktar minn 400 produttur fl-Unjoni). Dan jikkorrispondi għat-tajers tal-livell 3.

(43) Il-Kummissjoni applikat l-istess immappjar ta' tajers ġodda u b'wiċċ ġdid skont il-marka bħal fl-investigazzjoni oriġinali. Din l-informazzjoni ġiet ipprovduta wkoll mill-ilmentatur u saret disponibbli għall-partijiet interessati kollha fil-jum tal-bidu.

2.5. **Prodott ikkonċernat**

(44) Il-prodott ikkonċernat minn din l-investigazzjoni huwa l-prodott taħt rieżami li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("il-prodott ikkonċernat").

2.6. **Prodott simili**

(45) Kif stabbilit fl-investigazzjoni oriġinali, din l-investigazzjoni ta' rieżami ta' skadenza kkonfermat li dawn il-prodotti għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi, kimiċi u tekniċi bażiċi kif ukoll l-istess użi bażiċi:

— il-prodott ikkonċernat meta jiġi esportat lejn l-Unjoni;

— il-prodott taħt rieżami prodott u mibjugħ fis-suq domestiku tal-pajjiż ikkonċernat;

— il-prodott taħt rieżami prodott u mibjugħ mill-produtturi esportaturi lill-bqija tad-dinja; u

— il-prodott taħt rieżami li jiġi prodott u mibjugħ fl-Unjoni mill-industrija tal-Unjoni.

(46) Għalhekk, dawn il-prodotti huma kkunsidrati bħala prodotti simili fis-sens tal-Artikolu 2(c) tar-Regolament bażiku.

3. **SUSSIDJAR**

(47) F'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, u kif iddikjarat fin-Notifika tal-Bidu, il-Kummissjoni eżaminat jekk l-iskadenza tal-miżuri eżistenti x'aktarx twassalx għal kontinwazzjoni jew rikorrenza tas-sussidjar tal-prodott ikkonċernat li joriġina mir-RPĊ.

(48) Il-Kummissjoni ddeċidiet li, fid-dawl tas-sejbiet ta' hawn taħt li jikkonfermaw l-eżistenza ta' sussidjar kontinwu fir-rigward tas-sussidji kkumpensati fl-investigazzjoni oriġinali, kif ukoll l-eżistenza ta' sussidji addizzjonali ġodda (jiġifieri noti ta' aċċettazzjoni bankarja), ma kienx hemm bżonn li jiġu investigati s-sussidji kollha li l-applikant allega li jeżistu. Fil-fatt, skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni jenħtieġ li teżamina jekk hemmx evidenza ta' kontinwazzjoni tas-sussidjar, irrispettivament mill-ammont tiegħu.

3.1. **Is-sussidji kkumpensati fl-investigazzjoni oriġinali**

(49) Abbażi tal-informazzjoni li tinsab fit-talba għal rieżami u fin-Notifika tal-Bidu, il-Kummissjoni investigat il-prattiki ta' sussidju li ġejjin:

(i) Self ta' politika preferenzjali, linji ta' kreditu, krediti tal-bejjiegħa tal-esportazzjoni u tax-xerrejja tal-esportazzjoni, finanzjament ieħor u garanziji;

(ii) Assigurazzjoni tal-kreditu preferenzjali għall-esportazzjoni,

(iii) Programmi ta' Għotjiet

(iv) Dħul mitluf permezz ta' Programmi ta' Eżenzjoni u Tnaqqis tat-Taxxa Diretta

(v) Dħul mitluf permezz ta' Programmi tat-Taxxa Indiretta u t-Tariffi tal-Importazzjoni

(vi) Provvista ta' prodotti u servizzi mill-gvern għal remunerazzjoni inqas minn dik adegwata (less than adequate remuneration, LTAR)

(50) Fir-rigward tal-forniment ta' oġġetti b'remunerazzjoni inqas minn adegwata għall-materjali ta' input, fl-investigazzjoni oriġinali l-Kummissjoni kkonkludiet li ma kien hemm l-ebda benefiċċju fuq ix-xiri domestiku tal-materjali ta' input l-aktar użati, jiġifieri l-lastiku naturali, il-lastiku sintetiku, l-iswed tal-karbonju, il-korda tan-najlon. Għalhekk, fir-rieżami ta' skadenza attwali, il-Kummissjoni kkonkludiet li ma kienx meħtieġ li tiġi investigata tali skema.

3.2. **Nuqqas ta' kooperazzjoni u l-użu tal-fatti disponibbli f'konformità mal-Artikolu 28(1) tar-Regolament bażiku**

(51) Fil-15 ta' Marzu 2024, il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarju lill-GTĊ. Il-GTĊ intalab ukoll jibgħat kwestjonarji maħsuba għall-banek u għal istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn magħrufa mill-GTĊ li pprovdew self lill-industrija tat-tajers fiċ-Ċina, għall-Korporazzjoni Ċiniża għall-Assigurazzjoni tal-Kreditu għall-Esportazzjoni ("Sinosure") u għall-produtturi u d-distributuri tal-azzar b'laminazzjoni termali u b'laminazzjoni bil-kesħa li kienu pprovdew inputs għall-produzzjoni tal-prodott taħt rieżami.

(52) La l-GTĊ, u lanqas xi wieħed mir-riċevituri intenzjonati l-oħra tal-kwestjonarji msemmija hawn fuq, ma wieġbu għat-talba tal-Kummissjoni.

(53) Permezz ta' Note Verbale tas-26 ta' April 2024, il-Kummissjoni infurmat lill-awtoritajiet Ċiniżi li wara nuqqas ta' kooperazzjoni mill-GTĊ u mill-produtturi Ċiniżi tal-prodott taħt rieżami, il-Kummissjoni kellha l-ħsieb li tagħmel is-sejbiet tagħha abbażi tal-fatti disponibbli, f'konformità mal-Artikolu 28(1) tar-Regolament bażiku. Huma ġew informati wkoll li sejba bbażata fuq il-fatti disponibbli tista' tkun anqas favorevoli milli kieku l-GTĊ u l-produtturi kkooperaw. Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda kumment.

(54) Bħala tali, f'konformità mal-Artikolu 28 tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni qieset li l-użu tal-fatti disponibbli kien meħtieġ sabiex tiġi stabbilita l-kontinwazzjoni jew ir-rikorrenza tas-sussidjar tal-prodott ikkonċernat li joriġina mir-RPĊ.

(55) Għaldaqstant, il-Kummissjoni użat għall-analiżi tagħha l-fatti kollha disponibbli għaliha, b'mod partikolari:

(a) it-talba;

(b) is-sejbiet tal-investigazzjoni oriġinali ([14]);

([14]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1690 tad-9 ta' Novembru 2018 li jimponi dazji kumpensatorji definittivi fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti tajers pnewmatiċi ġodda jew b'wiċċ ġdid, ta' tip użat għall-karozzi tal-linja jew għat-trakkijiet u b'indiċi tat-tagħbija li jaqbeż il-121 li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L 283, 12.11.2018, p. 1).

(c) is-sejbiet tal-aktar investigazzjonijiet antisussidji u rieżamijiet ta' skadenza reċenti mwettqa mill-Kummissjoni dwar l-industriji mħeġġa fiċ-Ċina, bħar-roti elettriċi ([15]) (l-"e-bike"), il-prodotti tal-azzar miksi b'materjal organiku ([16]) ("OCS"), il-kejbils tal-fibra ottika ([17]) ("OFC") u l-fojl tal-aluminju għall-modifikazzjoni ([18]), il-materjali tal-fibra tal-ħġieġ ([19]) ("GFF"), il-prodotti tal-fibra tal-ħġieġ bil-filament ([20]) ("GFR"), il-karta fina miksija ([21]), il-prodotti ċatti b'laminazzjoni termali ([22]) ("HRF"), u l-BEV ([23]), fejn ġew eżaminati sussidji simili;

(d) Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar distorsjonijiet sinifikanti fl-ekonomija tar-RPĊ għall-fini ta' investigazzjoni tad-difiża tal-kummerċ ("ir-Rapport dwar iċ-Ċina") ([24]).

3.3. **Preżentazzjoni ta' pjanijiet, proġetti u dokumenti oħra tal-gvern**

(56) Qabel ma analizzat l-allegat sussidjar fil-forma ta' sussidji jew programmi ta' sussidju speċifiċi (it-taqsimiet 3.4 u dawk sussegwenti hawn taħt), il-Kummissjoni vvalutat il-pjanijiet, il-proġetti u dokumenti oħra tal-gvern, li kienu rilevanti għal aktar minn wieħed mis-sussidji jew mill-programmi ta' sussidju. Hija sabet li s-sussidji jew il-programmi ta' sussidju kollha taħt valutazzjoni jifformaw parti mill-implimentazzjoni tal-ippjanar ċentrali tal-GTĊ għar-raġunijiet li ġejjin.

(57) Is-sejbiet tal-investigazzjoni oriġinali bbażati fuq il-pjanijiet tal-gvern fis-seħħ f'dak iż-żmien huma kkonfermati fl-investigazzjoni tar-rieżami ta' skadenza kurrenti. Fl-investigazzjoni tar-rieżami, il-Kummissjoni stabbiliet li għadd ta' dokumenti ta' politika jindikaw l-industrija tat-tajers bħala industrija "Mħeġġa". Dan jikkonċerna b'mod partikolari l-14-il Programm ta' Ħames Snin għall-Innovazzjoni fit-Teknoloġija Industrijali maħruġ mill-Ministeru tal-Industrija u t-Teknoloġija tal-Informazzjoni ([25]).

([15]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/72 tas-17 ta' Jannar 2019 li jimponi dazji kompensatorji definittivi fuq l-importazzjonijiet ta' roti elettriċi li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L 16, 18.1.2019, p. 5).

([16]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 2019/688 tat-2 ta' Mejju 2019 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' ċerti prodotti ta' azzar miksi b'materjal organiku li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 2016/1037 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 116, 3.5.2019, p. 39).

([17]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/72 tat-18 ta' Jannar 2022 li jimponi dazji kompensatorji definittivi fuq l-importazzjonijiet ta' kejbils fibrottiċi li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2011 li jimponi dazji anti-dumping definittivi fuq l-importazzjonijiet ta' kejbils fibrottiċi li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L 12, 19.1.2022, p. 34)

([18]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2287 tas-17 ta' Diċembru 2021 li jimponi dazji kompensatorji definittivi fuq l-importazzjonijiet ta' fojl tal-aluminju għall-modifikazzjoni li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2170 li jimponi dazji anti-dumping definittivi fuq l-importazzjonijiet ta' fojl tal-aluminju għall-modifikazzjoni li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L 458, 22.12.2021, p. 344).

([19]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/776 tat-12 ta' Ġunju 2020 li jimponi dazji kumpensatorji definittivi fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti materjali tal-fibra tal-ħġieġ minsuġa u/jew meħjuta li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mill-Eġittu u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/492 li jimponi dazji anti-dumping definittivi fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti materjali tal-fibra tal-ħġieġ minsuġa u/jew meħjuta li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mill-Eġittu (ĠU L 189, 15.6.2020, p. 1)

([20]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/328 tal-24 ta' Frar 2021 li jimponi dazju kumpensatorju definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' prodotti tal-fibra tal-ħġieġ bil-filament kontinwu li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina wara rieżami skont l-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 2016/1037 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 65, 25.2.2021, p. 1).

([21]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/328 tal-24 ta' Frar 2021 li jimponi dazju kumpensatorju definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' prodotti tal-fibra tal-ħġieġ bil-filament kontinwu li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina wara rieżami skont l-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 2016/1037 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 65, 25.2.2021, p. 1).

([22]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1123 tas-7 ta' Ġunju 2023 li jimponi dazju kumpensatorju definittiv fuq importazzjonijiet ta' ċerti prodotti ċatti b'laminazzjoni termali tal-ħadid, azzar mhux illigat jew liga oħra tal-azzar li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 2016/1037 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 148, 8.6.2023, p. 84).

([23]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2754 tad-29 ta' Ottubru 2024 li jimponi dazju kumpensatorju definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' vetturi elettriċi ġodda bil-batterija ddisinjati għat-trasport ta' persuni li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L, 2024/2754, 29.10.2024).

([24]) Disponibbli fuq https://ec.europa.eu/transparency/documents-register/detail?ref=SWD(2024)91&lang=mt.

([25]) https://www.gov.cn/zhengce/2022-04/10/content_5684320.htm.

(58) L-14-il pjan ta' ħames snin ("l-14-il FYP") ([26]) għall-perjodu mill-2021 sal-2025 jenfasizza l-viżjoni strateġika tal-GTĊ għat-titjib u l-promozzjoni tal-industriji ewlenin. Fit-Tielet Parti tiegħu, l-Artikolu VIII, jistabbilixxi l-viżjonijiet strateġiċi tal-GTĊ għat-trasformazzjoni u t-titjib tal-industriji tradizzjonali. Barra minn hekk, l-Artikolu IX jiddikjara l-assi tal-iżvilupp għall-industriji emerġenti strateġiċi, inklużi l-industriji ta' materjali ġodda, vetturi li jaħdmu bl-enerġija ġdida, u tagħmir ta' livell għoli. Dan jinkludi l-industrija tat-tajers permezz ta' appoġġ orjentat lejn il-lastiku jew il-petrokimika. Il-pjan ikompli jimmira lejn teknoloġiji ewlenin użati għall-manifattura tat-tajers, jiġifieri petrokimika, lastiku, azzar u tessuti.

(59) L-14-il FYP huwa implimentat aktar permezz ta' pjanijiet settorjali, li jistabbilixxu d-direzzjoni tal-politiki li għandhom jiġu implimentati għall-iżvilupp ta' industriji u setturi strateġiċi. L-"Opinjonijiet ta' Gwida dwar il-Promozzjoni tal-iżvilupp ta' kwalità għolja tal-industrija petrokimika u kimika matul l-14-il FYP" jinkludu tajers taħt l-industrija tal-lastiku.

(60) Il-"Made in China 2025" hija politika industrijali mmexxija mill-Istat li tfittex li tagħmel ir-RPĊ dominanti fil-manifattura globali ta' teknoloġija avvanzata permezz ta' sussidji tal-gvern, Intrapriżi tal-Istat, u akkwist ta' proprjetà intellettwali, u b'hekk tissostitwixxi l-kapaċità barranija. Dan jinkludi miżuri direttament rilevanti għall-manifattura tat-tajers, li jimmiraw kemm it-tajers kif ukoll l-inputs għall-produzzjoni tagħhom. Skont il-Pjan Direzzjonali Made in China 2025, "materjali ġodda bażiċi" huma definiti bħala li jinkludu *"ħadid u azzar, mhux ferruġi, petrokimiċi, materjali tal-bini, industrija ħafifa, tessuti u materjali bażiċi oħra fil-materjali ta' livell għoli" (inputs ewlenin tal-produzzjoni tat-tajers). Il-politika tirreferi wkoll għal "l-esplorazzjoni tal-użu ta' fondi industrijali, dħul kapitali tal-istat u kanali oħra biex tiġi appoġġata l-globalizzazzjoni ta' [...] karozzi, [...] u tagħmir ieħor u kapaċitajiet industrijali f'pożizzjoni tajba, u biex jiġu implimentati investimenti u fużjonijiet u akkwiżizzjonijiet barra l-pajjiż."* ([27]) Għalhekk, permezz tal-inklużjoni taż-żewġ tajers u inputs essenzjali għall-manifattura tagħhom fl-"industriji ewlenin" u "materjali ġodda" li huma "mħeġġa" taħt il-politika Made in China 2025, l-industrija tat-tajers Ċiniża għandha aċċess għal finanzjament mill-Istat sostanzjali.

(61) Fl-investigazzjoni oriġinali, il-Kummissjoni stabbiliet, b'referenza għad- "Deċiżjoni Nru 40 tal-Kunsill tal-Istat" ([28]) ("id-Deċiżjoni Nru 40"), li dan l-att huwa ordni mill-Kunsill tal-Istat, jiġifieri l-oġħla korp amministrattiv fir-RPĊ, u jibqa' legalment vinkolanti fuq korpi pubbliċi u operaturi ekonomiċi oħra. Skont id-Deċiżjoni Nru 40, diversi setturi ta' rilevanza huma identifikati bħala mħeġġa, b'mod partikolari, il-petrokimiċi, is-sustanzi kimiċi fini, il-bijokimiċi, it-trasport u t-trasport pubbliku urban (karozzi tal-linja). Is-setturi mħeġġa jirċievu diversi sussidji. B'mod partikolari, it-tajers għat-Trakkijiet, Karozzi tal-Linja u Radjali (Truck, Bus and Radial, TBR) huma kklassifikati taħt il-kategorija "mħeġġa" (taħt l-"industrija petrokimika u kimika") fl-edizzjoni tal-2019 tal-Katalogu ta' Gwida kif ġej: *"Tajer radjali ta' prestazzjoni għolja (inkluż tajer radjali mingħajr tubu, tajer radjali mega inġineristiku (aktar minn 49 pulzier), sezzjoni trażversali baxxa u ċatt (inqas minn 55 Serje)) u teknoloġija u tagħmir tal-manifattura intelliġenti, tajer tal-avjazzjoni, tajer radjali agrikolu u li jappoġġa materjali u tagħmir speċjali, żvilupp u applikazzjoni ta' lastiku naturali ta' tip ġdid."* ([29]) Setturi oħra ta' rilevanza diretta għall-manifattura tat-tajers huma wkoll "imħeġġa" bħal lastiku naturali, lastiku sintetiku, tagħmir tal-manifattura, riċiklaġġ, tessuti, u azzar. Barra minn hekk, l-edizzjoni tal-2022 tal-Katalogu tal-Industriji Mħeġġa għall-Investiment Barrani tinkludi wkoll diversi industriji relatati mat-tajers, bħall-produzzjoni naturali u sintetika tal-gomma, it-tagħmir tal-manifattura u t-tessuti ([30]).

([26]) NPC, 2021, Deskrizzjoni tal-14-il Programm ta' Ħames Snin għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali Nazzjonali tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u Viżjoni fit-Tul 2035, disponibbli minn: http://www.gov.cn/xinwen/2021-03/13/content_5592681.htm.

([27]) Avviż tal-Kunsill tal-Istat dwar il-Pubblikazzjoni ta' "Made in China 2025" (disponibbli fuq: https://cset.georgetown.edu/wp-content/uploads/t0432_made_in_china_2025_EN.pdf).

([28]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-Istat dwar il-Promulgazzjoni u l-Implimentazzjoni tad-Dispożizzjonijiet Temporanji dwar il-Promozzjoni tal-Aġġustament tal-Istruttura Industrijali Nru 40 (2005); Katalogu ta' Gwida għall-Aġġustament tal-Istruttura Industrijali (2019) (disponibbli fuq: https://www.gov.cn/xinwen/2019-11/06/5449193/files/26c9d25f713f4ed5b8dc51ae40ef37af.pdf).

([29]) Katalogu ta' Gwida għall-Aġġustament tal-Istruttura Industrijali (2019), p. 17 (disponibbli fuq: https://www.gov.cn/xinwen/2019- 11/06/5449193/files/26c9d25f713f4ed5b8dc51ae40ef37af.pdf).

([30]) Katalgu tal-Industriji Inkoraġġuti għall-Investiment Barrani (Edizzjoni tal-2022, disponibbli fuq: https://www.tjftz.gov.cn/tisip/upload/files/2023/1/Catalogue%20of%20Encouraged%20Industries%20for%20Foreign%20Investment%20(2022_Edition).pdf).

(62) Il-pjanijiet industrijali ewlenin maħruġa mill-GTĊ jipprevedu wkoll appoġġ lill-industriji li huma essenzjali għall-produzzjoni tat-tajers, b'mod partikolari:

(a) Petrokimiċi (lastiku sintetiku u iswed tal-karbonju): Il-Ministeru tal-Industrija u t-Teknoloġija tal-Informazzjoni ("MIIT") ippubblika l-14-il FYP immirat lejn l-iżvilupp tal-industriji tal-materja prima ([31]), flimkien ma' *"Opinjonijiet ta' Gwida dwar il-Promozzjoni tal-Iżvilupp ta' Kwalità Għolja tal-Industrija Petrokimika u Kimika matul l-14-il Pjan ta' Ħames Snin"*.

(b) Lastiku Naturali: id-dokument ewlieni huwa d-*Deskrizzjoni Gwida tal-14-il FYP għall-iżvilupp tal-Industrija tal-lastiku*. Id-deskrizzjoni timmira l-katina tal-provvista kollha tal-industrija tal-lastiku u tistabbilixxi objettivi u tidderieġi r-riżorsi b'mod ġenerali ([32]). B'mod speċifiku, il-produzzjoni u l-bejgħ tal-lastiku naturali jitwettqu skont il-linji gwida tal-Assoċjazzjoni tal-Industrija tal-Gomma taċ-Ċina (China Rubber Industry Association, "CRIA") li tiddetermina l-miri tal-produzzjoni ta' 1,5 biljun parti ta' prodotti tal-lastiku.

(c) Azzar (kordi u vireg tal-wajer): L-appoġġ mifrux tal-GTĊ lill-industrija tal-azzar ġie stabbilit sew matul għadd kbir ta' rapporti u investigazzjonijiet tal-Kummissjoni ([33]). L-azzar jibqa' industrija ewlenija għall-GTĊ, kif muri mir-rilaxx fil-bidu tal-2022 tal-*Opinjonijiet ta' Gwida dwar il-promozzjoni tal-iżvilupp ta' kwalità għolja tal-Industrija tal-Ħadid u l-Azzar*, biex jiġu implimentati l-14-il FYP u l-*14-il Pjan ta' Ħames Snin għall-Iżvilupp tal-Industrija tal-Materja Prima*.

(d) Enerġija: il-Kummissjoni preċedentement sabet li utenti industrijali kbar tal-elettriku fir-RPĊ jibbenefikaw minn prezzijiet tal-elettriku mnaqqsa. ([34])

(e) Tessuti: Fil-qafas tal-14-il FYP, id-Dipartiment tal-Industrija u t-Teknoloġija tal-Informazzjoni ħareġ avviż dwar *"It-Tnedija tal-Attivitajiet tal-2022 għall-Ottimizzazzjoni tal-Provvista u l-Promozzjoni tal-Aġġornament ta' Tessuti u Lbies"*, li skontu l-Kunsill Nazzjonali tat-Tessuti u l-Apparati taċ-Ċina huwa responsabbli biex jippjana u jimplimenta kompiti ([35]) taħt is-superviżjoni tal-Kunsill tal-Istat. Il-kombinazzjoni tal-kontroll tiegħu fuq l-industrija u l-appoġġ mogħti lilha tippermetti lill-GTĊ jiżgura li l-inputs tat-tessuti għall-produzzjoni tat-tajers jiġu offruti bi prezzijiet aktar baxxi mill-prezzijiet tas-suq.

(63) L-industrija Ċiniża tat-tajers hija ggwidata aktar mid-Deskrizzjoni Gwida tal-14-il FYP għall-iżvilupp tal-industrija tal-lastiku, ippubblikata mis-CRIA, li għandha fil-mira l-katina tal-provvista kollha tal-industrija tal-gomma u tistabbilixxi objettivi u riżorsi diretti.

(64) Għalhekk, kemm il-produzzjoni tat-tajers innifisha kif ukoll il-katina tal-provvista kollha tiegħu huma parti mill-industriji "mħeġġa" mill-GTĊ u, b'riżultat ta' dan, il-benefiċjarju tal-appoġġ tal-GTĊ, li jinkludi aċċess għal finanzjament u inputs preferenzjali għal remunerazzjoni inqas minn adegwata (art, elettriku, lastiku (sintetiku), eċċ.).

([31]) "L-Erbatax-il Pjan ta' Ħames Snin" għall-iżvilupp tal-industrija tal-materja prima, il-Ministeru tal-Industrija u t-Teknoloġija tal-Informazzjoni, il-Ministeru tax-Xjenza u t-Teknoloġija, il-Ministeru tar-Riżorsi Naturali (disponibbli fuq: https://cset.georgetown.edu/wp-content/uploads/t0284_14th_Five_Year_Plan_EN.pdf).

([32]) Inħareġ l-"14-il Pjan ta' Ħames Snin" tal-industrija tal-lastiku, li ħoloq era ġdida ta' glorja, Assoċjazzjoni tal-Industrija tal-Gomma taċ-Ċina, Nov. 2020.; Linji Gwida għall-Pjan ta' Żvilupp tal-"14-il Pjan ta' Ħames Snin" għall-Industrija tal-Lastiku, Novembru 2020 (disponibbli fuq: https://www.cria.org.cn/c174).

([33]) Ara, pereżempju, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1123 tas-7 ta' Ġunju 2023 li jimponi dazju kumpensatorju definittiv fuq importazzjonijiet ta' ċerti prodotti ċatti b'laminazzjoni termali tal-ħadid, azzar mhux illigat jew liga oħra tal-azzar li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 2016/1037 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, premessi. 44 *et s.*

([34]) Ara r-Regolament 2018/1690, premessa 469, u l-Avviż dwar l-aċċellerazzjoni tan-negozjar tal-elettriku bbażat fuq is-suq u t-titjib tal-mekkaniżmi ta' negozjar, maħruġ mill-NDRC u l-Amministrazzjoni Nazzjonali tal-Enerġija, it-18 ta' Lulju 2018.

([35]) L-avviż tal-Uffiċċju Ġenerali tal-Ministeru tal-Industrija u t-Teknoloġija tal-Informazzjoni dwar it-Twettiq tal-Attivitajiet tal-2022 ta' "Provvista Eċċellenti u Promozzjoni tat-Titjib" tat-Tessuti u l-Ilbies, Ministeru tal-Industrija u t-Teknoloġija tal-Informazzjoni, Diċembru 2022 (disponibbli fuq: https://www.gov.cn/zhengce/zhengceku/2022-10/12/content_5717806.htm).

3.4. ***Self preferenzjali***

3.4.1. *Self*

(65) Fl-investigazzjoni oriġinali ([36]), il-Kummissjoni stabbiliet li l-banek tal-Istat ("SOBs", State-Owned Banks) kienu korpi pubbliċi peress li eżerċitaw awtorità tal-gvern.

(66) Fir-rigward tal-banek li pprovdew self lill-produtturi li kkooperaw fl-investigazzjoni oriġinali, il-maġġoranza l-kbira kienu tal-Istat. L-informazzjoni disponibbli mill-investigazzjoni oriġinali u mill-investigazzjonijiet antisussidji l-aktar reċenti msemmija fil-premessa (55) hawn fuq uriet li l-biċċa l-kbira tal-banek ewlenin komplew ikunu tal-Istat, inklużi l-banek kummerċjali ewlenin fiċ-Ċina, bħall-Bank of China, iċ-China Construction Bank, l-Agricultural Bank of China u l-Industrial and Commercial Bank of China. Barra minn hekk, instab ukoll li dawn il-banek kummerċjali tal-Istat kellhom post predominanti fis-suq u, fil-kapaċità tagħhom bħala korpi pubbliċi, kienu involuti fl-offerta ta' self b'rati tal-imgħax taħt is-suq. Għaldaqstant, ġie konkluż li l-GTĊ kellu politika li jipprovdi self preferenzjali lill-industrija tat-tajers.

(67) Il-Kummissjoni stabbiliet ukoll, abbażi ta', fost l-oħrajn, l-Artikolu 34 tal-Liġi tar-RPĊ dwar il-Banek Kummerċjali ("il-Liġi Bankarja") u l-Artikoli 17 u 18 tad-Deċiżjoni Nru 40, li l-banek kummerċjali privati fiċ-Ċina ġew inkarigati u ordnati mill-GTĊ biex jipprovdu self preferenzjali lill-industrija tat-tajers, bħala li jappartjenu għall-kategorija "mħeġġa", f'konformità mal-Artikolu 3(1)(a)(iv) tar-Regolament bażiku.

(68) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li kien hemm kontribuzzjoni finanzjarja lill-produtturi tat-tajers fil-forma ta' trasferiment dirett ta' fondi mill-GTĊ fis-sens tal-Artikolu 3(1)(a)(i) tar-Regolament bażiku; u l-banek privati kienu wkoll inkarigati jew ngħataw struzzjonijiet mill-gvern biex jipprovdu kontribuzzjonijiet finanzjarji lill-istess produtturi fis-sens tal-Artikolu 3(1)(a)(iv) tar-Regolament bażiku.

(69) Abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-applikant fit-talba kif ukoll tal-informazzjoni mill-investigazzjonijiet reċenti msemmija hawn fuq fil-premessa (55), il-Kummissjoni kkonkludiet li l-klassifikazzjonijiet tal-kreditu Ċiniżi ma jipprovdux stima affidabbli tar-riskju ta' kreditu tal-assi sottostanti. Fuq din il-bażi, anki jekk xi whud mill-kumpaniji fil-kampjun fir-rieżami ta' skadenza attwali ngħataw klassifikazzjoni tal-kreditu tajba minn aġenzija tal-klassifikazzjoni Ċiniża, il-Kummissjoni kkonkludiet li tali klassifikazzjonijiet mhumiex affidabbli.

(70) Instab li jeżisti benefiċċju fis-sens tal-Artikoli 3(2) u 6(b) tar-Regolament bażiku sakemm is-self mill-gvern kienu jingħataw b'termini aktar favorevoli minn dawk li l-riċevitur jista' fil-fatt jikseb mis-suq. Billi kien stabbilit li s-self mhux mill-gvern fiċ-Ċina ma jipprovdix valur referenzjarju xieraq tas-suq (il-banek privati jkunu inkarigati u jingħataw struzzjonijiet mill-GTĊ), dan il-valur referenzjarju ġie mfassal abbażi tar-rata tas-self standard tal-Bank tal-Poplu taċ-Ċina. Din ir-rata ġiet aġġustata sabiex tirrifletti r-riskju normali tas-suq biż-żieda tal-primjum xieraq mistenni fuq il-bonds li jinħarġu minn ditti bi klassifikazzjoni ta' bonds ta' "grad mhux ta' investiment" (f'rata BB).

(71) Dan il-programm ta' sussidju nstab li kien speċifiku fis-sens tal-Artikolu 4(2)(a) tar-Regolament bażiku, peress li l-industrija tat-tajers kienet tappartjeni għall-kategorija mħeġġa skont id-Deċiżjoni Nru 40.

(72) Barra minn hekk, il-programm instab li huwa speċifiku skont l-Artikolu 4(2)(b) tar-Regolament bażiku, peress li ċerti pjanijiet u dokumenti tal-gvern kienu qed iħeġġu u jagħtu struzzjonijiet biex jingħata appoġġ finanzjarju lill-industrija tal-azzar, anki f'reġjuni ġeografiċi speċifiċi taċ-Ċina.

(73) Ir-rata tas-sussidju stabbilita fl-investigazzjoni oriġinali għall-produtturi esportaturi fil-kampjun kienet tvarja minn 0,34 % sa 48,37 %.

([36]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1690 tad-9 ta' Novembru 2018 li jimponi dazji kumpensatorji definittivi fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti tajers pnewmatiċi ġodda jew b'wiċċ ġdid, ta' tip użat għall-karozzi tal-linja jew għat-trakkijiet u b'indiċi tat-tagħbija li jaqbeż il-121 li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L 283, 12.11.2018, p. 1).

3.4.1.1. Kontinwazzjoni tal-programm ta' sussidju

(74) Fit-talba ([37]), l-applikant ipprovda evidenza li l-produtturi Ċiniżi tat-tajers komplew jibbenefikaw minn self preferenzjali u rati tal-imgħax taħt dawk tas-suq minn banek domestiċi fir-RPĊ.

(75) L-applikant ipprovda evidenza tal-preżenza sinifikanti u d-dominanza kontinwa fis-suq tal-SOBs fis-settur bankarju Ċiniż. It-talba elenkat l-SOBs ewlenin li pprovdew self b'termini preferenzjali lill-produtturi tat-tajers fiċ-Ċina.

(76) Fl-aħħar nett, l-applikant indika li l-banek privati komplew jiġu fdati u ordnati mill-GTĊ sabiex jipprovdu self sussidjat, fis-sens tal-Artikolu 3.1(a)(iv) tar-Regolament bażiku.

(77) Fin-nuqqas ta' kooperazzjoni mill-GTĊ u meta wieħed iqis li ma ġie ppreżentat l-ebda argument mill-partijiet interessati matul l-investigazzjoni li jista' jikkontesta l-evidenza ppreżentata mill-applikant fir-rigward tas-sitwazzjoni attwali tas-sistema bankarja Ċiniża, il-Kummissjoni hija tal-fehma li s-sejbiet tagħha mill-investigazzjoni oriġinali għadhom applikabbli.

(78) Barra minn hekk, il-fatti kritiċi rilevanti għall-istabbiliment ta' dan il-programm ta' sussidjar u l-kontinwazzjoni tiegħu, jiġifieri li l-aġir tal-SOBs bħala korpi pubbliċi, id-dominanza tagħhom fis-settur bankarju, l-inkarigu u d-direzzjoni tal-banek privati, ġew ikkonfermati mis-sejbiet tal-investigazzjonijiet l-aktar reċenti dwar l-OCS, il-fibra tal-ħġieġ, il-fojl tal-aluminju, il-BEV ([38]).

3.4.1.2. Benefiċċju

(79) Il-Kummissjoni mbagħad ikkalkulat l-ammont tas-sussidju kumpensabbli. Għal dan il-kalkolu, hija vvalutat il-benefiċċju mogħti lir-riċevituri matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami ("PIR"). Skont l-Artikolu 6(b) tar-Regolament bażiku, il-benefiċċju mogħti lir-riċevituri huwa d-differenza bejn l-ammont ta' imgħax li l-kumpanija tħallas fuq is-self mill-gvern u l-ammont li l-kumpanija tħallas għal self kummerċjali komparabbli li jista' jinkiseb fis-suq.

(80) Bħal fl-investigazzjoni oriġinali, il-Kummissjoni kkalkolat il-benefiċċju mill-prattiki ta' self preferenzjali għal kull grupp ta' produtturi esportaturi fil-kampjun fuq bażi individwali u allokat tali benefiċċju lill-prodott ikkonċernat.

3.4.1.3. Hankook Group

(81) Iż-żewġ produtturi esportaturi tal-Hankook Group ("Hankook") għandhom sitwazzjoni finanzjarja differenti ħafna. L-ewwel kumpanija, Jiangsu Hankook Tire Co. Ltd ("JHKT"), hija negozju matur bi profitti kostanti matul il-perjodu 2020-2023. It-tieni kumpanija, Chongqing Hankook Tire Co. Ltd ("CHKT"), akkumulat telf kbir mill-bidu tagħha fl-2010, għalkemm għamlet profitt nett fl-2020 u fl-2023. Din il-valutazzjoni ġiet ikkonfermata matul iż-żjara ta' verifika. Il-proporzjon tad-dejn għall-assi huwa pjuttost baxx fl-ewwel każ u relattivament għoli fit-tieni każ.

(82) Il-Kummissjoni nnotat li JHKT ingħatat klassifikazzjonijiet tal-kreditu AAA- minn istituzzjonijiet finanzjarji tal-istat Ċiniżi, filwaqt li CHKT ingħatat klassifikazzjonijiet tal-kreditu li jvarjaw minn A sa AA mill-istess istituzzjonijiet finanzjarji tal-Istat. Fid-dawl tad-distorsjonijiet ġenerali tal-klassifikazzjonijiet tal-kreditu Ċiniżi msemmija fit-taqsima 3.4.1.1 hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li din il-klassifikazzjoni ma kinitx affidabbli.

(83) Matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, wieħed mill-produtturi kiseb xi fondi minn self fuq terminu qasir billi biegħ ir-riċevibbli tal-esportazzjoni tiegħu lill-banek Ċiniżi. CHKT ma ħadet l-ebda self u użat biss ippuljar ta' flus bejn il-kumpaniji biex tiffinanzja l-operazzjonijiet tagħha.

([37]) Ara l-premessi 74 sa 136 tat-talba u l-annessi korrispondenti.
([38]) Ara l-premessa 55 l-ittra (c)

(84) Il-Kummissjoni kkunsidrat li s-sitwazzjoni finanzjarja globali tal-grupp tikkorrispondi għal klassifikazzjoni BB, li hija l-ogħla klassifikazzjoni li ma għadhiex tikkwalifika bħala "grad ta' investiment". "Grad ta' investiment" tfisser li bonds maħruġa mill-kumpanija huma ġġudikati mill-aġenzija tal-klassifikazzjoni bħala probabbli biżżejjed li jissodisfaw l-obbligi ta' ħlas biex il-banek jitħallew jinvestu fihom.

(85) Il-primjum mistenni fuq bonds maħruġa minn ditti b'din il-klassifikazzjoni (BB) imbagħad ġie applikat għar-rata ta' self standard tal-People's Bank of China ("PBOC") sabiex tiġi ddeterminata r-rata tas-suq.

(86) Dak il-marġni kummerċjali ġie determinat billi ġiet ikkalkolat il-firxa relattiva bejn l-indiċi ta' bonds korporattivi klassifikati US AA għal bonds korporattivi klassifikati US BB abbażi ta' *data* ta' Bloomberg għal segmenti industrijali. Il-firxa relattiva kkalkulata b'dan il-mod imbagħad ġiet miżjuda mar-rati tal-imgħax normattivi kif ippubblikati mill-PBOC fid-data meta ngħata s-self ([39]), u għall-istess tul ta' żmien bħas-self inkwistjoni. Dan sar individwalment għal kull self ipprovdut lill-kumpanija.

(87) Fil-kummenti għad-divulgazzjoni finali, Hankook sostna li JHKT ma għandhiex tiġi deklassifikata billi dan mhuwiex ġustifikat. Il-kumpanija allegat li s-sitwazzjoni finanzjarja tal-grupp kollu jenħtieġ li ma jkollhiex impatt fuq il-valutazzjoni tal-klassifikazzjoni tal-kumpanija. Il-Kummissjoni wettqet il-valutazzjoni tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-kumpaniji abbażi tad-*data* miġbura fl-investigazzjoni. Il-Kummissjoni qieset is-sitwazzjoni finanzjarja tal-grupp kollu minħabba l-fatt tar-rabtiet mill-qrib u r-relazzjoni bejn il-kumpaniji tal-Grupp. Il-kumpaniji mhux biss għandhom tranżazzjonijiet diretti relatati iżda huma wkoll involuti fl-iskemi ta' finanzjament bħall-ġestjoni ċentralizzata tal-likwidità, skontar fuq kambjali. Għaldaqstant, l-affermazzjonijiet kienu ġew injurati u l-valutazzjoni tal-klassifikazzjonijiet tal-kreditu tal-kumpaniji tibqa' kif kienet.

3.4.1.4. GITI Group

(88) Il-produtturi esportaturi, Giti Radial Anhui, Giti Fujian, ta' GITI Group ("GITI") għandhom sitwazzjoni finanzjarja li tvarja immens. Wieħed minnhom kien profittabbli matul il-perjodu kkunsidrat. Ieħor kien ukoll profittabbli matul il-perjodu kkonċernat, bl-eċċezzjoni tas-sena 2022. Barra minn hekk, indikaturi finanzjarji oħra, bħall-proporzjon tad-dejn mal-assi, għandhom livell ogħla minn 50 %. Madankollu, produttur ieħor kien qed jagħmel it-telf matul il-perjodu kollu kkunsidrat u l-obbligazzjonijiet tiegħu kienu jeċċedu l-assi. Minkejja dan, hu ma kellu l-ebda self minn istituzzjoni finanzjarja u kien iffinanzjat mill-kumpanija omm.

(89) Fl-investigazzjoni oriġinali, il-Kummissjoni kkonkludiet li fir-rigward tal-GITI Group kien xieraq li jintuża l-parametru referenzjarju BB kif stabbilit fil-premessi (65) sa (80) hawn fuq fil-livell tal-attivitajiet tal-grupp biex jiġi kkalkulat il-benefiċċju ġenerali mogħti lit-tajers li jirriżulta min-nuqqas ta' valutazzjoni tar-riskju xierqa.

(90) Minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni tal-banek u l-ebda bidla konsiderevoli fis-sitwazzjoni finanzjarja tal-kumpanija matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, il-Kummissjoni kkonkludiet li dan il-parametru referenzjarju jibqa' xieraq.

3.4.1.5. Speċifiċità

(91) Il-programm ta' sussidju inkwistjoni kien għadu speċifiku fis-sens tal-Artikoli 4(2)(a) u 4(2)(b) tar-Regolament bażiku, minħabba li s-sitwazzjoni legali deskritta fit-taqsima 3.4.1 ma nbidlitx meta mqabbla ma' meta ġiet ivvalutata mill-Kummissjoni matul l-investigazzjoni oriġinali u fid-dawl tal-14-il FYP il-ġdid għas-settur petrokimiku u kimiku, li jikkonferma t-tajers taħt l-industrija tal-lastiku bħala industrija mħeġġa.

([39]) Fil-każ ta' self b'imgħax fiss. Għal self b'rata tal-imgħax varjabbli, ittieħdet ir-rata normattiva tal-imgħax tal-PBOC matul il-PI.

3.4.1.6. Konklużjoni

(92) Għaldaqstant, il-Kummissjoni kkonkludiet li hemm biżżejjed evidenza li turi li s-self bħala sussidju kumpensabbli kompla matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

(93) L-ammont ta' sussidju stabbilit fir-rigward tas-self matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami għall-gruppi ta' kumpaniji inklużi fil-kampjun jammonta għal:

Self

Kumpanija/Grupp	Ammont ta' Sussidju globali
Giti Group	0,42 %
Hankook Group	0,02 %

3.4.2. *Linji ta' kreditu*

3.4.2.1. Kummenti ġenerali

(94) L-għan ta' linja ta' kreditu huwa li tistabbilixxi limitu ta' self li l-kumpanija tista' tuża fi kwalunkwe ħin biex tiffinanzja l-operazzjonijiet attwali tagħha, u b'hekk tagħmel il-finanzjament tal-kapital operatorju flessibbli u disponibbli immedjatament meta jkun meħtieġ. Għalhekk, il-Kummissjoni kkunsidrat li, fil-prinċipju, il-finanzjament kollu b'terminu qasir tal-kumpaniji inklużi fil-kampjun, bħal self b'terminu qasir, abbozzi ta' aċċettazzjoni bankarja, eċċ., jenħtieġ li jkun kopert minn strument tal-linja ta' kreditu.

3.4.2.2. Sejbiet tal-investigazzjoni ta' rieżami

(95) B'mod simili għall-investigazzjoni oriġinali, l-investigazzjoni tar-rieżami wriet li l-istituzzjonijiet finanzjarji Ċiniżi pprovdew ukoll linji ta' kreditu b'rabta mal-għoti ta' self individwali lil kull waħda mill-kumpaniji inklużi fil-kampjun. Dawn kienu jikkonsistu fi ftehimiet qafas, li taħthom il-bank jippermetti lill-kumpaniji fil-kampjun jirtiraw sa ċertu ammont massimu ta' fondi fil-forma ta' diversi strumenti ta' dejn (self, kambjali dokumentarji, finanzjament kummerċjali, nota ta' aċċettazzjoni bankarja, eċċ.). Taħt ċirkostanzi normali tas-suq, tali linji ta' kreditu normalment ikunu soġġetti għal hekk imsejħa tariffa ta' "arranġament" jew "impenn" biex jikkumpensaw għall-ispejjeż u r-riskji tal-bank, kif ukoll għal tariffi ta' tiġdid fuq bażi bikrija għat-tiġdid tal-validità tal-linji ta' kreditu. Madankollu, il-Kummissjoni sabet li l-kumpaniji kollha fil-kampjun ibbenefikaw minn linji ta' kreditu pprovduti bla ħlas.

(96) Skont l-Artikolu 6(d)(ii) tar-Regolament bażiku, il-benefiċċju mogħti lir-riċevituri jitqies bħala d-differenza bejn l-ammont li l-kumpanija tħallas għall-forniment ta' linji ta' kreditu mill-istituzzjonijiet finanzjarji Ċiniżi u l-ammont li l-kumpanija tħallas għal linja ta' kreditu kummerċjali komparabbli li tista' tinkiseb fis-suq.

(97) Il-livell tat-tariffi użati bħala parametru referenzjarju ġie applikat pro rata għall-ammont ta' kull linja ta' kreditu inkwistjoni sabiex jinkiseb l-ammont tas-sussidju (wara li titnaqqas kwalunkwe tariffa effettivament imħallsa). F'każijiet fejn it-tul ta' żmien tal-linja ta' kreditu kien ta' aktar minn sena, l-ammont totali tas-sussidju kien allokat fuq it-tul ta' żmien tal-linja ta' kreditu u ammont xieraq attribwit għall-perjodu ta' investigazzjoni.

3.4.2.3. Speċifiċità

(98) Kif imsemmi fil-premessa (67), skont id-Deċiżjoni Nru 40, l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jipprovdu appoġġ ta' kreditu lill-industriji mħeġġa.

(99) Il-Kummissjoni qieset li l-linji ta' kreditu huma forma ta' appoġġ finanzjarju preferenzjali mill-istituzzjonijiet finanzjarji lill-industriji mħeġġa, bħall-industrija tat-tajers. Kif speċifikat fit-Taqsima 3.3 ta' hawn fuq, l-industrija tat-tajers hija fost l-industriji mħeġġa u għalhekk hija eliġibbli għall-appoġġ finanzjarju kollu possibbli.

3.4.2.4. Kalkolu tal-ammont ta' sussidju

(100) F'konformità mal-Artikolu 6(d)(ii) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni qieset il-benefiċċju mogħti lir-riċevituri bħala d-differenza bejn l-ammont li ħallsu bħala tariffa għall-ftuħ jew it-tiġdid tal-linji ta' kreditu mill-istituzzjonijiet finanzjarji Ċiniżi, u l-ammont li kienu jħallsu għal linja ta' kreditu kummerċjali komparabbli miksuba b'rata tas-suq mingħajr distorsjoni.

(101) Il-parametri referenzjarji xierqa għat-tariffa ta' arranġament u għat-tariffa ta' tiġdid ġew stabbiliti għal 1,5 % u 1,25 % rispettivament b'referenza għad-*data* disponibbli ([40]) għall-pubbliku u l-parametri referenzjarji użati f'investigazzjonijiet preċedenti elenkati fil-premessa (55) hawn fuq.

(102) Fil-prinċipju, it-tariffa ta' arranġament u t-tariffa ta' tiġdid huma pagabbli fuq bażi ta' somma f'daqqa fil-ħin tal-ftuħ ta' linja ta' kreditu ġdida jew it-tiġdid ta' linja ta' kreditu eżistenti rispettivament. Madankollu, għall-finijiet ta' kalkolu, il-Kummissjoni qieset il-linji ta' kreditu li kienu nfetħu jew li ġġeddu qabel il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami iżda li kienu disponibbli għall-gruppi inklużi fil-kampjun matul il-perjodu ta' investigazzjoni kif ukoll il-linji ta' kreditu li nfetħu matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Imbagħad, il-Kummissjoni kkalkolat il-benefiċċju abbażi tal-perjodu fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami li matulu kienet disponibbli l-linja ta' kreditu.

(103) Wara d-divulgazzjoni, Giti sostna li l-parametru referenzjarju użat ma kienx adegwat u li l-Kummissjoni serrħet b'inadegwatezza fuq linji ta' kreditu f'GBP maħruġa minn bank żgħir biex tikkonkludi li l-fatt li ma kienx hemm tariffi imposti għall-ftuħ ta' linji ta' kreditu mill-banek fiċ-Ċina kien jikkostitwixxi sussidju. Giti sostna wkoll li wħud mil-linji ta' kreditu kienu fil-fatt tiġdid ta' dawk preċedenti, madankollu fir-rigward tagħhom il-Kummissjoni applikat il-parametru referenzjarju tat-tariffa tal-ftuħ.

(104) Il-Kummissjoni ma kinitx tal-fehma li l-parametru referenzjarju użat kien ogħla b'mod mhux iġġustifikat. Bħala stat ta' fatt, kien qrib ħafna dak li ntuża f'investigazzjonijiet fil-passat u bbażat fuq informazzjoni disponibbli pubblikament. Il-fatt li l-produtturi ma joperawx f'GBP ma tqisx bħala rilevanti għall-adegwatezza tal-parametru referenzjarju magħżul, fejn dak li jgħodd huwa l-kundizzjonijiet tas-suq offruti għal teħid self ta' flus (irrispettivament mill-munita). Ulterjorment, fit-tweġiba għall-kwestjonarju Giti ma rrapporta ebda linja ta' kreditu u kien biss matul iż-żjara ta' verifika li l-Kummissjoni sabet li l-kumpanija kellha linji ta' kreditu attivi matul il-PIR. Madankollu, l-esportatur ma pprovda l-ebda prova, bħal pereżempju ftehim bil-miktub, li tindika li dawn il-linji ta' kreditu huma tiġdid ta' dawk preċedenti. Għaldaqstant, f'dawk l-istanzi, il-Kummissjoni applikat il-parametru referenzjarju tat-tariffa tal-ftuħ.

(105) Hankook sostna ulterjorment li l-Kummissjoni jenħtieġ li l-ewwel tirrikorri għad-*data* disponibbli fil-pajjiż tal-għoti tal-linji ta' kreditu. Il-kumpanija tisħaq li l-fergħa tal-Korean Bank fiċ-Ċina tipprovdi linji ta' kreditu bi ħlas ta' tariffa u għalhekk din it-tariffa jenħtieġ li tapplika għall-kalkolu tal-benefiċċju għal-linji ta' kreditu kollha tal-esportatur. Il-Kummissjoni applikat it-tariffi mill-pajjiżi terzi billi ma setgħetx issib linji ta' kreditu mogħtija lill-kumpaniji inklużi fil-kampjun li kienu soġġetti għal kwalunkwe tariffa li normalment tkun pagabbli fis-suq. Għaldaqstant, anki jekk, fil-fatt il-bank Ċiniż b'kapital barrani, jipprovdi linji ta' kreditu bi ħlas ta' tariffa, kif allegat mill-esportatur, din it-tariffa ma tkunx pagabbli jew tkun soġġetta għal distorsjonijiet kbar. Meta jitqies in-nuqqas ta' kooperazzjoni tal-banek Ċiniżi fl-investigazzjoni li tinsab għaddejja, il-Kummissjoni ma tistax tivverifika din l-informazzjoni fl-investigazzjoni attwali. Apparti minn hekk, l-esportatur ma pprovda l-ebda prova oħra, għajr parti stampata minn sit web mhux magħruf bil-Korean (tradott parzjalment) li tgħid li din it-tariffa fir-realtà tiġi imposta fiċ-Ċina. Għalhekk, din l-affermazzjoni ġiet injurata wkoll.

(106) L-ammont ta' sussidju stabbilit fir-rigward tas-self preferenzjali matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami għall-gruppi ta' kumpaniji inklużi fil-kampjun jammonta għal:

([40]) Business and Commercial Overdrafts | Metro Bank (metrobankonline.co.uk).

Linji ta' kreditu

Kumpanija/Grupp	Ammont ta' Sussidju globali
Giti Group	2,72 %
Hankook Group	0,06 %

3.4.3. *Abbozzi ta' aċċettazzjoni bankarja*

3.4.3.1. Kummenti ġenerali

(107) L-abbozzi ta' aċċettazzjoni bankarja huma prodott finanzjarju mmirat lejn l-iżvilupp ta' suq tal-flus domestiku aktar attiv billi jwessa' l-faċilitajiet ta' kreditu. Dan huwa forma ta' finanzjament fuq terminu qasir li jista' "jnaqqas il-kost tal-fondi u jtejjeb l-effiċjenza tal-kapital" tat-traent ([41]). Barra minn hekk, kif iddikjarat mill-PBOC fuq is-sit web tiegħu, *"l-abbozz tal-aċċettazzjoni bankarja jista' jiggarantixxi l-istabbiliment u t-twettiq tal-kuntratt bejn ix-xerrej u l-bejjiegħ, kif ukoll jippromwovi l-fatturat kapitali permezz tal-intervent tal-kreditu tal-Bank of China*" ([42]). Barra minn hekk, fuq is-sit web tiegħu, DBS Bank jirreklama l-abbozzi ta' aċċettazzjoni bankarja bħala mezz biex *"jittejjeb il-kapital operatorju permezz ta' differiment ta' pagamenti"* ([43]).

(108) Il-Kummissjoni diġà stabbiliet f'investigazzjoni preċedenti li l-abbozzi ta' aċċettazzjoni bankarja fil-biċċa l-kbira tagħhom jintużaw bħala mezz ta' pagament fi tranżazzjonijiet kummerċjali bħala sostitut għal ordni ta' flus, u b'hekk jiffaċilitaw il-fatturat tal-flus kontanti u l-kapital operatorju tat-traent ([44]). Minn perspettiva ta' flus kontanti, l-istrument *de facto* jagħti lil min jippreleva, data ta' pagament differita ta' sitt xhur jew sena minħabba li l-pagament attwali fi flus kontanti tal-ammont tat-tranżazzjoni jseħħ mal-maturità tal-abbozz tal-aċċettazzjoni bankarja u mhux fil-mument meta t-traent kellu jħallas lill-fornitur tiegħu. Fin-nuqqas ta' strument finanzjarju bħal dan, it-traent jew juża l-kapital operatorju tiegħu stess, li għandu kost, jew inkella jidħol f'kuntratt ta' self ta' kapital operatorju b'terminu qasir ma' bank sabiex iħallas lill-fornituri tiegħu, ukoll b'kost. Fil-fatt, billi jħallas b'abbozzi ta' aċċettazzjoni bankarja, it-traent juża l-oġġetti jew is-servizzi fornuti għal perjodu ta' tliet xhur sa sena mingħajr ma javvanza kwalunkwe flus kontanti u mingħajr ma jħallas l-ebda spiża.

(109) F'ċirkostanzi normali tas-suq, bħala strument finanzjarju, l-abbozzi ta' aċċettazzjoni bankarja jimplikaw kost ta' finanzjament għat-traent. L-investigazzjoni tar-rieżami wriet li l-GITI Group uża abbozzi ta' aċċettazzjoni bankarja matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami u ħallas biss kummissjoni għas-servizz ta' aċċettazzjoni pprovdut mill-bank, li b'mod ġenerali kien 0,05 % tal-valur nominali tal-abbozz. Madankollu, ma ġarrabx kost għall-finanzjament permezz ta' abbozzi ta' aċċettazzjoni bankarja billi ddifferixxa l-ħlas fi flus kontanti tal-provvista ta' oġġetti u servizzi. Għalhekk, il-Kummissjoni qieset li l-kumpaniji investigati tal-grupp GITI bbenefikaw minn finanzjament fil-forma ta' abbozzi ta' aċċettazzjoni bankarja li għalihom ma ġarrbu l-ebda kost. Ma nstabet l-ebda evidenza ta' benefiċċju bħal dan għal Hankook.

(110) Meta qieset dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li s-sistema ta' aċċettazzjoni bankarja fis-seħħ fir-RPĊ tat lill-produtturi esportaturi finanzjament bla ħlas tal-operazzjonijiet attwali tagħhom, li kkonferixxa benefiċċju kumpensabbli kif deskritt fil-premessi minn (115) sa (120) hawn taħt, f'konformità mal-Artikolu 3(1)(a)(i) u 3(2) tar-Regolament bażiku.

([41]) Ara s-sit web tal-People's Bank of China: https://www.boc.cn/en/cbservice/cncb6/cb61/200811/t20081112_1324239.html, aċċessat l-aħħar fit-30 ta' Awwissu 2024.
([42]) Ibid.
([43]) Ara s-sit web ta' DBS Bank: https://www.dbs.com.cn/corporate/financing/working-capital/bank-acceptance-draft-bad-issuance, aċċessat l-aħħar fit-30 ta' Awwissu 2024.
([44]) Għal deskrizzjoni aktar speċifika tal-mod li bih ġeneralment jintużaw l-abbozzi ta' aċċettazzjoni bankarja, ara l-każ tal-GFF imsemmi fin-nota 19 f'qiegħ il-paġna hawn fuq, il-premessi 359 sa 370.

(111) Il-Kummissjoni stabbiliet f'investigazzjoni preċedenti ([45]) li l-abbozzi ta' aċċettazzjoni bankarja effettivament għandhom l-istess għan u effetti bħas-self ta' kapital operatorju fuq terminu qasir, peress li dawn jintużaw minn kumpaniji sabiex jiffinanzjaw l-operazzjonijiet attwali tagħhom minflok ma jużaw self ta' kapital operatorju fuq terminu qasir, u li konsegwentement, dawn jenħtieġ li jġarrbu kost ekwivalenti għal finanzjament ta' self ta' kapital operatorju b'terminu qasir.

3.4.3.2. Speċifiċità

(112) Fir-rigward tal-ispeċifiċità, kif imsemmi fil-premessa (71), skont id-Deċiżjoni Nru 40, l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jipprovdu appoġġ ta' kreditu lill-industriji mħeġġa.

(113) Il-Kummissjoni qieset li l-abbozzi ta' aċċettazzjoni bankarja huma forma oħra ta' appoġġ finanzjarju preferenzjali mill-istituzzjonijiet finanzjarji lill-industriji mħeġġa bħall-industrija tat-tajers. Kif speċifikat fit-Taqsima 3.3 ta' hawn fuq, l-industrija tat-tajers hija fost l-industriji mħeġġa u għalhekk hija eliġibbli għall-appoġġ finanzjarju kollu possibbli. L-abbozzi ta' aċċettazzjoni bankarja, bħala forma ta' finanzjament, huma parti mis-sistema ta' appoġġ finanzjarju preferenzjali mill-istituzzjonijiet finanzjarji lill-industriji mħeġġa, bħall-industrija tat-tajers.

(114) Ma ġiet ipprovduta l-ebda evidenza li kwalunkwe impriża fir-RPĊ (minbarra fl-industriji mħeġġa) tista' tibbenefika minn abbozzi ta' aċċettazzjoni bankarja taħt l-istess termini u kundizzjonijiet preferenzjali.

3.4.3.3. Kalkolu tal-ammont ta' sussidju

(115) Għall-kalkolu tal-ammont tas-sussidju kumpensabbli, il-Kummissjoni vvalutat il-benefiċċju mogħti lir-riċevituri matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

(116) Il-Kummissjoni sabet li GITI Group uża abbozzi ta' aċċettazzjoni bankarja biex jindirizza l-ħtiġijiet tagħhom għal finanzjament fuq terminu qasir mingħajr ma ħallas remunerazzjoni.

(117) Il-Kummissjoni kkonkludiet li t-traenti tal-aċċettazzjoni bankarja jenħtieġ li jħallsu remunerazzjoni għall-perjodu ta' finanzjament. Il-Kummissjoni qieset li l-perjodu ta' finanzjament beda fid-data tal-ħruġ tal-abbozz tal-aċċettazzjoni bankarja u spiċċa fid-data tal-maturità tal-abbozz tal-aċċettazzjoni bankarja. Fir-rigward tal-abbozzi ta' aċċettazzjoni bankarja maħruġa qabel il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami u l-abbozzi ta' aċċettazzjoni bankarja b'data ta' maturità wara t-tmiem tal-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, il-Kummissjoni kkalkolat il-benefiċċju biss għall-perjodu ta' finanzjament kopert mill-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

(118) F'konformità mal-Artikolu 6(b) tar-Regolament bażiku, meta jitqies li l-abbozzi ta' aċċettazzjoni bankarja huma forma ta' finanzjament fuq terminu qasir u li effettivament għandhom l-istess skop bħas-self ta' kapital operatorju fuq terminu qasir, il-Kummissjoni qieset li l-benefiċċju mogħti lir-riċevituri huwa d-differenza bejn l-ammont li l-kumpanija kienet fil-fatt ħallset bħala remunerazzjoni tal-finanzjament permezz ta' abbozzi ta' aċċettazzjoni bankarja u l-ammont li jenħtieġ li tħallas billi tapplika rata tal-imgħax ta' finanzjament fuq terminu qasir.

(119) Il-Kummissjoni ddeterminat il-benefiċċju li jirriżulta min-nuqqas ta' ħlas ta' kost ta' finanzjament għal żmien qasir. Il-Kummissjoni kkunsidrat, kif stabbilit f'investigazzjonijiet preċedenti ([46]), li l-abbozzi ta' aċċettazzjoni bankarja jenħtieġ li jġarrbu kost ekwivalenti għal finanzjament ta' self b'terminu qasir. Għalhekk, il-Kummissjoni applikat l-istess metodoloġija bħal dik għall-finanzjament ta' self fuq terminu qasir denominat f'CNY.

(120) L-ammont ta' sussidju stabbilit fir-rigward tas-self preferenzjali matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami għall-gruppi ta' kumpaniji inklużi fil-kampjun jammonta għal:

Abbozzi ta' aċċettazzjoni bankarja

Kumpanija/Grupp	Ammont ta' Sussidju globali
Giti Group	2,09 %

([45]) Ara r-Regolament GFF imsemmi fin-nota 6 f'qiegħ il-paġna, il-premessa 385.
([46]) Ara l-premessa (55) l-ittra (c)

3.4.4. *Konklużjoni dwar self preferenzjali*

(121) L-investigazzjoni tar-rieżami wriet li ż-żewġ gruppi ta' produtturi esportaturi fil-kampjun ibbenefikaw minn self preferenzjali matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Fid-dawl tal-eżistenza ta' kontribuzzjoni finanzjarja, benefiċċju għall-produtturi esportaturi u speċifiċità, dawn is-self, il-linji ta' kreditu, u l-abbozzi ta' aċċettazzjoni bankarja jenħtieġ li jitqiesu bħala sussidju kumpensabbli.

(122) L-ammont tas-sussidju stabbilit fir-rigward tas-self preferenzjali matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami għall-gruppi ta' kumpaniji inklużi fil-kampjun jammonta għal:

Self preferenzjali

Kumpanija/Grupp	Ammont ta' Sussidju globali
Giti Group	3,48 %
Hankook Group	0,08 %

3.5. ***Assigurazzjoni tal-kreditu għall-esportazzjoni***

(123) Fit-talba, l-applikant allega li Sinosure pprovdiet assigurazzjoni ta' kreditu għall-esportazzjoni b'termini preferenzjali lill-produtturi tal-prodott ikkonċernat.

3.5.1. *Bażi legali*

(124) Il-bażi legali għas-sussidji pprovduti minn Sinosure huma dawn li ġejjin:

— l-Avviż dwar l-Implimentazzjoni tal-Istrateġija ta' Promozzjoni tal-Kummerċ permezz tax-Xjenza u t-Teknoloġija bl-Użu tal-Assigurazzjoni ta' Kreditu għall-Esportazzjoni (Shang JiFa [2004] Nru 368), maħruġ b'mod konġunt minn MOFCOM u Sinosure;

— id-Direttorju tal-Esportazzjoni ta' Prodotti ta' Teknoloġija Avvanzata u Ġdida Ċiniżi tal-2006; l-hekk imsejjaħ pjan 840 inkluż fl-Avviż mill-Kunsill tal-Istat tas-27 ta' Mejju 2009;

— l-hekk imsejjaħ pjan 421 inkluż fl-Avviż dwar il-kwistjonijiet biex jiġu implimentati arranġamenti speċjali għall-finanzjament tal-assigurazzjoni fuq l-esportazzjoni ta' settijiet sħaħ kbar ta' tagħmir, maħruġ b'mod konġunt mill-Ministeru tal-Kummerċ u l-Ministeru tal-Finanzi fit-22 ta' Ġunju 2009; u

(125) l-Avviż dwar il-Kultivazzjoni u l-Iżvilupp tal-Kunsill tal-Istat dwar l-Aċċellerazzjoni tal-Industriji Emerġenti tad-Deċiżjoni Strateġika (GuoFa[2010] Nru 32 tat-18 ta' Ottubru 2010), maħruġ mill-Kunsill tal-Istat u l-Linji Gwida ta' Implimentazzjoni tiegħu (GuoFa[2011] Nru 310 tal-21 ta' Ottubru 2011) ([47]).

3.5.2. *Sejbiet tal-investigazzjoni tar-rieżami ta' skadenza*

(126) F'investigazzjonijiet antisussidji reċenti ([48]), il-Kummissjoni sabet li Sinosure hija korp pubbliku fis-sens tal-Artikolu 2(b) tar-Regolament bażiku. B'mod partikolari, bħal fil-kuntest tas-self preferenzjali msemmi hawn fuq, il-konklużjoni li Sinosure hija mogħtija l-awtorità li teżerċita funzjonijiet governattivi hija bbażata fuq fatti disponibbli relatati mas-sjieda tal-Istat, indizji formali tal-kontroll tal-gvern kif ukoll evidenza li turi li l-GTĊ għadu jeżerċita kontroll sinifikanti fuq l-aġir ta' Sinosure.

(127) Kif ikkonfermat f'investigazzjonijiet reċenti oħra ([49]), il-gvern jeżerċita sjieda sħiħa u kontroll finanzjarju fuq Sinosure. Sinosure hija impriża individwali tal-Istat, proprjetà 100 % tal-Kunsill tal-Istat. L-Istatut ta' Assoċjazzjoni ("AoA", Articles of Association) jiddikjara li d-dipartiment kummerċjali kompetenti tal-kumpanija huwa l-Ministeru għall-Finanzi. Sinosure għandha l-obbligu li tippreżenta rapporti finanzjarji u ta' kontabbiltà u r-rapport tal-baġit fiskali lill-Ministeru għall-Finanzi għall-analiżi u l-approvazzjoni.

([47]) Ara l-premessa (148) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1647.
([48]) Ara l-premessa (54) l-ittra b)
([49]) Ara l-premessa (54) l-ittra (c)

(128) Fir-rigward tal-kontroll tal-gvern, bħala impriża individwali tal-Istat, Sinosure ma għandhiex Bord tad-Diretturi. Rigward il-Bord tas-Superviżuri, is-superviżuri kollha jinħatru mill-Kunsill tal-Istat u jeżegwixxu dmirijiethom skont ir-"Regolament Interim dwar il-Bord tas-Superviżuri ta' Istituzzjoni Finanzjarja Importanti tal-Istat." Il-maniġment superjuri ta' Sinosure huwa maħtur ukoll mill-gvern.

(129) Fl-investigazzjoni oriġinali, il-Kummissjoni sabet li Sinosure ppreżentat indizji formali ta' kontroll tal-gvern fir-rigward tal-industrija tat-tajers. Il-Kummissjoni nnotat li, skont l-Avviż dwar l-Implimentazzjoni tal-Istrateġija għall-Promozzjoni tal-Kummerċ permezz tax-Xjenza u t-Teknoloġija bl-Użu tal-Assigurazzjoni tal-Kreditu għall-Esportazzjoni, Sinosure kienet mistennija żżid l-appoġġ tagħha għal industriji ewlenin u prodotti ta' teknoloġija avvanzata. Il-prodotti msemmija huma speċifikament referenzjati fil-Katalogu tal-Esportazzjonijiet taċ-Ċina tal-2006 ta' Prodotti ta' Teknoloġija Avvanzata, li jinkludi "Tajers radjali pnewmatiċi ġodda għall-vetturi tal-passiġġieri jew tal-merkanzija (jirreferi għal tajers tal-lastiku għall-vetturi bil-mutur, wisa' trasversali ≥ 24 pulzier)," ([50]).

(130) Fit-talba, l-applikant sostna li l-Katalogu tal-Esportazzjonijiet ta' Prodotti ta' Teknoloġija Avvanzata għadu applikabbli sal-lum, mingħajr indikazzjoni ta' modifiki prevedibbli għalih.

(131) Abbażi tal-elementi ta' hawn fuq u fin-nuqqas ta' kooperazzjoni mill-GTĊ, il-Kummissjoni kkonkludiet li Sinosure hija organu pubbliku peress li hija mogħtija l-awtorità li teżerċita funzjonijiet governattivi. L-istess konklużjonijiet intlaħqu f'investigazzjonijiet antisussidji preċedenti li jikkonċernaw l-industriji mħeġġa fir-RPĊ, kif spjegat hawn fuq fil-premessa (55).

(132) Peress li Sinosure hija organu pubbliku mogħti l-awtorità mill-gvern u li jeżegwixxi l-liġijiet u l-pjanijiet governattivi, l-għoti tal-assigurazzjoni ta' kreditu għall-esportazzjoni lil produtturi tat-tajers jikkostitwixxi kontribuzzjoni finanzjarja fil-forma ta' trasferiment potenzjali dirett ta' fondi mill-gvern fis-sens tal-Artikolu 3(1)(a)(i) tar-Regolament bażiku.

3.5.3. *Benefiċċju*

(133) Abbażi tal-informazzjoni pprovduta fit-talba kif ukoll tas-sejbiet fl-investigazzjonijiet reċenti, il-Kummissjoni kkonkludiet li jeżisti benefiċċju fis-sens tal-Artikoli 3(2) u 6(c) tar-Regolament bażiku peress li Sinosure, bħala mandat ta' politika, tipprovdi assigurazzjoni ta' kreditu għall-esportazzjoni b'termini aktar favorevoli milli l-benefiċjarju normalment ikun jista' jikseb fis-suq, jew tipprovdi kopertura tal-assigurazzjoni li altrimenti ma tkun disponibbli xejn fis-suq. Speċifiċità

(134) Is-sussidji huma kontinġenti fuq il-prestazzjoni tal-esportazzjoni fis-sens tal-Artikolu 4(4)(a) tar-Regolament bażiku, u għalhekk huma speċifiċi.

3.5.4. *Kalkolu tal-ammont ta' sussidju*

(135) Instab li waħda mill-kumpaniji fil-kampjun ibbenefikat mill-iskema, jiġifieri Hankook Group. Il-Kummissjoni kkalkulat il-benefiċċju għal dan il-produttur. Il-Kummissjoni ma sabitx evidenza li Giti Group irċieva xi benefiċċju minn din l-iskema ta' sussidju.

(136) Peress li Sinosure tirrappreżenta madwar 90 % tas-suq domestiku għall-assigurazzjoni tal-esportazzjoni fir-RPĊ, il-Kummissjoni ma setgħetx issib primjum tal-assigurazzjoni domestiku bbażat fuq is-suq. F'konformità ma' investigazzjonijiet preċedenti kontra s-sussidji, il-Kummissjoni għalhekk użat l-aktar punt ta' riferiment estern xieraq, li għalih kien hemm informazzjoni faċilment disponibbli, jiġifieri r-rati tal-primjum applikati mill-Export-Import Bank ("Ex-Im Bank") tal-Istati Uniti tal-Amerika għal istituzzjonijiet mhux finanzjarji għal esportazzjonijiet lejn pajjiżi tal-OECD.

(137) Ir-rifużjonijiet tal-primjums tal-assigurazzjoni tal-esportazzjoni mogħtija matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami ġew ittrattati bħala għotja. Peress li ma kien hemm l-ebda evidenza ta' kostijiet addizzjonali mġarrba mill-kumpaniji li għalihom ikun meħtieġ aġġustament, il-benefiċċju ġie kkalkulat bħala l-ammont sħiħ tar-rifużjoni riċevut fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

([50]) Avviż tal-Ministeru għax-Xjenza u t-Teknoloġija, il-Ministeru għall-Finanzi, l-Amministrazzjoni Statali tat-Tassazzjoni u l-Amministrazzjoni Ġenerali tad-Dwana dwar il-ħruġ tal-edizzjoni tal-2006 tal-Katalogu ta' Esportazzjonijiet tal-Prodotti ta' Teknoloġija Avvanzata taċ-Ċina, (disponibbli fuq: http://policy.mofcom.gov.cn/claw/clawContent.shtml?id=4139)

(138) Wara d-divulgazzjoni finali, Hankook Group ikkummenta li fil-kalkolu, il-benefiċċju totali mill-esportazzjonijiet kollha jenħtieġ li ma jkunx allokat biss għall-esportazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat fl-Unjoni. Il-Kummissjoni kkoreġiet l-iżball, mingħajr ma dan kellu xi effett sinifikanti ta' bidla fuq l-ammont tas-sussidjar li ġie kkonstatat, u attribwiet il-benefiċċju għall-fatturat totali tal-esportazzjonijiet kollha.

(139) L-ammont ta' sussidju stabbilit fir-rigward ta' din l-iskema matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami għall-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun jammonta għal:

Finanzjament u assigurazzjoni preferenzjali: assigurazzjoni ta' kreditu għall-esportazzjoni

Kumpanija/Grupp	Rata ta' Sussidju
Hankook Group	0,02 %

3.6. **Forniment ta' inputs b'remunerazzjoni inqas minn adegwata**

(140) L-ebda wieħed mill-produtturi tal-lastiku naturali, tal-lastiku sintetiku, tal-iswed tal-karbonju u tal-korda tan-najlon li kien ipprovda inputs lill-kumpaniji fil-kampjun ma wieġeb għall-kwestjonarji speċifiċi, li l-Kummissjoni kienet talbet lill-GTC biex jgħaddilhom.

(141) Peress li l-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda informazzjoni dwar il-governanza korporattiva tal-produtturi tal-Istat li pprovdew inputs lill-kumpaniji fil-kampjun, u l-ebda informazzjoni speċifika għall-kumpanija dwar l-iffissar tal-prezzijiet tal-inputs ipprovduti mill-forniturituri tal-inputs lill-kumpaniji fil-kampjun, il-Kummissjoni kellha tibbaża fuq il-fatti disponibbli għas-sejbiet tagħha dwar il-forniment ta' lastiku naturali, lastiku sintetiku, iswed tal-karbonju u korda tan-najlon b'remunerazzjoni inqas minn adegwata f'konformità mal-Artikolu 28(1) tar-Regolament bażiku.

3.6.1. *Forniment ta' elettriku b'remunerazzjoni inqas minn dik adegwata*

(142) Il-kumpaniji kollha fil-kampjun xtraw l-elettriku abbażi ta' kuntratt mal-forniturituri tal-enerġija. Il-prezzijiet tax-xiri tal-elettriku mill-grilja segwew il-livelli tal-prezzijiet stabbiliti uffiċjalment iffissati fil-livell provinċjali għal klijenti industrijali kbar. Kif ġie ddeterminat f'investigazzjonijiet preċedenti ([51]), minkejja l-impjantazzjoni tar-riforma li tikkonċerna l-liberalizzazzjoni tal-prezz tas-suq għall-enerġija, is-suq tax-xiri tal-elettriku għadu rregolat ħafna.

(143) Matul l-investigazzjoni tar-rieżami, il-Kummissjoni stabbiliet li l-kumpaniji fil-kampjun ibbenefikaw minn tnaqqis jew rifużjonijiet ta' parti mill-kost tal-elettriku tagħhom.

3.6.1.1. Bażi legali

(144) Il-bażi legali hija s-segwenti:

— Iċ-Ċirkolari tal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Iżvilupp u r-Riforma u l-Amministrazzjoni Nazzjonali tal-Enerġija dwar il-Promozzjoni Attiva tat-Tranżazzjonijiet tal-Enerġija orjentati lejn is-Suq u Titjib Ulterjuri tal-Mekkaniżmu tal-Kummerċ, Fa Gua Yun Xing [2018] Nru 1027, maħruġ fis-16 ta' Lulju 2018;

— Diversi Opinjonijiet tal-Kumitat Ċentrali tal-Partit Komunista taċ-Ċina u tal-Kunsill tal-Istat dwar Aktar Approfondiment tar-Riforma tas-Sistema tal-Enerġija (Zhong Fa [2015] Nru 9);

([51]) Il-premessi (560) – (572) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2287 tas-17 ta' Diċembru 2021 li jimponi dazji kompensatorji definittivi fuq l-importazzjonijiet ta' fojl tal-aluminju għall-modifikazzjoni li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2170 li jimponi dazji anti-dumping definittivi fuq l-importazzjonijiet ta' fojl tal-aluminju għall-modifikazzjoni li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L 458, 22.12.2021, p. 344). Il-premessi (524) – (530) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/72 tat-18 ta' Jannar 2022 li jimponi dazji kompensatorji definittivi fuq l-importazzjonijiet ta' kejbils fibrottiċi li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/2011 li jimponi dazji anti-dumping definittivi fuq l-importazzjonijiet ta' kejbils fibrottiċi li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L 12, 19.1.2022, p. 34).

— Avviż dwar il-Liberalizzazzjoni Sħiħa tal-Pjan tal-Ġenerazzjoni u l-Konsum tal-Elettriku għall-Utenti Kummerċjalment Operattivi (il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Iżvilupp u r-Riforma [2019] Nru. 1105);

— Ir-Regoli għan-Negozjar tal-Elettriku għal Tranżazzjonijiet fuq Terminu Medju u Twil fil-Provinċja ta' Jiangsu;

— Miżuri interim dwar il-proġett pilota għall-elettriku dirett għal utenti ewlenin tal-elettriku ta' Jiangsu u impriżi tal-ġenerazzjoni tal-enerġija, maħruġa mill-Kummissjoni Ekonomika u tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni ta' Jiangsu, it-13 ta' Mejju 2014;

— Avviż dwar l-Offerti tal-Elettriku u l-Internet tal-Provinċja ta' Jiangsu Marzu-April 2017;

— Avviż ta' ħruġ tal-iskema pilota ta' negozjar dirett tal-elettriku f'Chongqing, Uffiċċju ta' Yu Fu [2016] Nru 167.

— Avviż dwar l-Approfondiment Ulterjuri tar-Riforma orjentata lejn is-Suq tal-Prezzijiet tal-Elettriku fil-Grilja għall-Ġenerazzjoni tal-Enerġija mill-Faħam mir-Riforma tal-Prezzijiet tal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Iżvilupp u r-Riforma [2021] Nru 1439

3.6.1.2. Sejbiet tal-investigazzjoni ta' rieżami

(145) Il-Kummissjoni stabbiliet li l-kumpaniji inklużi fil-kampjun xtraw l-elettriku u bbenefikaw minn tnaqqis jew rifużjonijiet/aġġustamenti ta' parti mill-kost tal-elettriku tagħhom billi dawn il-kumpaniji pparteċipaw fil-programm pilota għat-tranżazzjonijiet tal-elettriku orjentati lejn is-suq.

(146) Meta wieħed iqis li ma kien hemm l-ebda kooperazzjoni mill-GTĊ, il-Kummissjoni qagħdet fuq l-informazzjoni mill-investigazzjoni oriġinali. Il-Kummissjoni sabet ukoll li l-kumpaniji investigati jitħallew jixtru l-elettriku direttament mingħand il-ġeneraturi tal-enerġija billi jiffirmaw ftehimiet ta' xiri dirett, minflok jixtru mill-grilja. Tali kuntratti jipprevedu ċerta kwantità ta' elettriku bi prezz partikolari, li huwa inqas mill-prezzijiet uffiċjali stabbiliti fil-livell provinċjali għall-utenti industrijali kbar.

(147) Kif ġie stabbilit fl-investigazzjonijiet preċedenti ([52]), il-possibbiltà li wieħed jidħol f'kuntratti diretti bħal dawn bħalissa mhijiex miftuħa għall-konsumaturi industrijali kbar kollha. Fil-livell nazzjonali, l-Opinjonijiet tal-Kumitat Ċentrali tal-Partit Komunista taċ-Ċina u tal-Kunsill tal-Istat dwar l-Approfondiment Ulterjuri tar-Riforma tas-Sistema tal-Enerġija jispeċifikaw pereżempju li "l-intrapriżi li ma jikkonformawx mal-politika industrijali nazzjonali u li l-prodotti u l-proċessi tagħhom jiġu eliminati ma għandhomx jipparteċipaw fi tranżazzjonijiet diretti" ([53]). L-istess Opinjonijiet jistipulaw ukoll li *"wara li jiġu ddeterminati l-istandards tal-aċċess, għandhom jiġu aġġornati wkoll il-katalogi tal-intrapriżi lokali tal-ġenerazzjoni tal-enerġija u l-bejjiegħa bl-imnut tal-elettriku li jissodisfaw l-istandards li jiġu ppubbliċizzati kull sena mill-gvernijiet u jimplimentaw regolamentazzjoni dinamika tal-katalogu tal-utenti. L-intrapriżi tal-ġenerazzjoni tal-enerġija, il-bejjiegħa bl-imnut tal-elettriku u l-utenti inklużi fil-katalogu jistgħu jirreġistraw b'mod volontarju mal-istituzzjonijiet kummerċjali biex isiru atturi fis-suq"*. Għalhekk, sabiex tipparteċipa fis-sistema ta' kummerċ dirett, kumpanija jenħtieġ li tissodisfa ċerti standards u tkun inkluża fil-"katalogu tal-utenti".

(148) Fil-prattika, il-kummerċ dirett tal-elettriku jitwettaq mill-provinċji. Il-kumpaniji jridu japplikaw mal-awtoritajiet provinċjali għall-approvazzjoni sabiex jipparteċipaw fl-iskema pilota tal-elettriku dirett, u jridu jissodisfaw ċerti kriterji. Għal ċerti kumpaniji, fil-fatt ma hemm l-ebda proċess ta' negozjar jew ta' offerti, peress li l-kwantitajiet mixtrija b'kuntratti diretti mhumiex ibbażati fuq il-provvista u d-domanda reali. Fil-fatt, il-ġeneraturi tal-enerġija u l-utenti tal-enerġija mhumiex ħielsa li jbigħu jew jixtru direttament l-elettriku kollu tagħhom. Dawn huma ristretti minn kwoti kwantitattivi, li huma allokati lilhom mill-gvern lokali. Barra minn hekk, għalkemm il-prezzijiet suppost jiġu nnegozjati direttament bejn il-ġeneraturi tal-enerġija u l-utenti tal-enerġija jew permezz ta' kumpaniji intermedjarji tas-servizzi, il-fatturi lill-kumpaniji fil-fatt jinħarġu mill-Kumpanija tal-Grilja Statali. Fl-aħħar nett, il-kuntratti kollha ta' xiri dirett iffirmati jridu jiġu ppreżentati lill-gvern lokali għar-reġistrazzjoni.

([52]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2287 tas-17 ta' Diċembru 2021 li jimponi dazji kompensatorji definittivi fuq l-importazzjonijiet ta' fojl tal-aluminju għall-modifikazzjoni li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2170 li jimponi dazji anti-dumping definittivi fuq l-importazzjonijiet ta' fojl tal-aluminju għall-modifikazzjoni li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina C/2021/9713, (ĠU L 458, 22.12.2021, p. 344).

([53]) Diversi Opinjonijiet tal-Kumitat Ċentrali tal-Partit Komunista taċ-Ċina u tal-Kunsill tal-Istat dwar l-Approfondiment Ulterjuri tar-Riforma tas-Sistema tal-Enerġija (Zhong Fa [2015] Nru. 9), it-Taqsima III (4).

(149) Fl-2018, il-GTĊ ħareġ iċ-Ċirkolari tal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Iżvilupp u r-Riforma u tal-Amministrazzjoni Nazzjonali tal-Enerġija dwar il-Promozzjoni Attiva tat-Tranżazzjonijiet tal-Enerġija orjentati lejn is-Suq u t-Titjib Ulterjuri tal-Mekkaniżmu tan-Negozjar. Għalkemm iċ-Ċirkolari għandha l-għan li żżid l-għadd ta' tranżazzjonijiet diretti fis-suq tal-elettriku, hija ssemmi speċifikament ċerti industriji, inklużi l-industriji tat-teknoloġija avvanzata bħall-industrija tat-tajers, kif appoġġati u li jibbenefikaw mil-liberalizzazzjoni tas-suq tal-elettriku. B'mod partikolari, it-Taqsima III. "Ftuħ biex ikunu jistgħu jidħlu l-utenti li jissodisfaw ir-rekwiżiti", il-punt (2) jipprevedi li "jiġu appoġġati industriji emerġenti b'valur miżjud għoli, bħall-industriji tat-teknoloġija avvanzata, l-internet, il-big data u l-industriji tal-manifattura ta' livell għoli, kif ukoll intraprizi b'vantaġġi u karatteristiċi distinti u kontenut ta' teknoloġija għolja, biex jipparteċipaw fi tranżazzjonijiet, ħielsa minn restrizzjonijiet tal-livelli ta' vultaġġ u fuq il-konsum tal-enerġija".

(150) Barra minn hekk, skont l-Avviż dwar il-Liberalizzazzjoni Totali tal-Pjan tal-Ġenerazzjoni u l-Konsum tal-Elettriku għall-Utenti Operattivi b'mod Kummerċjali, li għandu l-għan li jilliberalizza aktar is-suq tal-elettriku, dan jipprevedi li "fost l-utenti kummerċjali tal-elettriku, dawk li ma jikkonformawx mal-politiki nazzjonali tal-industrija ma għandhomx jipparteċipaw b'mod provviżorju fi tranżazzjonijiet orjentati lejn is-suq, u l-utenti tal-elettriku li l-prodotti u l-proċessi tagħhom jappartjenu għall-kategoriji eliminati u ristretti tal-'Katalogu ta' Gwida għall-Aġġustament Strutturali tal-Industrija' għandhom jimplimentaw b'mod strett il-politika attwali dwar il-prezzijiet differenzjali għall-elettriku."

(151) Għalhekk, il-leġiżlazzjoni tipprevedi applikazzjoni selettiva ta' tranżazzjonijiet diretti fis-suq tal-elettriku limitati għal ċerti industriji bħall-industriji li jikkonformaw mal-politiki nazzjonali tal-industrija, b'enfasi partikolari fuq l-industriji tat-teknoloġija avvanzata. B'riżultat ta' dan, dawn l-industriji jħallsu prezzijiet orħos għall-elettriku.

(152) Għalhekk, il-Kummissjoni qieset li r-rata mnaqqsa tal-elettriku u r-rifużjonijiet/aġġustamenti li jirriżultaw min-negozjar dirett tal-elettriku, li fihom ipparteċipaw il-kumpaniji inklużi fil-kampjun jikkostitwixxu sussidju fis-sens tal-Artikolu 3(1)(a)(ii) u l-Artikolu 3(2) tar-Regolament bażiku. Hemm kontribuzzjoni finanzjarja fil-forma ta' dħul mitluf mill-GTĊ (jiġifieri l-operatur tal-grilja) li tagħti benefiċċju lill-kumpaniji kkonċernati. Il-benefiċċju għar-riċevituri huwa ugwali għall-iffrankar tal-kost tal-elettriku, jew permezz ta' prezzijiet tal-elettriku mnaqqsa jew permezz ta' rifużjonijiet/aġġustamenti, peress li l-elettriku ġie pprovdut bi prezz anqas mill-prezz normali tal-grilja mħallas minn utenti industrijali kbar oħrajn li ma setgħux jibbenefikaw mill-provvista diretta jew ma kinux parti mill-proġett pilota għall-provvista diretta.

(153) Dan is-sussidju huwa speċifiku fis-sens tal-Artikolu 4(2)(a) tar-Regolament bażiku peress li l-leġiżlazzjoni nnifisha tillimita l-applikazzjoni ta' din l-iskema biss għal intraprizi li jikkonformaw ma' ċerti objettivi tal-politika industrijali determinati mill-Istat u li l-prodotti jew il-proċessi tagħhom jitqiesu eliġibbli.

(154) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-iskema ta' sussidju kienet fis-seħħ matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami u li hija speċifika fis-sens tal-Artikoli 4(2)(a) u 4(3) tar-Regolament bażiku.

3.6.1.3. Kalkolu tal-ammont ta' sussidju

(155) L-ammont ta' sussidju kumpensabbli ġie kkalkulat f'termini tal-benefiċċju mogħti lir-riċevituri matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Dan il-benefiċċju ġie kkalkulat bħala d-differenza bejn il-prezz totali tal-elettriku pagabbli skont ir-rata normali tal-grilja u l-prezz totali tal-elettriku pagabbli skont ir-rata mnaqqsa.

(156) Wara d-divulgazzjoni finali, Hankook sostna li fil-kalkolu għal kumpanija waħda mill-grupp, CHKT, il-Kummissjoni ma użatx il-verżjoni riveduta tal-fajl ippreżentat mill-kumpanija għat-tweġiba għall-kwestjonarju. Il-kumpanija inizjalment ikkalkulat it-tariffi applikabbli għall-ammonti mħallsa għall-elettriku abbażi tar-rati li jeskludu t-tariffi tal-gvern, mentri r-rati tal-grilja jinkludu dawn it-tariffi. Għaldaqstant, qabel iż-żjara ta' verifika, il-kumpanija ppreżentat il-verżjoni riveduta tal-prezzijiet tal-elettriku mħallsa minn CHKT. CHKT sostniet li l-Kummissjoni jenħtieġ li tikkalkula l-benefiċċju abbażi tar-rati riveduti. Il-Kummissjoni analizzat din l-affermazzjoni u kkonstatat li hija rilevanti. Għaldaqstant, il-Kummissjoni kkoreġiet l-iżball u kkalkulat li l-benefiċċju bbażat fuq ir-rati mħallsa minn CHKT inklużi t-tariffi tal-gvern.

(157) Apparti hekk, Hankook allega li l-Kummissjoni applikat il-metodu tal-"azzerar" b'mod skorrett u injurat it-tranżazzjonijiet fuq bażi ta' kull xahar fejn il-benefiċċju ma ġiex ikkonstatat. Il-Kummissjoni fakkret li l-benefiċċju ġie kkalkulat b'kunsiderazzjoni ta' kull tranżazzjoni u mbagħad ipparagunat l-ammonti mar-rati tal-grilja biex tivverifika jekk is-servizz ġiex provdut lill-kumpanija b'remunerazzjoni anqas minn adegwata. It-tqabbil sar bejn l-istess servizzi jew dawk l-aktar simili, pereżempju bejn l-istess rata (quċċata għolja, quċċata, normali, wied), perjodu u erja. Għaldaqstant, fl-istanzi li fihom ma nstabx benefiċċju, dawn it-tranżazzjonijiet ma ġewx ikkunsidrati fil-benefiċċju totali. Il-Kummissjoni ma sabet l-ebda raġuni li l-metodu ta' tpaċija affermat mill-kumpanija jenħtieġ li jiġi ġġustifikat u applikat għall-kalkolu tal-ammont ta' sussidju; għaldaqstant l-affermazzjoni ġiet injurata.

(158) L-ammont ta' sussidju stabbilit fir-rigward ta' din l-iskema matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami għall-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun jammonta għal:

Forniment ta' elettriku b'remunerazzjoni inqas minn dik adegwata

Kumpanija/Grupp	Rata ta' Sussidju
Giti Group	0,20 %
Hankook Group	0,03%

3.6.2. *Drittijiet tal-użu tal-art ("LUR", Land Use Rights)*

3.6.2.1. Introduzzjoni

(159) Fl-investigazzjoni oriġinali, il-Kummissjoni stabbiliet li l-industrija tat-tajers fir-RPĊ ibbenefikat mill-provvista tal-art u, b'mod aktar speċifiku, mill-għoti ta' drittijiet għall-użu tal-art b'remunerazzjoni inqas minn adegwata.

3.6.2.2. Bażi legali

(160) Fiċ-Ċina, l-għoti tad-dritt għall-użu tal-art jaqa' taħt il-Liġi dwar l-Amministrazzjoni tal-Artijiet tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina. Barra minn hekk, id-dokumenti li ġejjin huma wkoll parti mill-bażi legali:

(1) Il-Liġi dwar il-Proprjetà tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (Ordni tal-President tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina Nru 62) ([54]);

(2) Il-Liġi dwar l-Amministrazzjoni tal-Artijiet tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (Ordni tal-President tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina Nru 28) ([55]);

(3) Il-Liġi tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina dwar l-Amministrazzjoni tal-Proprjetà Immobbli Urbana (Ordni tal-President tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina Nru 29) ([56]);

(4) Ir-Regolamenti Interim tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina li Jirrigwardaw l-Għoti u t-Trasferiment tad-Dritt għall-Użu ta' Art tal-Istat fiż-Żoni Urbani (id-Digriet Nru 55 tal-Kunsill tal-Istat tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina) ([57]);

(5) Ir-Regolament dwar l-Implimentazzjoni tal-Liġi dwar l-Amministrazzjoni tal-Artijiet tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (l-Ordni tal-Kunsill tal-Istat tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina [2014] Nru 653) ([58]);

(6) Dispożizzjoni dwar l-Assenjazzjoni tad-Dritt tal-Użu tal-Art għall-Kostruzzjoni tal-Istat permezz ta' Stedina għall-Offerti, Irkant u Kwotazzjoni (Avviż Nru 39 tas-CSRC) ([59]); u

([54]) Ara l-Liġi tal-Proprjetà tar-RPĊ tas-16 ta' Marzu 2007, disponibbli fuq: http://www.npc.gov.cn/zgrdw/englishnpc/Law/2009-02/20/content_1471118.htm.
([55]) Ara r-Regolament dwar l-Implimentazzjoni tal-Liġi dwar l-Amministrazzjoni tal-Art tar-RPĊ tas-27 ta' Diċembru 1998, kif emendata, disponibbli fuq: https://www.fao.org/faolex/results/details/en/c/LEX-FAOC170451,.
([56]) Ara https://law.pkulaw.com/chinalaw/d8db5e659bc282b9bdfb.html.
([57]) Ara https://law.pkulaw.com/chinalaw/66cde758ad66f43bbdfb.html.
([58]) Ara https://law.pkulaw.com/chinalaw/6ef282863f024c04bdfb.html.
([59]) https://law.pkulaw.com/chinalaw/58891db210496a5fbdfb.html?keyword=%E5%9B%BD%E6%9C%89%E5%BB%BA%E8%AE%BE%E7%94%A8%E5%9C%B0%E4%BD%BF%E7%94%A8%E6%9D%83.

(7) Avviż tal-Kunsill tal-Istat dwar il-Kwistjonijiet Rilevanti Rigward it-Tisħiħ tal-Kontroll tal-Art (Guo Fa (2006) Nru 31) ([60])

3.6.2.3. Sejbiet tal-investigazzjoni ta' rieżami

(161) Skont l-Artikolu 10 tad-"Dispożizzjoni dwar l-Assenjazzjoni tad-Dritt tal-Użu tal-Art tal-Istat għall-Kostruzzjoni permezz ta' Stedina, Irkant u Kwotazzjoni", l-awtoritajiet lokali jistabbilixxu prezzijiet tal-art skont is-sistema ta' evalwazzjoni tal-art urbana, li tiġi aġġornata biss kull tliet snin, u l- politika industrijali tal-gvern.

(162) F'investigazzjonijiet preċedenti ([61]), il-Kummissjoni sabet li l-prezzijiet imħallsa għal-LURs fir-RPĊ ma kinux rappreżentattivi ta' prezz tas-suq iddeterminat mill-provvista u d-domanda tas-suq ħieles, peress li s-sistema tal-irkantar instabet li ma kinitx ċara, mhux trasparenti u ma kinitx qiegħda tiffunzjona fil-prattika, u l-prezzijiet instabu li kienu stabbiliti b'mod arbitrarju mill-awtoritajiet. Kif imsemmi fil-premessa preċedenti, l-awtoritajiet jistabbilixxu l-prezzijiet skont is-sistema ta' valutazzjoni tal-art urbana, li tagħtihom struzzjonijiet fost kriterji oħra biex jikkunsidraw ukoll il-politika industrijali meta jistabbilixxu l-prezz tal-art industrijali.

(163) Fil-kuntest tal-aċċess preferenzjali għall-art industrijali għall-kumpaniji li jappartjenu għal ċerti industriji, il-Kummissjoni nnotat li l-prezz stabbilit mill-awtoritajiet lokali jrid iqis il-politika industrijali tal-gvern, kif imsemmi hawn fuq. Fi ħdan din il-politika industrijali, l-industrija tat-Tajers hija elenkata bħala industrija mħeġġa. Barra minn hekk, skont id-Deċiżjoni Nru 40 tal-Kunsill tal-Istat, l-awtoritajiet pubbliċi għandhom iqisu "Il-Katalogu ta' Gwida tar-Ristrutturar Industrijali" u l-politiki industrijali meta jipprovdu l-art. L-Artikolu XVIII tad-Deċiżjoni Nru. 40 jagħmilha ċara li l-industriji li huma "ristretti" mhux se jkollhom aċċess għad-drittijiet tal-użu tal-art. Minn dan isegwi li s-sussidju huwa speċifiku skont l-Artikolu 4(2)(a) u 4(2)(c) tar-Regolament bażiku minħabba li l-provvista preferenzjali tal-art hija limitata għal kumpaniji li jappartjenu għal ċerti industriji, f'dan il-każ l-industrija tat-tajers, u l-prattiki tal-gvern f'dan il-qasam mhumiex ċari u mhumiex trasparenti.

(164) L-investigazzjoni tar-rieżami ma wriet l-ebda bidla notevoli fir-rigward tal-produtturi inklużi fil-kampjun. Produttur esportatur wieħed biss minn Giti Group xtara roqgħa art ġdida sa tmiem il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

(165) Is-sejbiet ta' din l-investigazzjoni jikkonfermaw li s-sitwazzjoni li tikkonċerna l-provvista u l-akkwist tal-art fir-RPĊ mhijiex trasparenti u l-prezzijiet ġew stabbiliti b'mod arbitrarju mill-awtoritajiet.

3.6.2.4. Kalkolu tal-ammont ta' sussidju

(166) Bħal f'investigazzjonijiet preċedenti ([62]) u f'konformità mal-Artikolu 6(d)(ii) tar-Regolament bażiku, il-prezzijiet tal-art mit-Territorju Doganali Separat tat-Tajwan, ta' Penghu, Kinmen u Matsu ("it-Tajwan") intużaw bħala punt ta' riferiment estern ([63]). Il-benefiċċju mogħti lir-riċevituri jiġi kkalkulat billi titqies id-differenza bejn l-ammont effettivament imħallas minn kull wieħed mill-produtturi esportaturi fil-kampjun (jiġifieri, il-prezz attwali mħallas kif iddikjarat fil-kuntratt u, meta applikabbli, il-prezz iddikjarat fil-kuntratt imnaqqas bl-ammont ta' rifużjonijiet/għotjiet tal-gvern lokali) għad-drittijiet tal-użu tal-art u l-ammont li normalment kellu jitħallas abbażi tal-parametru referenzjarju tat-Tajwan.

(167) Il-Kummissjoni qieset lit-Tajwan bħala parametru referenzjarju estern xieraq għar-raġunijiet li ġejjin:

(a) il-livell komparabbli ta' żvilupp ekonomiku, il-PDG u l-istruttura ekonomika fit-Tajwan u l-parti l-kbira mill-provinċji u l-ibliet fir-RPĊ fejn huma bbażati l-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun;

(b) il-prossimità fiżika tar-RPĊ u tat-Tajwan;

(c) il-livell għoli ta' infrastruttura industrijali kemm fit-Tajwan kif ukoll f'ħafna provinċji tar-RPĊ;

(d) ir-rabtiet ekonomiċi u l-kummerċ transfruntier b'saħħithom bejn it-Tajwan u r-RPĊ;

(e) id-densità għolja tal-popolazzjoni f'ħafna mill-provinċji tar-RPĊ u fit-Tajwan;

([60]) Ara https://www.gov.cn/zwgk/2006-09/05/content_378186.htm.
([61]) Ara l-premessa (55) l-ittra (c).
([62]) Ara l-premessa (55)(54)() l-ittra c).
([63]) Ikkonfermat mill-Qorti Ġenerali fil-Kawża T-444/11 Gold East Paper u Gold Huacheng Paper vs Il-Kunsill, Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-11 ta' Settembru 2014 ECLI:EU:T:2014:773.

(f) is-similarità bejn it-tip ta' art u t-tranżazzjonijiet użati għat-tiswir tal-valur referenzjarju rilevanti fit-Tajwan ma' dawk tar-RPĊ; u

(g) il-karatteristiċi demografiċi, lingwistiċi u kulturali komuni bejn it-Tajwan u r-RPĊ.

(168) Wara l-metodoloġija applikata fl-investigazzjonijiet preċedenti ([64]) ([65]), il-Kummissjoni użat il-prezz medju tal-art għal kull metru kwadru stabbilit fit-Tajwan ikkoreġut għall-inflazzjoni u l-evoluzzjoni tal-PDG mid-dati tal-kuntratti LUR rispettivi. L-informazzjoni dwar il-prezzijiet tal-art industrijali mill-2015 'l hawn inkisbet mis-sit web tal-Uffiċċju Industrijali tal-Ministeru għall-Affarijiet Ekonomiċi tat-Tajwan ([66]). Għas-snin preċedenti, il-prezzijiet ġew ikkoreġuti bl-użu tar-rati tal-inflazzjoni u l-evoluzzjoni tal-PDG per capita bil-prezzijiet attwali f'USD għat-Tajwan kif ippubblikati mill-FMI għall-2015.

(169) Wara d-divulgazzjoni, iż-żewġ produtturi esportaturi allegaw li t-Tajwan mhuwiex parametru referenzjarju xieraq minħabba li, fost affarijiet oħra, it-Tajwan ma għandux l-istess livell ta' żvilupp ekonomiku; minflok hemm pajjiżi oħra bl-istess livell ta' infrastruttura industrijali. Hankook Group sostna li jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrikorri għat-Tajlandja bħala parametru referenzjarju xieraq, kif sar mir-Renju Unit. Giti sostna li t-Tajwan bħala parametru referenzjarju ma kienx xieraq billi dan ukoll ma jirriflettix il-kundizzjonijiet tas-suq fir-RPĊ u li l-prezzijiet tal-art ma ġew aġġustati bl-ebda mod biex iqisu l-kundizzjonijiet tas-suq fiċ-Ċina kontinentali.

(170) Il-Kummissjoni kienet tal-fehma li l-għażla tat-Tajwan bħala parametru referenzjarju estern adattat kienet ibbażata fuq l-analiżi ta' diversi fatturi elenkati fil-premessa (168) tar-Regolament u fl-investigazzjoni riċenti ([67]) li ġġustifikat l-għażla tagħha bħala parametru referenzjarju validu, inkluż il-kunsiderazzjoni tal-paragun taż-żoni industrijali fit-Tajwan mal-provinċji industrijali rilevanti fiċ-Ċina. Il-Kummissjoni kkunsidrat li, anki kieku kien hemm ċertu differenzi fil-kundizzjonijiet tas-suq bejn id-drittijiet tal-użu tal-art fiċ-Ċina kontinentali u l-bejgħ tal-art fit-Tajwan, dawn ma kinux ikunu ta' natura li jxejnu l-għażla ta' Tajwan bħala parametru referenzjarju validu. Il-Kummissjoni ma setgħetx tidentifika, matul l-investigazzjoni, xi parametru referenzjarju xieraq ieħor jew metodu ta' aġġustament li altrimenti jirrifletti b'mod xieraq dawn id-differenzi fil-kundizzjonijiet tas-suq. Barra minn hekk, il-Kummissjoni kkonkludiet fir-rigward tal-parametru referenzjarju abbażi tal-valutazzjoni tagħha stess u r-riżultat tal-investigazzjoni u mhux abbażi tas-sejbiet tal-pajjiżi terzi fil-proċeduri proprji tagħhom. Abbażi ta' dan, l-affermazzjoni kellha tiġi rrifjutata.

(171) Giti sostna li r-roqgħa art li Giti akkwista d-drittijiet tagħha matul il-PIR jenħtieġ li ma tiġix ikkunsidrata fil-kalkolu tal-benefiċċju billi ma tintużax għall-finijiet tal-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat. Il-kumpanija stess tammetti li l-iskop tal-akkwiżizzjoni tal-art huwa biex tibni fabbrika ġdida u eventwalment tittrasferixxi l-produzzjoni f'dan il-post. Is-sempliċi fatt li l-produzzjoni ma sseħħx f'dak il-waqt mhuwiex rilevanti għall-ammont ta' sussidju riċevut mill-kumpanija. Il-kumpanija gawdiet mill-benefiċċju u għalhekk din ir-roqgħa art ġiet inkluża wkoll fil-kalkolu tal-ammont ta' sussidju matul il-PIR. L-affermazzjoni ġiet injurata.

(172) Skont l-Artikolu 7(3) tar-Regolament bażiku, l-ammont ta' sussidju ġie allokat għall-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami bl-użu tal-ħajja normali tad-drittijiet tal-użu tal-art għall-użu industrijali tal-art, jiġifieri 50 sena. Dan l-ammont imbagħad ġie allokat fuq il-fatturat totali rispettiv tal-kumpanija matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, minħabba li s-sussidju mhuwiex kontinġenti fuq il-prestazzjoni tal-esportazzjoni u ma ngħatax b'referenza għall-kwantitajiet manifatturati, prodotti, esportati jew trasportati.

([64]) Ara l-premessa (55)() l-ittra c), ara b'mod partikolari l-investigazzjoni tal-GFF.
([65]) Ara r-Regolament dwar il-GFF, in-nota (6) f'qiegħ il-paġna, il-premessi (506) u (507).
([66]) https://lvr.land.moi.gov.tw, aċċessat l-aħħar fl-31 ta' Mejju 2024.
([67]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2754 tad-29 ta' Ottubru 2024 li jimponi dazju kumpensatorju definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' vetturi elettriċi ġodda bil-batterija ddisinjati għat-trasport ta' persuni li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (L2024/2754), il-premessi (451) – (464)

(173) L-ammont ta' sussidju stabbilit fir-rigward ta' dan is-sussidju matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami għall-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun jammonta għal:

Għoti ta' Drittijiet għall-użu tal-art għal prezz inferjuri għall-valur adegwat

Kumpanija/Grupp	Rata ta' Sussidju
Giti Group	2,44 %
Hankook Group	0,96 %

3.7. Programmi ta' tnaqqis u ta' eżenzjoni diretta mit-taxxa

3.7.1. *Kummenti ġenerali*

(174) Skont il-Liġi tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina dwar it-Taxxa fuq l-Introjtu tal-Intrapriżi ("il-Liġi EIT"), intrapriżi ta' teknoloġija avvanzata u ġdida li għalihom l-Istat jeħtieġ li jagħti appoġġ ewlieni jingħataw tnaqqis fir-rata tat-taxxa fuq l-introjtu tal-intrapriżi ta' 15 % minflok ir-rata ta' taxxa standard ta' 25 %.

(175) Fl-investigazzjoni oriġinali, il-Kummissjoni stabbiliet li l-produtturi tat-tajers kienu qed jirċievu sussidji kumpensabbli fil-forma ta' trattament preferenzjali taħt programmi u politiki ta' taxxa fuq l-introjtu u ta' taxxa diretta oħra.

(176) Fir-rigward ta' tliet programmi speċifiċi (jiġifieri, il-privileġġi tat-Taxxa fuq l-Introjtu tal-Intrapriżi (EIT) għall-Prodotti tar-Riżorsi mill-Użu Sinerġistiku; Tpaċija tal-EIT għall-ispejjeż tar-riċerka u l-iżvilupp; u l-eżenzjonijiet mit-taxxa fuq l-Użu tal-art), il-Kummissjoni, meta qieset in-nuqqas ta' kooperazzjoni mill-GTC, ibbażat is-sejbiet tagħha dwar il-bażi legali, l-eliġibbiltà, in-natura tas-sussidju u l-ispeċifiċità tiegħu fuq is-sejbiet minn investigazzjonijiet preċedenti ([68]) u t-tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarju tal-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun. Bħala tali, il-Kummissjoni setgħet tikkalkula r-rati ta' sussidju individwali għall-produtturi esportaturi fil-kampjun.

(177) Instab li l-programmi ta' introjtu u programmi oħra ta' taxxa diretta kienu sussidji fis-sens tal-Artikolu 3(1)(a)(ii) u l-Artikolu 3(2) tar-Regolament bażiku fil-forma ta' dħul tal-gvern mitluf li jagħti benefiċċju lill-kumpaniji riċevituri.

3.7.2. *Bażi legali*

(178) Il-bażi legali ta' dan il-programm hija l-Artikolu 28 u l-Artikolu 30(1) tal-Liġi dwar l-EIT u l-Artikolu 93 tar-Regoli ta' Implimentazzjoni għal-Liġi dwar l-EIT, kif ukoll:

— Ċirkolari tal-Ministeru tax-Xjenza u t-Teknoloġija, il-Ministeru tal-Finanzi u l-Amministrazzjoni Statali tat-Tassazzjoni dwar ir-reviżjoni u l-ħruġ ta' "Miżuri Amministrattivi għar-Rikonoxximent ta' Intrapriżi ta' Teknoloġija Avvanzata", G.K.F.H. [2016] Nru 32;

— Notifika tal-Ministeru tax-Xjenza u t-Teknoloġija, il-Ministeru tal-Finanzi u l-Amministrazzjoni Statali tat-Tassazzjoni dwar ir-Reviżjoni, l-Istampar u l-Ħruġ ta' Gwida għall-Immaniġġjar tar-Rikonoxximent ta' Intrapriżi ta' Teknoloġija Avvanzata u Ġdida, GKFH [2016] Nru 195;

— Linji Gwida tal-Aħħar Oqsma Ewlenin ta' Żvilupp Prijoritarju fl-Industriji tat-Teknoloġija Avvanzata (2011), maħruġa mill-NDRC, il-Ministeru tax-Xjenza u t-Teknoloġija, il-Ministeru tal-Kummerċ u l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Proprjetà Intellettwali;

— Avviż tal-Ministeru tal-Finanzi, tal-Amministrazzjoni Statali tat-Tassazzjoni u tal-Ministeru tax-Xjenza u t-Teknoloġija dwar it-Titjib tal-Politika ta' Tnaqqis Qabel it-Taxxa tal-Ispejjeż tar-R&Ż. (CAI Shui [2015] Nru 119); u

— Avviż tal-Amministrazzjoni Statali tat-Tassazzjoni dwar Kwistjonijiet li Jikkonċernaw il-Politika ta' Tnaqqis Qabel it-Taxxa tal-Ispejjeż ta' R&Ż tal-Intrapriżi.

([68]) Ara l-premessa (55) l-ittra (c).

3.7.3. *Sejbiet tal-investigazzjoni ta' rieżami*

(179) Huma biss il-kumpaniji li huma parti minn ċerti oqsma ewlenin tat-teknoloġija avvanzata u ġdida appoġġati mill-Istat, kif ukoll il-prijoritajiet attwali dwar oqsma ta' teknoloġija għolja appoġġati mill-Istat, kif elenkati fil-Linji Gwida tal-Aħħar Oqsma Ewlenin ta' Żvilupp ta' Prijorità fl-Industriji tat-Teknoloġija Avvanzata li jistgħu jibbenefikaw mit-tnaqqis fit-taxxa. Dawn il-linji gwida jsemmu b'mod ċar it-teknoloġija tal-manifattura u l-materja prima ewlenija għat-tajers bħala qasam ta' prijorità.

(180) Il-kumpaniji li jibbenefikaw minn din il-miżura jridu jippreżentaw id-dikjarazzjoni tat-taxxa fuq l-introjtu tagħhom u l-annessi rilevanti. L-ammont reali tal-benefiċċju huwa inkluż fid-dikjarazzjoni tat-taxxa.

(181) Il-Kummissjoni qieset li t-tpaċija tat-taxxa inkwistjoni hija sussidju fis-sens tal-Artikolu 3(1)(a)(ii) u l-Artikolu 3(2) tar-Regolament bażiku minħabba li hemm kontribuzzjoni finanzjarja fil-forma ta' dħul mitluf mill-GTĊ li tagħti benefiċċju lill-kumpaniji kkonċernati. Il-benefiċċju għar-riċevituri huwa ugwali għall-iffrankar tat-taxxa. Dan is-sussidju huwa speċifiku fis-sens tal-Artikolu 4(2)(a) tar-Regolament bażiku peress li l-leġiżlazzjoni nnifisha tillimita l-applikazzjoni ta' din l-iskema għal intrapriżi li qed joperaw f'ċerti żoni ta' prijorità ta' teknoloġija għolja stabbiliti mill-Istat, bħal xi teknoloġiji ewlenin fis-settur tat-tajers.

3.7.4. *Kalkolu tal-ammont ta' sussidju*

(182) L-ammont ta' sussidju kumpensabbli ġie kkalkulat f'termini tal-benefiċċju mogħti lir-riċevituri matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Dan il-benefiċċju ġie kkalkulat bħala d-differenza bejn it-taxxa totali pagabbli skont ir-rata tat-taxxa normali u t-taxxa totali pagabbli taħt ir-rata tat-taxxa mnaqqsa.

(183) L-ammont ta' sussidju stabbilit fir-rigward ta' dan is-sussidju matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami għall-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun jammonta għal:

Programmi ta' tnaqqis u ta' eżenzjoni diretta mit-taxxa

Kumpanija/Grupp	Rata ta' Sussidju
Giti Group	0,14 %
Hankook Group	0,43 %

3.8. **Programmi ta' Taxxa Indiretta u Tariffi ta' Importazzjoni**

3.8.1. *L-eżenzjonijiet mill-VAT u r-rifużjonijiet tat-tariffi tal-importazzjoni għall-użu ta' tagħmir u teknoloġija importati.*

(184) Kif stabbilit fl-investigazzjoni oriġinali, dan il-programm jipprovdi eżenzjoni mill-VAT u mit-tariffi tal-importazzjoni għall-importazzjonijiet ta' tagħmir kapitali użat fil-produzzjoni tagħhom. L-eżenzjonijiet kemm tal-VAT kif ukoll tad-dazju tal-importazzjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami ġew identifikati għall-kumpaniji inklużi fil-kampjun. Dawn kienu jinkludu eżenzjonijiet għal tagħmir importat fis-snin preċedenti, iżda li għalih il-benefiċċju ġie amortizzat tul il-ħajja ta' dak it-tagħmir u għalhekk ġie parzjalment allokat għall-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Filwaqt li l-Kummissjoni ma sabet l-ebda evidenza li l-eżenzjonijiet mit-taxxa kienu applikabbli direttament matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, il-Kummissjoni stabbiliet li l-kumpaniji fil-kampjun xorta rċevew xi benefiċċji limitati taħt dan il-programm minn eżenzjonijiet applikabbli matul is-snin preċedenti.

(185) Kif stabbilit fl-investigazzjoni oriġinali, dan il-programm jipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja fil-forma ta' dħul mitluf mill-GTĊ fis-sens tal-Artikolu 3(1)(a)(ii) hekk kif Intrapriżi b'Investiment Barrani ("FIEs", Foreign Invested Enterprises) u intrapriżi domestiċi eliġibbli oħrajn jinħelsu mill-ħlas tal-VAT u/jew tat-tariffi li kieku kienu jkunu dovuti. Jagħti wkoll benefiċċju lill-kumpaniji benefiċjarji fis-sens tal-Artikolu 3(2) tar-Regolament bażiku.

(186) Il-programm huwa speċifiku fis-sens tal-Artikolu 4(2)(a) tar-Regolament bażiku. Il-leġiżlazzjoni li abbażi tagħha topera l-awtorità awtorizzanti tillimita l-aċċess tagħha għal intrapriżi li jinvestu f'kategoriji kummerċjali speċifiċi definiti b'mod eżawrjenti mil-liġi u li jappartjenu jew għall-kategorija mħeġġa jew inkella għall-kategorija ristretta B fil-*Katalogu għall-gwida tal-industriji għall-investiment barrani u t-trasferiment tat-teknoloġija*, jew dawk li huma konformi mal-*Katalogu ta' industriji, prodotti u teknoloġiji ewlenin, li l-iżvilupp tagħhom huwa mħeġġeġ mill-Istat*. Barra minn hekk, ma hemm l-ebda kriterji oġġettivi li jillimitaw l-eliġibbiltà għal dan il-programm u ma hemm l-ebda evidenza konklużiva sabiex wieħed jiddeduċi li l-eliġibbiltà hija awtomatika skont l-Artikolu 4(2)(b) tar-Regolament bażiku.

(187) L-ammont ta' sussidju kumpensabbli ġie kkalkulat f'termini tal-benefiċċju mogħti lir-riċevituri, li nstab li jeżisti matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Il-benefiċċju mogħti lir-riċevituri huwa l-ammont ta' VAT u dazji eżentati fuq tagħmir importat. Sabiex jiġi żgurat li l-ammont kumpensabbli kopra biss il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, il-benefiċċju riċevut ġie amortizzat matul il-ħajja utli tat-tagħmir skont il-proċeduri kontabilistiċi normali tal-kumpanija.

(188) Il-kumpaniji kollha fil-kampjun ibbenefikaw minn ribassi taħt din l-iskema. L-ammont ta' sussidju stabbilit għal din l-iskema speċifika ġie stabbilit fil-livell ta' 0,005 % għal Hankook Group u 0,02 % għal GITI Group.

3.8.2. *Skema ta' ħlas lura tad-dazju ta' importazzjoni għax-xiri ta' lastiku naturali*

(189) Il-Kummissjoni stabbiliet fl-investigazzjoni oriġinali li l-kumpaniji kollha inklużi fil-kampjun kienu ġew kwalifikati bħala l-ħekk imsejħa "intrapriżi fl-ambitu tan-negozju tal-ipproċessar". Matul l-investigazzjoni tar-rieżami, il-Kummissjoni sabet li din l-iskema kompliet tapplika matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

(190) Skont l-Artikolu 3 tal-Miżuri tad-Dwana tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għas-Superviżjoni tal-Merkanzija fl-Ambitu tan-Negozju tal-Ipproċessar ([69]), *""it-terminu 'negozju tal-ipproċessar' għandu jirreferi għal attivitajiet tan-negozju fejn l-impriża operazzjonali timporta l-materja prima jew awżiljari, parts u komponenti, partijiet komponenti u materjali ta' imballaġġ kollha jew parti minnhom, u tesporta mill-ġdid il-prodotti lesti wara l-ipproċessar jew l-assemblaġġ, inkluż l-ipproċessar ta' materja fornuta u impurtata.*" Minbarra dan, l-Artikolu 5 jgħid ukoll li *"Fejn it-taxxi jingabru matul l-importazzjoni skont id-dispożizzjonijiet rilevanti, id-dwana għandha tnaqqas it-taxxi miġbura skont l-ammont ivverifikat tal-merkanzija realment ipproċessata u esportata mill-ġdid wara l-esportazzjoni tal-merkanzija lesta."*

3.8.2.1. Bażi legali

(191) Il-bażijiet legali ta' dan il-programm huma:

— Il-Liġi tad-Dwana tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, l-Ordni tal-President tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina Nru 81, 4 ta' Novembru 2017;

— Miżuri tad-Dwana tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għas-Superviżjoni ta' Merkanzija tan-Negozju tal-Ipproċessar, Ordni tal-Amministrazzjoni Ġenerali tad-Dwana Nru. 235, 20 ta' Diċembru 2017;

— Miżuri tad-Dwana tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għall-Amministrazzjoni tal-Konsum għal kull Unità fin-Negozju tal-Ipproċessar, l-Ordni tal-Amministrazzjoni Ġenerali tad-Dwana Nru. 218, 13 ta' Marzu 2014;

— Il-Miżuri Amministrattivi preliminari dwar il-Ġestjoni tal-Affidabilità Kreditizja tal-Intrapriżi, l-Ordni tal-Amministrazzjoni Ġenerali tad-Dwana Nru 225, l-4 ta' Settembru 2014;

— Miżuri tad-Dwana tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għall-Amministrazzjoni tal-Kreditu ta' Intrapriżi Reġistrati u Maħduma mad-Dwana, Ordni tal-Amministrazzjoni Ġenerali tad-Dwana tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, Nru 251, 6 ta' Settembru 2021,

([69]) L-Ordni Nru 235 tal-Amministrazzjoni Ġenerali tad-Dwana, l-20 ta' Diċembru 2017.

3.8.2.2. Sejbiet tal-investigazzjoni ta' rieżami

(192) Matul l-investigazzjoni tar-rieżami, il-Kummissjoni sabet li l-kumpaniji kollha fil-kampjun kienu rreġistraw mad-dwana għall-iskema kummerċjali tal-ipproċessar u kollha kemm huma kienu rċevew eżenzjonijiet ta' *"taxxi miġbura matul l-importazzjoni"* (jiġifieri dazji tal-importazzjoni) fuq l-importazzjonijiet ta' lastiku naturali użat fil-produzzjoni ta' tajers esportati.

(193) Dan l-arranġament jikkorrispondi ma' skema ta' rifużjoni tad-dazju kif deskritta fl-Anness I(i) tar-Regolament bażiku. Skont il-punt (i) tal-Anness I, is-sistemi ta' rtirar ta' sostituzzjoni jistgħu jikkostitwixxu sussidju fuq l-esportazzjoni sa fejn jirriżultaw f'irtirar li jeċċedi l-imposti tal-importazzjoni li ngħabru inizjalment minn fuq l-inputs importati li għalihom ikun qed jintalab l-irtirar.

(194) Sabiex jiġi ddeterminat jekk tali remissjoni żejda kinitx teżisti, skont l-Anness III, il-punt II tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni talbet informazzjoni addizzjonali mingħand il-GTĊ dwar l-iskema ta' kummerċ tal-ipproċessar b'mod ġenerali, u b'mod aktar speċifiku dwar l-eżistenza u l-applikazzjoni effettiva tal-proċeduri ta' monitoraġġ u verifika li jakkumpanjaw. Il-GTĊ ma pprovda l-ebda informazzjoni f'dan ir-rigward. Bħala tali, il-Kummissjoni ddeterminat l-eżistenza tas-sussidji abbażi tas-sejbiet fl-investigazzjoni oriġinali u fl-informazzjoni provduta mill-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun fl-investigazzjoni tar-rieżami.

(195) Kif stabbilit fl-investigazzjoni oriġinali, il-GTĊ stabbilixxa qafas leġiżlattiv għall-monitoraġġ tas-sistema kummerċjali tal-ipproċessar. Madankollu, il-Kummissjoni nnutat ukoll li xi karatteristiċi inkorporati fis-sistema jistgħu potenzjalment iwasslu għal irtirar eċċessiv:

(a) B'mod predominanti, is-sistema hija bbażata fuq awtodikjarazzjonijiet mill-kumpaniji.

(b) Għall-kuntrarju tal-prattika ġeneralment aċċettata, id-dazji fuq l-importazzjoni jiġu rrinunzjati bil-quddiem. L-awtoritajiet doganali jżommu biss id-dritt li jirreklamawhom wara.

(c) L-intensità tal-kontrolli mwettqa fuq il-kumpaniji hija bbażata fuq l-attribuzzjoni ta' punteġġ ta' kreditu, li huwa stess huwa primarjament ibbażat fuq awtodikjarazzjoni, u jinkludi punti addizzjonali għal min ikun parti minn industrija inċentivata.

(d) Id-dikjarazzjonijiet doganali huma bbażati fuq rati standard ta' konsum stabbiliti mill-esportaturi.

(196) Barra minn hekk, matul iż-żjarat ta' verifika mal-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun, deher li dan il-qafas ma ġiex applikat b'mod effettiv fil-prattika. Pereżempju, il-Kummissjoni kkonstatat li l-esportatur iddikjara fis-sistema elettronika tad-dwana, *data* dwar importazzjonijiet ta' lastiku naturali u kwantitajiet ta' tajers esportati, inkluż il-prodott ikkonċernat. Il-konsum tal-lastiku jiġi ddikjarat abbażi tal-konsum standard u mbagħad jitqabbel mal-konsum attwali. Il-maġġorparti tal-produtturi inklużi fil-kampjun użaw l-istess rati tal-konsum fis-sistema tan-negozju tal-ipproċessar bħalma użaw fil-produzzjoni tagħhom, għajr għal wieħed. Matul iż-żjara ta' verifika, il-Kummissjoni sabet li GITI Fujian irrapportat konsum għall-produzzjoni tal-lastiku li fil-fatt ma kienx intuża matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Għalhekk, il-Kummissjoni kkalkolat l-użu tat-tipi partikolari tal-lastiku u ddeterminat li l-konsum reali jvarja minn dak irrapportat lis-sistema elettronika doganali. Ta' min jinnota li d-differenza seħħet minkejja verifiki fuq il-post fil-bini tal-kumpanija fil-kampjun imwettqa mill-awtoritajiet doganali matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Dawn is-sejbiet ġew ikkomunikati lill-GTĊ, bl-għan li jkun jista' jwettaq eżami ulterjuri tat-tranżazzjonijiet inkwistjoni.

(197) B'riżultat ta' dan, wieħed mill-esportaturi mill-grupp GITI ma ħallasx id-dazji tal-importazzjoni kollha li kellhom ikunu dovuti.

3.8.2.3. Konklużjoni

(198) Il-Kummissjoni kkonkludiet li s-sistema ta' monitoraġġ tal-GTĊ għall-ipproċessar tal-kummerċ ma kinitx applikata b'mod effettiv f'dak li għandu x'jaqsam mal-lastiku naturali. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ddeterminat li s-sistema tan-negozju tal-ipproċessar għal-lastiku naturali użata f'tajers esportati wasslet għal eċċess ta' remissjonijiet, li jikkostitwixxu sussidju kumpensabbli fis-sens tal-Artikolu 3(1)(a)(ii) tar-Regolament bażiku, peress li jirriżultaw f'irtirar eċċessiv tal-imposti tal-importazzjoni imposti inizjalment fuq l-inputs importati li għalihom tkun qed tintalab rifużjoni.

(199) Dawn ir-remissjonijiet żejda huma speċifiċi wkoll, minħabba li huma kontinġenti fuq il-prestazzjoni tal-esportazzjoni fis-sens tal-Artikolu 4(4)(a) tar-Regolament bażiku.

3.8.2.4. Kalkolu tal-ammont ta' sussidju

(200) Il-benefiċċju kien ikkalkulat bħala d-differenza bejn l-ammont ta' dazji ta' importazzjoni dovuti matul il-PI, u l-ammont attwali ta' dazji fuq l-importazzjoni mħallsa matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

(201) L-ammont ta' sussidju stabbilit fir-rigward ta' dan it-tip ta' sussidji matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami għall-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun kien kif ġej:

Restituzzjoni ta' dazju tal-importazzjoni fuq lastiku naturali

Kumpanija/Grupp	Ammont ta' Sussidju
GITI Group	0,57 %

3.8.3. *Total għall-iskemi kollha ta' tnaqqis jew eżenzjoni mit-taxxa indiretta*

(202) L-ammont totali ta' sussidju stabbilit fir-rigward tal-iskemi kollha tat-taxxa indiretta u tat-tariffi tal-importazzjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami għall-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun kien kif ġej:

Eżenzjonijiet u tnaqqis tat-taxxi diretti

Kumpanija/Grupp	Ammont ta' Sussidju
GITI Group	0,59 %
Hankook Group	0,01 %

3.9. **Programmi ta' għotjiet**

(203) Fl-investigazzjoni oriġinali, il-Kummissjoni sabet li xi kumpaniji fil-kampjun ibbenefikaw minn varjetà ta' għotjiet relatati mal-protezzjoni ambjentali u t-tnaqqis tal-emissjonijiet u minn għotjiet relatati mar-R&Ż, it-titjib teknoloġiku u l-innovazzjoni.

(204) L-istess bħal fl-investigazzjoni oriġinali, iż-żewġ esportaturi fil-kampjun ibbenefikaw minn diversi għotjiet ad hoc.

3.9.1. *Bażi legali*

(205) Il-maġġoranza l-kbira tal-programmi rrapportati mill-produtturi esportaturi fil-kampjun kienet ibbażata fuq l-avviżi maħruġa mill-awtoritajiet lokali. Barra minn hekk, ġie stabbilit li dawn il-programmi jirriflettu l-politiki ġenerali stabbiliti, fost l-oħrajn, fl-atti li ġejjin:

— It-13-il FYP u l-14-il FYP;

— Made in China 2025,

— Pjan ta' Żvilupp Ekoloġiku Industrijali (2016-2020);

— Il-Liġi tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina dwar il-Konservazzjoni tal-Enerġija, verżjoni riveduta u adottata fit-28 ta' Ottubru 2007, b'emendi;

— Il-Liġi dwar il-Promozzjoni tal-Produzzjoni Aktar Nadifa tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, l-Ordni Nru 54 tal-President tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina;

— Miżuri għall-Ġestjoni tal-Fondi għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tat-Tniġġis tal-Arja (Kostruzzjoni Finanzjarja) [2018], Nru 578;

— Il-Punti Ewlenin tal-Konservazzjoni tal-Enerġija u l-Utilizzazzjoni Komprensiva fl-Industrija fl-2015, maħruġa mill-MIIT fit-3 ta' April 2015;

— Miżuri ta' Ġestjoni tal-Fond Speċjali għall-Protezzjoni Ambjentali Provinċjali ta' Shandong [2021];

— Avviż dwar il-ħruġ tal-Pjan ta' Implimentazzjoni għall-Quċċata tal-Karbonju f'Oqsma Industrijali u Industriji Ewlenin fil-Provinċja ta' Jiangsu [2023]; u

— Miżuri għall-Amministrazzjoni tal-Fondi għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tat-Tniġġis tal-Arja (C.J. [2018] Nru 578).

3.9.2. *Konklużjoni*

(206) Meta jitqies in-nuqqas ta' kooperazzjoni mill-GTĊ, il-Kummissjoni bbażat is-sejbiet tagħha fir-rigward tal-programmi ta' għotja fuq il-fatti disponibbli, inkluża l-informazzjoni pprovduta fit-talba għal rieżami ta' skadenza u l-informazzjoni sottomessa mill-produtturi esportaturi fil-kampjun. Il-Kummissjoni kkonkludiet li l-produtturi esportaturi komplew jibbenefikaw minn programmi simili matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, kif ikkonstatat fl-investigazzjoni oriġinali.

(207) L-applikant sostna fit-talba li l-esportaturi tat-tajers mir-RPĊ ibbenefikaw minn dawn il-programmi. Pereżempju, li f'Mejju 2022, il-Ministeru tal-Finanzi ħareġ l-Appoġġ Fiskali għall-ħidma favur Quċċata ta' Newtralità Karbonika biex "jinkiseb l-għan tan-newtralità tal-karbonju, jissaħħu l-politiki ta' appoġġ finanzjarju u l-'14-il FYP' nazzjonali." Dan id-dokument għalhekk għandu l-għan li jimplimenta politiki finanzjarji governattivi biex "jappoġġjaw reġjuni u industriji biex jaċċelleraw it-trasformazzjoni ekoloġika u b'karbonju baxx." L-industrija tat-tajers, kif ukoll l-ekonomija Ċiniża kollha, għalhekk jibbenefikaw mill-politiki ambjentali. Bil-ħsieb li tiġi promossa industrija aktar ekoloġika, il-MIIT ħareġ il-Pjan ta' Żvilupp Ekoloġiku Industrijali għas-snin 2016-2020. Fil-mira tiegħu kellu t-teknoloġiji ewlenin li jniġġsu użati għall-manifattura tat-tajers, jiġifieri dawk petrokimiċi, tal-lastiku, tal-azzar u tat-tessuti ([70]).

(208) Barra minn hekk, l-applikant saħaq li l-14-il FYP jipprovdi appoġġ għal *"spejjeż tar-R&Ż u inċentivi fiskali għal intrapriżi b'teknoloġija avvanzata."* L-14-il FYP jinkludi proġetti xjentifiċi u teknoloġiċi fid-dispożizzjonijiet tar-R&D. ([71])

(209) Dawn il-programmi jitqiesu bħala sussidji fis-sens tal-Artikolu 3(1)(a)(i) u l-Artikolu 3(2) tar-Regolament bażiku minħabba li jittrasferixxu fondi mill-GTĊ fil-forma ta' għotjiet lill-produtturi tal-prodott ikkonċernat.

(210) Il-Kummissjoni ddeterminat ukoll li dawn is-sussidji huma speċifiċi fis-sens tal-Artikolu 4(2)(a) tar-Regolament bażiku għaliex huma biss il-kumpaniji li joperaw f'oqsma jew teknoloġiji ewlenin kif elenkati fil-linji gwida, miżuri amministrattivi u katalgi li huma ppubblikati fuq bażi regolari li huma eliġibbli biex jirċevuhom. It-tajers u/jew is-settur (petro)kimiku huma elenkati fost is-setturi eliġibbli.

3.9.3. *Kalkolu tal-ammont ta' sussidju*

(211) Il-benefiċċju ġie kkalkulat bħala l-ammont riċevut fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, jew allokat għall-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, fejn l-ammont ġie deprezzat matul il-ħajja utli tal-assi fiss li miegħu kienet relatata l-għotja b'mod simili għall-investigazzjoni oriġinali.

([70]) Il-paragrafu 222 tat-talba.
([71]) Il-paragrafu 233 tat-talba.

(212) L-ammont ta' sussidju stabbilit fir-rigward ta' dan it-tip ta' sussidju matul il-perjodu ta' investigazzjoni għall-produtturi esportaturi fil-kampjun kien kif ġej:

Għotjiet għall-iffrankar tal-enerġija, għall-konservazzjoni u l-emissjonijiet

Kumpanija/Grupp	Ammont ta' Sussidju
GITI Group	0,59 %
Hankook Group	0,16 %

3.10. **Konklużjoni dwar is-sussidjar**

(213) Il-Kummissjoni kkalkolat l-ammont ta' sussidji kumpensabbli f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament bażiku għall-kumpaniji inklużi fil-kampjun billi eżaminat kull sussidju jew programm ta' sussidju, u żiedet dawn iċ-ċifri flimkien biex tikkalkula ammont totali ta' sussidjar għal kull produttur esportatur għall-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Biex tikkalkula s-sussidju ġenerali hawn taħt, il-Kummissjoni l-ewwel ikkalkulat is-sussidju perċentwali, li kien l-ammont tas-sussidju bħala perċentwal tal-fatturat totali tal-kumpanija. Dan il-perċentwal imbagħad intuża biex jiġi kkalkulat is-sussidju allokat għall-esportazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Imbagħad ġie kkalkolat l-ammont ta' sussidju għal kull tunnellata ta' prodott ikkonċernat esportat lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, u l-marġnijiet ta' ħawn taħt ikkalkulati bħala perċentwal tal-valur tal-Kostijiet, l-Assigurazzjoni u n-Noll ("CIF", Cost, Insurance and Freight) tal-istess esportazzjonijiet għal kull tunnellata.

(214) Ir-rati ta' sussidju espressi bħala perċentwal tal-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju mhux imħallas, kienu bħala medja fil-livell ta' [4 – 8] % għall-pajjiż kollu. Għalhekk ġie konkluż li l-iskemi ta' sussidju investigati kienu fis-seħħ matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

3.11. **Probabbiltà ta' kontinwazzjoni tas-sussidjar**

(215) Wara s-sejba tal-eżistenza ta' sussidjar matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, il-Kummissjoni investigat, f'konformità mal-Artikolu 18(2) tar-Regolament bażiku, il-probabbiltà ta' kontinwazzjoni tas-sussidjar, jekk il-miżuri jitħassru.

(216) F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni investigat l-elementi li ġejjin: il-kapaċità tal-produzzjoni u l-kapaċità ta' riżerva fir-RPĊ, ir-relazzjoni bejn il-prezzijiet tal-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi u l-livell tal-prezzijiet fl-Unjoni, u l-attraenza tas-suq tal-Unjoni.

3.11.1. *Kapaċità tal-produzzjoni u kapaċità ta' riżerva fir-RPĊ*

(217) Il-Kummissjoni eżaminat jekk l-importazzjonijiet sussidjati mir-RPĊ lejn l-Unjoni jsirux f'volumi sinifikanti jekk il-miżuri jitħallew jiskadu. Fin-nuqqas ta' kooperazzjoni mill-GTĊ, il-Kummissjoni stabbiliet il-kapaċità tal-produzzjoni u l-kapaċità ta' riżerva fir-RPĊ fuq il-bażi ta' informazzjoni disponibbli għall-pubbliku u informazzjoni pprovduta fit-talba għal rieżami ta' skadenza.

(218) Fit-talba, is-CRIA rrapportat output tal-produzzjoni ta' 122,39 miljun tajer fir-RPĊ fl-2021, għal kapaċità ta' produzzjoni stmata ta' 141,76 miljun tajer fl-istess sena, li timmarka żieda fit-tajers prodotti ta' 2,72 miljun mas-sena preċedenti. Ir-rati tal-użu tal-kapaċità derivati minn dawn iċ-ċifri jkunu ta' madwar 86 %. Fl-2022, kienu diġà żdiedu mill-inqas 1,5 miljun unità ta' kapaċitajiet addizzjonali tal-produzzjoni tat-tajers, kif irrapportat mis-CRIA. Dan ipoġġi l-kapaċità totali tal-produzzjoni tat-tajers għal madwar 143,25 miljun unità għall-2022. Jekk jittieħdu l-istess rati ta' użu tal-kapaċità bħal tas-sena 2021, dan iwassal għal produzzjoni ta' madwar 123,67 miljun tajer prodott. Għalhekk, il-kapaċità mhux użata disponibbli fiċ-Ċina fl-2022 kienet tammonta għal kważi 20 miljun unità, li kienet kważi ekwivalenti għall-konsum totali fis-suq tal-UE (li huwa madwar 20 miljun unità, kif stabbilit fil-premessa (232) hawn taħt).

(219) Il-produtturi Ċiniżi tat-tajers, f'konformità mal-politiki industrijali tal-GTĊ u tas-CCP deskritti hawn fuq, komplew iżidu l-kapaċitajiet ta' produzzjoni diġà żviluppati żżejjed tagħhom mill-PI oriġinali (li kien madwar 110 miljun). L-investigazzjoni anti-dumping Brażiljana, fl-2021, diġà enfasizzat l-eżistenza ta' kapaċitajiet ta' produzzjoni sinifikanti fir-RPĊ, b'evidenza ta' diversi investimenti fil-kapaċitajiet tal-produzzjoni minn produtturi Ċiniżi ewlenin tat-tajers. ([72]) L-investigazzjoni anti-dumping tal-Afrika t'Isfel tal-2022 stabbiliet bl-istess mod, il-kapaċità ta' produzzjoni żejda sinifikanti tal-produtturi tat-tajers Ċiniżi (minn tal-inqas 30 % ta' kapaċità ta' riżerva) li x'aktarx twassal għal żieda fl-esportazzjonijiet tal-prodott li qed jiġi investigat. ([73])

3.11.2. *L-attraenza tas-suq tal-Unjoni*

(220) Il-Kummissjoni eżaminat jekk kienx probabbli li l-produtturi esportaturi Ċiniżi jkomplu l-bejgħ tal-esportazzjoni tagħhom bi prezzijiet sussidjati fis-suq tal-Unjoni jekk il-miżuri jitħallew jiskadu. Il-Kummissjoni l-ewwel analizzat il-livell tal-prezzijiet tal-esportazzjonijiet Ċiniżi lejn swieq ta' pajjiżi terzi u qabblithom mal-livell tal-prezzijiet tal-esportazzjonijiet Ċiniżi lejn is-suq tal-Unjoni, biex tiddetermina jekk is-suq tal-Unjoni kienx attraenti f'termini ta' livelli tal-prezzijiet.

(221) Il-Kummissjoni eżaminat il-livell tal-prezzijiet irrapportati mill-produtturi esportaturi fil-kampjun u sabet li għal tranżazzjonijiet komparabbli (jiġifieri fattura kummerċjali stabbilita fuq incoterms FOB (frank abbord, free on board)) il-prezz tal-unità tat-tajers tat-trakkijiet esportati lejn pajjiżi terzi kien jirrappreżenta madwar 80 % tal-prezz tal-unità tagħhom fl-UE. Barra minn hekk, l-attraenza tas-suq tal-Unjoni ntweriet mill-fatt li minkejja l-miżuri fis-seħħ, il-volumi tal-esportazzjoni Ċiniżi lejn l-Unjoni baqgħu madwar 30 % tal-volum tal-importazzjonijiet osservati matul l-investigazzjoni oriġinali.

(222) L-istatistika turi li s-suq tal-Unjoni, it-tieni l-akbar wara l-Istati Uniti, huwa attraenti għall-esportazzjonijiet Ċiniżi f'termini ta' prezzijiet. Fl-2023, il-livell tal-prezzijiet tal-esportazzjonijiet Ċiniżi lejn l-Unjoni kien sa 20 % ogħla meta mqabbel mal-prezzijiet medji tal-esportazzjoni Ċiniżi lejn destinazzjonijiet oħra, bħall-Istati Uniti, il-Messiku, l-Emirati Għarab Magħquda, l-Indoneżja, il-Malażja, l-Arabja Sawdija, in-Niġerja, l-Alġerija, l-Eġittu u l-Kenja.

(223) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li s-suq tal-Unjoni kien jikkostitwixxi suq attraenti għall-produtturi esportaturi Ċiniżi tat-tajers tat-trakkijiet kemm f'termini tal-prezzijiet kif ukoll tad-daqs tiegħu.

3.11.3. *Kapaċità tal-assorbiment possibbli tas-swieq ta' pajjiżi terzi*

(224) Huwa improbabbli li l-kapaċità ta' riżerva tal-produtturi esportaturi Ċiniżi tintuża biex jiżdiedu l-esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi għajr l-UE. Il-Kummissjoni sabet li l-miżuri għad-difiża tal-kummerċ fuq l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat mir-RPĊ huma fis-seħħ fl-Armenja, il-Botswana, il-Brażil, l-Eġittu, l-Eswatini, il-Każakistan, ir-Repubblika Kirgiża, il-Lesoto, in-Namibja, il-Federazzjoni Russa, l-Afrika t'Isfel, it-Turkija, ir-Renju Unit u l-Istati Uniti tal-Amerka ([74]). B'konsegwenza ta' dan, dawn is-swieq ta' pajjiżi terzi, li huma konsumaturi sinifikanti tat-tajers tat-trakkijiet, huma inqas attraenti għall-produtturi esportaturi Ċiniżi.

3.11.4. *Konklużjoni*

(225) Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li kien hemm kontinwazzjoni tas-sussidjar. L-investigazzjoni wriet li l-importazzjonijiet mir-RPĊ komplew jidħlu fis-suq tal-Unjoni f'volumi kbar (meta mqabbla mad-daqs tas-suq) bi prezzijiet sussidjati matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

([72]) (camex.gov.br) RESOLUÇÃO GECEX Nº 198, DE 3 DE MAIO DE 2021 - RESOLUÇÃO GECEX Nº 198, DE 3 DE MAIO DE 2021 - DOU - Imprensa Nacional (in.gov.br)

([73]) 20220912111726_Report-700.pdf (itac.org.za)

([74]) Abbażi tal-informazzjoni tal-Portal tad-*Data* dwar ir-Rimedji Kummerċjali tad-WTO, disponibbli fuq: https://trade-remedies.wto.org/en, u tal-Portal ta' Notifika Anti-dumping tad-WTO, disponibbli fuq: https://ad-notification.wto.org/

(226) Barra minn hekk, matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, il-Kummissjoni sabet li l-kapaċità ta' riżerva żejda fir-RPĊ kienet sinifikanti meta mqabbla mal-konsum tal-Unjoni. L-attraenza tas-suq tal-Unjoni f'termini ta' daqs u prezzijiet tal-bejgħ indikat ukoll li l-esportazzjonijiet Ċiniżi x'aktarx ikunu diretti lejn is-suq tal-Unjoni, jekk il-miżuri kumpensatorji jiskadu.

(227) Bħala tali, il-Kummissjoni sabet li huwa probabbli li l-produtturi esportaturi Ċiniżi jżidu l-esportazzjonijiet tagħhom ta' tajers bi prezzijiet sussidjati lejn is-suq tal-Unjoni jekk il-miżuri kumpensatorji jitħallew jiskadu.

4. DANNU

4.1. Definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni u tal-produzzjoni tal-Unjoni

(228) Il-prodott simili kien manifatturat minn aktar minn 400 produttur fl-Unjoni matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Dawn jikkostitwixxu l-"industrija tal-Unjoni" fis-sens tal-Artikolu 9(1) tar-Regolament bażiku.

(229) Il-produzzjoni totali tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami ġiet stabbilita għal madwar 18-il miljun tajer. Il-Kummissjoni stabbiliet iċ-ċifra totali tal-produzzjoni tal-Unjoni abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Manifatturi tat-Tajers u tal-Lastiku ("ETRMA", European Tyre & Rubber Manufacturers Association), l-applikant u l-istatistika tal-Eurostat. Kif indikat fil-premessa (26), ħames produtturi tal-Unjoni fil-kampjun finali jirrappreżentaw aktar minn 25 % tal-produzzjoni u tal-bejgħ tal-Unjoni tal-prodott simili. Għalhekk, l-indikaturi mikroekonomiċi ġew eżaminati fuq il-bażi tad-*data* miksuba mit-tweġibiet ta' dawk il-ħames produtturi tal-Unjoni.

(230) Uħud mill-produtturi fil-kampjun instabu li jimportaw u jbigħu mill-ġdid il-prodott ikkonċernat fis-suq tal-Unjoni mir-RPĊ. Madankollu, meta mqabbla mal-bejgħ globali tagħhom, l-importazzjonijiet jibqgħu marġinali (inqas minn 1 % tal-bejgħ globali tagħhom) u ma jaffettwawx il-kwalifika tagħhom bħala produtturi tal-Unjoni.

4.2. Konsum tal-Unjoni

(231) Il-Kummissjoni stabbiliet il-konsum tal-Unjoni abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-ETRMA u l-Eurostat.

(232) Il-konsum tal-Unjoni żviluppa kif ġej:

Tabella 1

Il-konsum tal-Unjoni (f'oġġetti)

	2020	2021	2022	Perjodu ta' Investigazzjoni tar-Rieżami
Konsum totali tal-Unjoni (f'oġġetti)	18 264 516	21 646 928	22 568 607	20 325 009
Indiċi	*100*	*119*	*124*	*111*

Sors: ETRMA, Comext tal-Eurostat

(233) Il-konsum fis-suq tal-Unjoni żdied bi 11 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Kien hemm żieda notevoli mill-2020 għall-2022. Dan x'aktarx li huwa marbut mal-irkupru mill-kriżi tal-COVID u huwa spjegat mill-fatt li l-konsum tat-tajers huwa intrinsikament marbut ma' kilometri vvjaġġati mill-flotot li, min-naħa tiegħu, jiddependi ħafna fuq l-attività ekonomika ġenerali u b'mod partikolari fuq il-volum ta' merkanzija ttrasportata bit-triq. Iż-żieda fil-konsum laħqet il-quċċata tagħha fl-2022 u naqqset ir-ritmu matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

4.3. **Importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat**

4.3.1. *Volum u sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat*

(234) Il-Kummissjoni stabbiliet il-volum tal-importazzjonijiet fuq il-bażi tal-Eurostat. Is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet ġie stabbilit fuq il-bażi tal-konsum tal-Unjoni fit-Tabella 1.

(235) L-importazzjonijiet lejn l-Unjoni mill-pajjiż ikkonċernat żviluppaw kif ġej:

Tabella 2

volum tal-importazzjonijiet (f'oġġetti) u sehem mis-suq

	2020	2021	2022	Perjodu ta' Investigazzjoni tar-Rieżami
Volum ta' importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat (f'oġġetti)	900 897	966 311	1 112 883	1 095 084
Indiċi	*100*	*107*	*124*	*122*
Sehem mis-suq	4,9 %	4,5 %	4,9 %	5,4 %
Indiċi	*100*	*91*	*100*	*109*

Sors: ETRMA, Comext tal-Eurostat

(236) Il-Kummissjoni stabbiliet il-volum tal-importazzjonijiet fuq il-bażi tal-Eurostat. Is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet abbażi tal-konsum tal-Unjoni jinsab fit-Tabella 2.

(237) Il-volumi tal-importazzjonijiet mir-RPĊ żdiedu bi 22 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, minn madwar 900 elf tajer fl-2020 għal madwar 1,1 miljun tajer fil-perjodu ta' investigazzjoni. Iż-żieda fl-importazzjonijiet Ċiniżi kienet partikolarment sinifikanti fl-2022 meta l-miżuri oriġinali ġew parzjalment annullati mill-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea kif deskritt fil-premessa (4). Il-volumi tal-importazzjonijiet baqgħu fl-istess livell anki matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami minkejja t-tnaqqis fid-domanda. Dan irriżulta f'żieda fis-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet Ċiniżi minn 4,9 % għal 5,4 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

4.3.2. *Prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat u twaqqigħ tal-prezz*

(238) Il-Kummissjoni stabbiliet il-prezzijiet tal-importazzjonijiet abbażi tad-*data* tal-Eurostat.

(239) Il-prezz medju ponderat tal-importazzjonijiet fl-Unjoni mill-pajjiż ikkonċernat żviluppa kif ġej:

Tabella 3

Il-prezzijiet tal-importazzjoni (EUR/oġġett)

	2020	2021	2022	Perjodu ta' Investigazzjoni tar-Rieżami
Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	136	156	208	218
Indiċi	*100*	*115*	*153*	*161*

Sors: Comext tal-Eurostat, la d-dazju anti-dumping u lanqas id-dazju kumpensatorju ma huma inklużi

(240) Matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, il-prezzijiet medji tal-importazzjonijiet Ċiniżi fl-Unjoni (il-livelli kollha) żdiedu b'61 %.

(241) Peress li l-produtturi esportaturi fil-kampjun esportaw b'mod predominanti tajers tal-Livell 1 u tal-Livell 2, il-Kummissjoni ma kellhiex informazzjoni dettaljata dwar l-esportazzjonijiet Ċiniżi fil-Livell 3, fejn id-dannu primarju seħħ matul l-investigazzjoni oriġinali, u sussegwentement ikkawża effett ta' kaskata inversa fiż-żewġ livelli l-oħra.

(242) Għal dik ir-raġuni, il-Kummissjoni stmat it-twaqqigħ tal-prezz għat-totalità tal-importazzjonijiet abbażi tal-istatistika tal-importazzjoni.

(243) Il-Kummissjoni għalhekk għamlet paragun bejn:

— il-prezz medju ponderat tal-bejgħ għal kull unità tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun miġbur mingħand klijenti mhux relatati fis-suq tal-Unjoni, aġġustat fuq livell ta' kif joħroġ mill-fabbrika; u

— l-prezz medju tal-importazzjoni Ċiniża żbarkata tal-importazzjonijiet Ċiniżi abbażi tal-istatistika tal-importazzjoni, inklużi d-dazji anti-dumping u kumpensatorji, id-dazji doganali u l-kostijiet tal-importazzjoni

(244) Dan il-paragun wera li għall-importazzjonijiet li jifdal, il-prezz medju tal-importazzjonijiet Ċiniżi żbarkati (EUR 270/oġġett) kien taħt il-prezz medju tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni (EUR 281/oġġett) u ftit biss ogħla mill-kost medju tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni (EUR 260/oġġett). Jekk il-prezz tal-oġġett żbarkat jiġi stabbilit mingħajr id-dazji anti-dumping u kumpensatorji, dan jammonta għal EUR 251/oġġett, li jwaqqa' b'mod sinifikanti l-prezz medju tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni u jkun ukoll taħt il-kost tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni.

(245) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li, b'mod ġenerali, il-prezzijiet tal-importazzjonijiet Ċiniżi kienu aktar baxxi mill-prezz medju tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni.

(246) Wara divulgazzjoni finali, Hankook Group sostna li l-Kummissjoni kienet biddlet b'mod skorrett il-metodoloġija tagħha għall-kalkolu tat-twaqqigħ tal-prezz meta mqabbla mal-investigazzjoni oriġinali. Hankook Group sostna li, l-Kummissjoni, minflok stmat it-twaqqigħ tal-prezz għall-importazzjonijiet fit-totalità tagħhom fuq il-bażi tal-istatistika dwar l-importazzjonijiet, kien imissha wettqet analiżi skont it-tip jew il-livell. Fil-verżjoni sensittiva tas-sottomissjoni tiegħu, Hankook Group ippreżenta wkoll *data* dwar il-volumi u l-prezzijiet tal-esportazzjonijiet tiegħu u sostna li bl-użu ta' dik id-*data*, il-Kummissjoni setgħet tiddeduċi l-prezzijiet tal-importazzjonijiet għal-livelli kollha u twettaq analiżi tat-twaqqigħ tal-prezz skont il-livell.

(247) Il-Kummissjoni ma qablitx ma' dawn l-affermazzjonijiet. L-ewwel nett, minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni tal-produtturi esportaturi Ċiniżi li joperaw fil-livell 3, u kif iddikjarat fil-premessa (241), il-Kummissjoni ma kellhiex informazzjoni dettaljata dwar l-esportaturi Ċiniżi speċjalment fil-livell 3 u ma setgħetx twettaq analiżi tat-twaqqigħ tal-prezz skont il-livell. Għalhekk, kien hemm bidla fid-*data* sottostanti disponibbli għall-Kummissjoni. It-tieni, id-*data* ppreżentata minn Hankook Group dwar il-volumi u l-prezzijiet tal-esportazzjonijiet tiegħu stess kienet insuffiċjenti biex titwettaq analiżi ulterjuri tat-twaqqigħ tal-prezz. Anki skont din id-*data*, jibqa' l-fatt li hemm operaturi oħrajn fil-livell 1, 2 u 3 li dwarhom ma hemm l-ebda informazzjoni dettaljata, u kuntrarjament għal dak li qiegħed isostni Hankook Group, din id-*data* mhijiex suffiċjenti biex tagħti informazzjoni ulterjuri dwar it-twaqqigħ tal-prezz skont il-livell jew biex ixxejjen kwalunkwe riżultat tal-analiżi tat-twaqqigħ tal-prezz li saret mill-Kummissjoni. Għalhekk, din l-affermazzjoni hija rrifjutata.

4.4. **Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi għajr iċ-Ċina**

(248) L-importazzjonijiet ta' tajers minn pajjiżi terzi għajr iċ-Ċina kienu prinċipalment mit-Tajlandja, mit-Turkija u mill-Vjetnam.

(249) Il-volum tal-importazzjonijiet fl-Unjoni kif ukoll is-sehem mis-suq u x-xejriet tal-prezzijiet għall-importazzjonijiet tat-tajers minn pajjiżi terzi oħra żviluppaw kif ġej:

Tabella 4

Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi

Pajjiż		2020	2021	2022	Perjodu ta' Investigazzjoni tar-Rieżami
It-Tajlandja	Volum (oġġetti)	960 744	984 929	1 533 961	1 816 634
	Indiċi	*100*	*103*	*160*	*189*
	Sehem mis-suq	5,3 %	4,5 %	6,8 %	8,9 %
	Prezz medju (EUR/oġġett)	157	175	200	163
	Indiċi	*100*	*111*	*128*	*104*
It-Turkija	Volum (oġġetti)	1 105 850	1 487 639	1 773 851	1 696 256
	Indiċi	*100*	*135*	*160*	*153*
	Sehem mis-suq	6,1 %	6,9 %	7,9 %	8,3 %
	Prezz medju (EUR/oġġett)	178	176	213	239
	Indiċi	*100*	*99*	*120*	*134*
Il-Vjetnam	Volum (oġġetti)	477 928	541 921	957 806	964 077
	Indiċi	*100*	*113*	*200*	*202*
	Sehem mis-suq	2,6 %	2,5 %	4,2 %	4,7 %
	Prezz medju (EUR/oġġett)	155	178	207	193
	Indiċi	*100*	*115*	*134*	*125*
Pajjiżi terzi oħra	Volum (oġġetti)	2 287 192	2 898 840	2 849 801	2 340 028
	Indiċi	*100*	*127*	*125*	*102*
	Sehem mis-suq	12,5 %	13,4 %	12,6 %	11,5 %
	Prezz medju (EUR/oġġett)	185	195	222	245
	Indiċi	*100*	*105*	*120*	*132*
Total tal-pajjiżi terzi kollha għajr il-pajjiż ikkonċernat	Volum (oġġetti)	4 831 594	5 913 076	7 115 419	6 816 995
	Indiċi	*100*	*122*	*147*	*141*
	Sehem mis-suq	26,5 %	27,3 %	31,5 %	33,5 %
	Prezz medju (EUR/oġġetti)	175	185	213	214
	Indiċi	*100*	*106*	*122*	*122*

Sors: Comext tal-Eurostat

(250) Matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra żdiedu b'madwar 2 miljun oġġett, jiġifieri b'41 %. Dan huwa aktar mgħaġġel mill-progressjoni tal-konsum tal-Unjoni u rriżulta fiż-żieda fis-sehem mis-suq minn 26,5 % għal 33,5 %.

(251) Iż-żieda prinċipali seħħet mill-importazzjonijiet mit-Tajlandja (856 elf oġġett), mit-Turkija (590 elf oġġett) u mill-Vjetnam (486 elf oġġett). Għal pajjiżi terzi oħra ż-żieda kienet biss modesta (53 elf oġġett).

(252) Il-livell tal-prezzijiet tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra, speċjalment mit-Tajlandja u l-Vjetnam, kien ferm taħt il-prezzijiet tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni.

4.5. **Sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni**

4.5.1. *Kummenti ġenerali*

(253) Il-valutazzjoni tas-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni kienet tinkludi evalwazzjoni tal-indikaturi ekonomiċi kollha li influwenzaw l-istat tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

(254) Kif imsemmi fil-premessi (15) sa (17), il-kampjunar intuża għall-valutazzjoni tas-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni.

(255) Sabiex tiddetermina d-dannu, il-Kummissjoni għamlet distinzjoni bejn l-indikaturi tad-dannu makroekonomiċi u dawk mikroekonomiċi. Il-Kummissjoni evalwat l-indikaturi makroekonomiċi abbażi tad-*data* li tinsab fit-talba għal rieżami, l-istatistika tal-Eurostat u s-sottomissjonijiet mill-ETRMA. Id-*data* kienet relatata mal-produtturi kollha tal-Unjoni. Il-Kummissjoni evalwat l-indikaturi mikroekonomiċi abbażi tad-*data* inkluża fit-tweġibiet għall-kwestjonarju mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun. Id-*data* kienet relatata mal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun. Iż-żewġ settijiet ta' *data* nstabu li jirrappreżentaw is-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni.

(256) L-indikaturi makroekonomiċi huma: il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni, l-użu tal-kapaċità, il-volum tal-bejgħ, is-sehem mis-suq, it-tkabbir, l-impjiegi, il-produttività, il-kobor tal-marġini ta' sussidju, u l-irkupru minn sussidjar li sar fil-passat.

(257) L-indikaturi mikroekonomiċi huma: il-prezzijiet medji tal-bejgħ, il-kost ta' unità, il-kostijiet lavorattivi, l-inventarji, il-profittabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investimenti, ir-redditu fuq l-investimenti, u l-kapaċità li jiġi ġġenerat il-kapital.

(258) L-investigazzjoni oriġinali wettqet analiżi tas-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni fuq bażi aggregata u, f'ċerti indikaturi mikroekonomiċi, ukoll skont il-livelli minħabba s-segmentazzjoni tas-suq tal-Unjoni. Fl-investigazzjoni attwali, il-Kummissjoni l-ewwel analizzat is-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni fuq bażi aggregata.

(259) Il-Kummissjoni wettqet ukoll l-analiżi ta' ċerti indikaturi skont il-livell. Kif muri fil-premessi (301) sa (308), din l-analiżi tikkonferma li x-xejriet għall-prodott ikkonċernat ikkunsidrat fl-intier tiegħu b'mod ġenerali jikkorrispondu għal dawk tal-livelli kkunsidrati separatament.

(260) Fl-investigazzjoni oriġinali, il-Kummissjoni pponderat ir-riżultati tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun f'konformità mas-sehem tagħhom fil-bejgħ totali tal-Unjoni tal-produtturi tal-Unjoni biex tiżgura li l-SMEs kienu rappreżentati skont is-sehem tagħhom fil-bejgħ totali tal-Unjoni fil-mikroindikaturi kollha. Peress li l-SMEs huma attivi biss fis-segment tal-livell 3, dan l-aġġustament kellu bħala konsegwenza diretta li jżid is-sehem tal-bejgħ tal-livell 3 fis-sett ta' *data* li joriġina mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.

(261) Fl-investigazzjoni attwali, il-Kummissjoni qieset li l-ponderazzjoni oriġinali ma kinitx meħtieġa sabiex issir valutazzjoni oġġettiva tal-istat tal-industrija tal-Unjoni fil-kuntest tar-rieżami ta' skadenza. Tabilħaqq, l-investigazzjoni sabet li l-istampa tad-dannu tal-SMEs li joperaw biss fil-Livell 3 kienet saħansitra agħar mill-istampa tad-dannu tal-Livell 3 b'mod ġenerali. Barra minn hekk, il-Kummissjoni sabet li, anki mingħajr ponderazzjoni tad-*data* tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun, l-industrija tal-Unjoni ġarrbet dannu fil-livelli kollha (ara l-premessi (301) sa (308)). Għalhekk, loġikament, kwalunkwe ponderazzjoni żżid biss ix-xejriet negattivi osservati bħalissa fl-istampa ġenerali tad-dannu.

4.5.2. *Indikaturi makroekonomiċi*

4.5.2.1. Produzzjoni, kapaċità tal-produzzjoni u użu tal-kapaċità

(262) Il-produzzjoni totali tal-Unjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 5

Produzzjoni, kapaċità tal-produzzjoni u użu tal-kapaċità

	2020	2021	2022	Perjodu ta' Investigazzjoni tar-Rieżami
Volum tal-produzzjoni (f'oġġetti)	18 323 204	21 701 759	20 380 261	18 047 419
Indiċi	*100*	*118*	*111*	*98*
Kapaċità tal-produzzjoni (f'oġġetti)	22 867 574	24 008 277	24 237 586	21 907 693
Indiċi	*100*	*105*	*106*	*96*
Użu tal-kapaċità	80 %	90 %	84 %	82 %
Indiċi	*100*	*113*	*105*	*103*

Sors: ETRMA, Comext tal-Eurostat u informazzjoni pprovduta mill-applikant

(263) Flimkien mat-tkabbir tas-suq u tal-bejgħ fis-suq tal-Unjoni, il-volumi tal-produzzjoni żdiedu mill-2020 għall-2021. Wara dan, il-produzzjoni naqset fl-2022 u naqset saħansitra aktar fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. It-tnaqqis fil-volumi tal-produzzjoni kien attribwibbli għat-tnaqqis fil-volumi tal-bejgħ, li min-naħa tiegħu kien marbut mat-tnaqqis fil-konsum tal-Unjoni u rriżulta fit-telf tas-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni. Fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, il-volumi tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni reġgħu lura għall-istess livell bħal fl-2020. Madankollu, l-industrija tal-Unjoni kienet kapaċi tadatta l-kapaċità tagħha għall-bidliet fil-volumi tal-produzzjoni, u b'hekk ttaffiet il-fluttwazzjonijiet tar-rata tal-użu tal-kapaċità - li saħansitra tjiebet ftit (bi 3 %) matul il-perjodu kollu taħt kunsiderazzjoni.

4.5.2.2. Volum tal-bejgħ u sehem mis-suq

(264) Il-volum tal-bejgħ u s-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 6

Volum tal-bejgħ u sehem mis-suq

	2020	2021	2022	Perjodu ta' Investigazzjoni tar-Rieżami
Volum totali ta' bejgħ fis-suq tal-Unjoni (f'oġġetti)	12 531 905	14 767 288	14 338 944	12 412 930
Indiċi	*100*	*118*	*114*	*99*
Sehem mis-suq	69 %	68 %	64 %	61 %
Indiċi	*100*	*99*	*93*	*89*

Sors: ETRMA, Comext tal-Eurostat

(265) Fis-suq li qed jikber, il-volumi tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni żdiedu mill-2020 għall-2021. Matul l-2022, il-volumi tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni naqsu minkejja t-tkabbir tas-suq u komplew jonqsu fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, il-volumi tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni reġgħu lura għall-istess livell bħall-2020. Minħabba li l-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni waqa' lura meta mqabbel maż-żieda tas-suq fl-2022 u ddeterjora aktar malajr mis-suq fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, is-sehem mis-suq naqas minn 69 % għal 61 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

(266) Fil-kummenti tiegħu dwar il-bidu, Hankook Group afferma li l-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni kif ukoll is-sehem mis-suq tagħha baqgħu essenzjalment stabbli matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni u li t-tnaqqis żgħir mill-2022 sal-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami jista' jiġi spjegat mit-tnaqqis fil-konsum.

(267) Is-sejbiet tal-investigazzjoni ma jappoġġawx din l-affermazzjoni. Għalkemm il-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni kien fl-istess livell fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami meta mqabbel mal-2020, kien hemm tnaqqis importanti (13 %) mill-2022 sal-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Barra minn hekk, is-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni naqas minn 69 % għal 61 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

(268) Għalhekk, din l-affermazzjoni ġiet irrifjutata.

4.5.2.3. Tkabbir

(269) Il-konsum tal-Unjoni l-ewwel żdied mill-2020 għall-2022 f'konformità maż-żieda fl-attività ekonomika wara l-COVID. Iż-żieda fil-konsum laħqet il-quċċata tagħha fl-2022 u naqqset ir-ritmu matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, li rriżulta f'żieda ġenerali ta' 11 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Huwa biss matul l-2021 li l-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni seta' jsegwi x-xejra pożittiva tas-suq. Fl-2022 il-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni ma żdiedx bl-istess pass bħas-suq u ddeterjora aktar malajr mis-suq fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Dan irriżulta fi tnaqqis ta' 8 punti perċentwali tas-sehem mis-suq (minn 69 % għal 61 %) matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

4.5.2.4. Impjiegi u produttività

(270) L-impjiegi u l-produttività żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 7

Impjiegi u produttività

	2020	2021	2022	Perjodu ta' Investigazzjoni tar-Rieżami
Għadd ta' impjegati	21 148	21 614	20 291	18 425
Indiċi	*100*	*102*	*96*	*87*
Produttività (unità/impjegat)	866	1 004	1 004	979
Indiċi	*100*	*116*	*116*	*113*

Sors: ETRMA u informazzjoni pprovduta mill-applikant

(271) Matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni l-industrija tal-Unjoni tilfet aktar minn 2 700 impjieg dirett. Meta l-volumi tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni żdiedu mill-2020 għall-2021, l-impjiegi żdiedu wkoll. Madankollu, peress li l-industrija tal-Unjoni kienet kapaċi wkoll ittejjeb il-produttività tagħha, l-impjiegi ma żdidux bl-istess rata bħall-volumi tal-produzzjoni. It-tnaqqis fil-volumi tal-produzzjoni mill-2021 sal-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami rriżulta fi tnaqqis fl-impjiegi kif ukoll f'xi telf ta' produttività.

4.5.2.5. Kobor tas-sussidjar u rkupru minn sussidju preċedenti

(272) Matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, il-marġnijiet individwali ta' sussidju li nstabu għall-produtturi esportaturi li kkooperaw kienu għadhom sostanzjali (ara l-premessa (214) hawn fuq).

(273) Madankollu, minkejja l-fatt li kien għad hemm sussidjar miċ-Ċina, l-analiżi tal-indikaturi tad-dannu turi li l-miżuri fis-seħħ kellhom impatt pożittiv fuq l-industrija tal-Unjoni fil-bidu tal-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Madankollu, din is-sitwazzjoni pożittiva treġġgħet lura fl-2022 meta s-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni reġgħet marret għall-aħar.

4.5.3. *Indikaturi mikroekonomiċi*

4.5.3.1. Prezzijiet u fatturi li jaffettwaw il-prezzijiet

(274) Il-prezzijiet medji tal-bejgħ ta' unità tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 8

Prezzijiet tal-bejgħ u kost tal-produzzjoni fl-Unjoni (EUR/oġġett)

	2020	2021	2022	Perjodu ta' Investigazzjoni tar-Rieżami
Prezz medju tal-bejgħ ta' unità fl-Unjoni (il-livelli kollha)	224	241	274	281
Indiċi	*100*	*107*	*122*	*125*
Kost tal-produzzjoni għal kull unità	186	193	249	260
Indiċi	*100*	*104*	*134*	*140*

Sors: Tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarju mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun

(275) Il-prezzijiet tal-bejgħ tat-tajers lil klijenti mhux relatati fis-suq tal-Unjoni żdiedu b'25 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Mill-2020 għall-2021 iż-żieda fil-prezzijiet ħabtet ma' żieda fid-domanda. F'din is-sitwazzjoni l-industrija tal-Unjoni setgħet iżżid il-prezzijiet tal-bejgħ tagħha aktar (b'7 %) milli żdied il-kost tal-produzzjoni (b'4 %).

(276) Din is-sitwazzjoni favorevoli nbidlet fl-2022, u warajha l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx tgħaddi ż-żidiet fil-kostijiet fuq il-prezzijiet tal-bejgħ tagħha. Għalkemm il-prezzijiet tal-bejgħ żdiedu bi 18-il punt perċentwali bejn l-2021 u l-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, dawn iż-żidiet fil-prezzijiet ma kinux konformi maż-żieda fil-kost tal-produzzjoni.

(277) B'mod ġenerali, il-kost tal-produzzjoni żdied b'40 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. L-aktar żieda sinifikanti seħħet mill-2021 għall-2022 meta l-kost tal-produzzjoni żdied bi 30 %.

(278) L-indikaturi ewlenin tad-dannu ġew analizzati wkoll għat-tliet livelli.

(279) Fil-livell 1, il-prezz medju tal-bejgħ ta' unità żdied b'EUR 55 filwaqt li l-kostijiet unitarji żdiedu b'EUR 75 matul l-istess perjodu. Il-prezz medju tal-bejgħ żdied b'24 % filwaqt li l-kost tal-produzzjoni żdied b'39 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

Tabella 9

Prezzijiet tal-bejgħ u kost tal-produzzjoni fl-Unjoni (EUR/oġġett) – Livell 1

	2020	2021	2022	Perjodu ta' Investigazzjoni tar-Rieżami
Prezz medju tal-bejgħ ta' unità fl-Unjoni fis-suq totali	235	250	283	290
Indiċi	*100*	*106*	*120*	*124*
Kost tal-produzzjoni għal kull unità	191	196	256	266
Indiċi	*100*	*102*	*134*	*139*

Sors: Tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarju mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun

(280) Fil-livell 2, il-prezz medju tal-bejgħ ta' unità żdied b'EUR 60 filwaqt li l-kostijiet unitarji żdiedu b'EUR 68 matul l-istess perjodu. Il-prezz medju tal-bejgħ żdied b'29 % filwaqt li l-kost tal-produzzjoni żdied b'39 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

Tabella 10

Prezzijiet tal-bejgħ u kost tal-produzzjoni fl-Unjoni (EUR/oġġett) – Livell 2

	2020	2021	2022	Perjodu ta' Investigazzjoni tar-Rieżami
Prezz medju tal-bejgħ ta' unità fl-Unjoni fis-suq totali	205	224	258	265
Indiċi	*100*	*109*	*126*	*129*
Kost tal-produzzjoni għal kull unità	173	184	228	241
Indiċi	*100*	*106*	*132*	*139*

Sors: Tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarju mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun

(281) Fil-livell 3, il-prezz medju tal-bejgħ ta' unità żdied b'EUR 40 filwaqt li l-kostijiet unitarji żdiedu b'EUR 58 matul l-istess perjodu. Il-prezz medju tal-bejgħ żdied b'24 % filwaqt li l-kost tal-produzzjoni żdied b'34 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

Tabella 11

Prezzijiet tal-bejgħ u kost tal-produzzjoni fl-Unjoni (EUR/oġġett) – Livell 3

	2020	2021	2022	Perjodu ta' Investigazzjoni tar-Rieżami
Prezz medju tal-bejgħ ta' unità fl-Unjoni fis-suq totali	170	176	206	210
Indiċi	*100*	*104*	*121*	*124*
Kost tal-produzzjoni għal kull unità	171	187	223	229
Indiċi	*100*	*109*	*130*	*134*

Sors: Tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarju mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun

4.5.3.2. Kostijiet lavorattivi

(282) Il-kostijiet lavorattivi medji tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 12

Kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat

	2020	2021	2022	Perjodu ta' Investigazzjoni tar-Rieżami
Kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat (EUR)	50 250	54 950	64 650	64 862
Indiċi	*100*	*109*	*129*	*129*

Sors: Tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarju mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun

(283) Il-kost lavorattiv medju għal kull impjegat żdied b'9 % mill-2020 għall-2021 u mbagħad b'20 % mill-2021 għall-2022, u baqa' fl-istess livell fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

4.5.3.3. Inventarji

(284) Il-livelli tal-istokks tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 13

Inventarji

	2020	2021	2022	Perjodu ta' Investigazzjoni tar-Rieżami
Stokkijiet tal-għeluq (Indiċi 2020 = 100)	*100*	*123*	*130*	*155*
Stokks tal-għeluq bħala persentaġġ tal-produzzjoni	14 %	15 %	16 %	21 %
Indiċi	*100*	*102*	*110*	*143*

Sors: Tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarju mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun

(285) Meta mqabbel mal-produzzjoni, l-istokk tal-għeluq baqa' fl-istess livell mill-2020 sal-2022 (li huwa 14 % – 16 % tal-volum tal-produzzjoni). Ġiet osservata żieda (għal 21 % tal-volum tal-produzzjoni) meta jitqabbel l-istokk tal-għeluq fi tmiem il-perjodu ta' investigazzjoni (30 ta' Ġunju 2023) mal-livelli tal-istokk fi tmiem is-sena fl-2020 – 2022. Madankollu, din iż-żieda hija fil-biċċa l-kbira spjegata mill-istaġjonalità. Volumi ogħla ta' tajers jinbiegħu matul it-tieni nofs tas-sena meta mqabbel mal-ewwel nofs, filwaqt li l-produzzjoni hija inqas staġjonali. Minħabba din l-istaġjonalità, il-volumi tal-istokkijiet normalment ikunu ogħla fl-aħħar ta' Ġunju meta mqabbel ma' tmiem Diċembru. Għalhekk, bħala tali, iż-żieda apparenti tal-livelli tal-istokkijiet matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami mhijiex indikattiva tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-produtturi tal-Unjoni.

4.5.3.4. Profittabilità, fluss tal-flus, investimenti, redditu fuq l-investimenti u kapaċità li jiġi ġġenerat kapital

(286) Il-profittabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investimenti u r-redditu fuq l-investimenti tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 14

Profittabbiltà, fluss tal-flus, investimenti u redditu fuq l-investimenti

	2020	2021	2022	Perjodu ta' Investigazzjoni tar-Rieżami
Profittabbiltà tal-bejgħ fl-Unjoni lil klijenti mhux relatati (% tal-fatturat mill-bejgħ)	7,9 %	13,4 %	1,8 %	1,3 %
Indiċi	*100*	*170*	*23*	*16*
Fluss tal-flus (EUR)	95 814 284	29 530 055	- 57 192 051	- 94 989 994
Indiċi	*100*	*31*	*- 60*	*- 99*
Investimenti (EUR)	50 269 926	48 233 290	56 308 570	66 447 814
Indiċi	*100*	*96*	*112*	*132*
Redditu fuq l-investimenti (%)	– 2,1 %	3,9 %	– 15,2 %	– 16,3 %
Indiċi	*- 100*	*182*	*- 712*	*- 763*

Sors: Tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarju mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun

(287) Il-Kummissjoni stabbiliet il-profittabbiltà tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun billi esprimiet il-profitt nett qabel it-taxxa tal-bejgħ tal-prodott simili lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni bħala persentaġġ tal-fatturat ta' dak il-bejgħ.

(288) Il-profittabbiltà ġenerali l-ewwel tjiebet mill-2020 għall-2021 meta d-domanda tat-tajers żdiedet wara l-irkupru tat-trasport bit-triq mill-kriżi tal-COVID u meta l-importazzjonijiet ġenerali kienu għadhom ma żdidux bl-istess mod bħal wara. Kif spjegat fil-premessa (275), l-industrija tal-Unjoni kienet kapaċi żżid il-prezzijiet tal-bejgħ tagħha fl-2021 aktar miż-żieda fil-kost tal-produzzjoni li kkontribwiet għal żieda fil-marġnijiet ta' profitt minn 7,9 % għal 13,4 %.

(289) Is-sitwazzjoni nbidlet fl-2022, meta l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx iżżid il-prezzijiet tagħha f'konformità maż-żidiet fil-kostijiet. B'konsegwenza ta' dan, il-profittabbiltà tal-industrija tal-Unjoni naqset għal livelli baxxi (1,8 % fl-2022 u 1,3 % fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami).

(290) Il-fluss tal-flus nett huwa l-abbiltà tal-produtturi tal-Unjoni li jiffinanzjaw l-attivitajiet tagħhom huma stess. Ix-xejra fil-fluss tal-flus nett kienet qed tonqos matul il-perjodu kollu taħt kunsiderazzjoni. Din kienet influwenzata minn żewġ fatturi prinċipali. Minn naħa waħda, il-profittabbiltà ġenerali tal-industrija tal-Unjoni kkontribwiet b'mod pożittiv għall-fluss tal-flus fil-bidu tal-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Din il-kontribuzzjoni ġiet prattikament eżawrita wara t-tnaqqis fil-profittabbiltà fl-2022. Min-naħa l-oħra, iż-żieda fil-volumi tal-produzzjoni u l-livelli tal-istokk tal-għeluq assorbew il-kapital operatorju u għalhekk kellhom impatt negattiv fuq il-fluss tal-flus diġà mill-2021. B'mod ġenerali, il-fluss tal-flus naqas minn EUR 96 miljun pożittivi għal EUR 95 miljun negattivi matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

(291) Matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, l-investimenti żdiedu minn EUR 50 miljun għal EUR 66 miljun, jiġifieri bi 32 %. B'mod ġenerali, il-livell tagħhom baqa' taħt l-10 % tal-fatturat totali matul il-perjodu kollu taħt kunsiderazzjoni.

(292) Ir-redditu fuq l-investimenti huwa l-profitt f'persentaġġ tal-valur kontabilistiku nett tal-investimenti. L-ewwel żdied minn – 2,1 % għal 3,9 % mill-2020 għall-2021, f'konformità mal-profittabbiltà mtejba. Minn hemm 'il quddiem, meta l-profittabbiltà ġenerali tal-industrija tal-Unjoni ddeterjorat, ir-redditu tal-investimenti naqas għal – 15,2 % fl-2022 u għal – 16,3 % fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

(293) L-industrija tal-Unjoni hija frammentata bejn gruppi kbar ta' kumpaniji multinazzjonali u aktar minn 400 SME madwar l-Unjoni u eteroġena fir-rigward tal-kapaċità tagħhom li jiġbru l-kapital.

(294) Saret analiżi separata dwar l-istess metodoloġija kif deskritta għall-profittabbiltà fit-tliet livelli.

(295) L-iżvilupp tal-profittabbiltà fil-livell 1 matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni kien simili għall-fluttwazzjoni tal-profittabbiltà tal-industrija tal-Unjoni kkunsidrata kollha kemm hi. L-ewwel tjieb mill-2020 għall-2021 u mbagħad naqas għal livelli baxxi (1,9 % fl-2022 u 1,3 % fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami).

(296) Fil-livell 1, il-fluss tal-flus nett naqas minn EUR 85 miljun pożittivi għal EUR 56 miljun negattivi matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Ir-redditu tal-investiment l-ewwel żdied minn 1,1 % għal 7,6 % u mbagħad naqas għal – 14,0 % fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

Tabella 15

Profittabbiltà, fluss tal-flus, investimenti u redditu fuq l-investimenti — Livell 1

	2020	2021	2022	Perjodu ta' Investigazzjoni tar-Rieżami
Profittabbiltà tal-bejgħ fl-Unjoni lil klijenti mhux relatati (% tal-fatturat mill-bejgħ)	9,4 %	15,2 %	1,9 %	1,3 %
Indiċi	*100*	*162*	*20*	*14*
Fluss tal-flus (EUR)	85 042 290	35 716 163	- 43 640 531	- 56 302 048
Indiċi	*100*	*42*	*- 51*	*- 66*
Investimenti (EUR)	38 607 861	38 181 656	45 748 927	53 222 683
Indiċi	*100*	*99*	*118*	*138*
Redditu fuq l-investimenti (%)	1,1 %	7,6 %	– 13,6 %	– 14,0 %
Indiċi	*100*	*677*	*- 1 213*	*- 1 252*

Sors: Tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarju mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun

(297) L-iżvilupp tal-profittabbiltà fil-livell 2 matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni l-ewwel tjieb mill-2020 għall-2021, imbagħad naqas għal 3,5 % fl-2022 u kompla jonqos għal 2,5 % fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

(298) Fil-livell 2, il-fluss tal-flus nett naqas minn EUR 5,5 miljun pożittivi għal EUR 34,5 miljun negattivi matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Ir-redditu fuq l-investiment naqas minn 15,8 % fl-2020 għal – 28,0 % fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

Tabella 16

Profittabbiltà, fluss tal-flus, investimenti u redditu fuq l-investimenti — Livell 2

	2020	2021	2022	Perjodu ta' Investigazzjoni tar-Rieżami
Profittabbiltà tal-bejgħ fl-Unjoni lil klijenti mhux relatati (% tal-fatturat mill-bejgħ)	4,6 %	9,3 %	3,5 %	2,5 %
Indiċi	*100*	*203*	*76*	*55*
Fluss tal-flus (EUR)	5 482 431	- 2 889 233	- 13 209 945	- 34 464 853
Indiċi	*100*	*- 53*	*- 241*	*- 629*
Investimenti (EUR)	9 439 555	9 080 411	9 167 506	11 950 064

	2020	2021	2022	Perjodu ta' Investigazzjoni tar-Rieżami
Indiċi	*100*	*96*	*97*	*127*
Redditu fuq l-investimenti (%)	– 15,8 %	– 14,3 %	– 22,5 %	– 28,0 %
Indiċi	*- 100*	*- 91*	*- 143*	*- 178*

Sors: Tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarju mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun

(299) Il-livell 3 ma kienx profittabbli matul il-perjodu kollu taħt kunsiderazzjoni. Matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, is-sitwazzjoni marret għall-aħar u l-profittabbiltà negattiva ta' – 1,6 % fl-2020 naqset għal – 3,5 % fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Is-sitwazzjoni kienet saħansitra aħar għall-SMEs li joperaw fil-livell 3 li għalihom il-profittabbiltà varjat bejn 4,6 % u – 7,0 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. It-"titjib" żgħir bejn l-2022 u l-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami wera s-suċċess limitat tal-isforzi tal-industrija biex tadatta għas-sitwazzjoni diffiċli.

(300) Fil-livell 3, il-fluss tal-flus nett naqas minn EUR 5,3 miljun pożittivi għal EUR 4,2 miljun negattivi matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Ir-redditu tal-investiment kien negattiv matul il-perjodu kollu taħt kunsiderazzjoni, u naqas minn – 5,9 % għal – 20,0 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

Tabella 17

Profittabbiltà, fluss tal-flus, investimenti u redditu fuq l-investimenti — Livell 3

	2020	2021	2022	Perjodu ta' Investigazzjoni tar-Rieżami
Profittabbiltà tal-bejgħ fl-Unjoni lil klijenti mhux relatati (% tal-fatturat mill-bejgħ)	– 1,6 %	– 1,5 %	– 6,1 %	– 3,5 %
Indiċi	*- 100*	*- 92*	*- 374*	*- 212*
Fluss tal-flus (EUR)	5 289 563	- 3 296 875	- 341 574	- 4 223 093
Indiċi	*100*	*- 62*	*- 6*	*- 80*
Investimenti (EUR)	2 222 510	971 223	1 392 137	1 275 067
Indiċi	*100*	*44*	*63*	*57*
Redditu fuq l-investimenti (%)	– 5,9 %	– 10,8 %	– 35,4 %	– 20,0 %
Indiċi	*100*	*17*	*- 401*	*- 139*

Sors: Tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarju mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun

4.6. **Konklużjoni dwar id-dannu**

(301) L-investigazzjoni sabet li l-industrija tal-Unjoni kollha kemm hi wriet irkupru mis-sussidjar tal-passat matul l-2021. Bejn l-2022 u l-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, kien hemm treġġigħ lura ta' dan l-irkupru.

(302) Dan huwa partikolarment evidenti fit-tnaqqis fil-profittabbiltà tal-industrija tal-Unjoni, fit-telf tas-sehem mis-suq u fl-inabbiltà li jiżdiedu l-prezzijiet f'konformità maż-żieda fil-kostijiet. Barra minn hekk, l-indikaturi relatati mal-profittabbiltà, bħall-fluss tal-flus u r-redditu fuq l-investiment, iddeterjoraw ukoll. Dan ġie osservat b'mod speċjali fost il-produtturi tal-livell 3, li huma partikolarment esposti għall-pressjoni tal-prezzijiet minn importazzjonijiet bi prezz baxx, li min-naħa tagħha taffettwa b'mod negattiv il-livelli ogħla permezz tal-effett kaskata invertit deskritt fl-investigazzjoni oriġinali ([75]).

(303) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-industrija tal-Unjoni sofriet dannu materjali fis-sens tal-Artikolu 8(5) tar-Regolament bażiku matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

5. **KAWŻALITÀ**

(304) Matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, l-industrija tal-Unjoni tilfet is-sehem mis-suq tagħha għall-importazzjonijiet minn pajjiżi oħra, b'mod partikolari t-Tajlandja, il-Vjetnam, it-Turkija u wkoll iċ-Ċina.

(305) Id-deterjorament tas-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni kien parzjalment attribwibbli għaż-żieda fl-importazzjonijiet Ċiniżi wara l-annullament parzjali tad-dazji anti-dumping u aktar importanti minn dan, minħabba ż-żieda fl-importazzjonijiet minn pajjiżi oħra bi prezzijiet baxxi. L-importazzjonijiet bi prezz aktar baxx għamluha diffiċli għall-industrija tal-Unjoni biex iżżid il-prezzijiet tagħha u żżomm is-sehem mis-suq tagħha fl-ambjent ta' żieda fil-kostijiet.

(306) Wara l-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna, il-prezzijiet tal-materjali tal-input u tal-enerġija żdiedu b'mod konsiderevoli u dan irriżulta f'żieda rapida fil-kost tal-produzzjoni. Fl-istess ħin, il-volumi tal-importazzjoni żdiedu u mill-2022 l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx tgħaddi ż-żidiet fil-kostijiet fuq il-prezzijiet tal-bejgħ tagħha. Għalkemm il-prezzijiet tal-bejgħ żdiedu bi 18 % bejn l-2021 u l-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, dawn iż-żidiet fil-prezzijiet ma kinux biżżejjed biex jikkumpensaw għaż-żieda fil-kost tal-produzzjoni.

(307) B'riżultat ta' dan, il-Kummissjoni tinnota wkoll li s-sitwazzjoni dannuża li tinsab fiha l-industrija tal-Unjoni ġiet fi żmien meta seħħew fatturi oħra bħal żidiet sinifikanti fil-kostijiet u żieda sostanzjali ta' importazzjonijiet bi prezz baxx minn pajjiżi oħra, speċjalment mit-Tajlandja, mill-Vjetnam u mit-Turkija. Kif muri fil-premessi (248) sa (252) hawn fuq, l-importazzjonijiet mit-Tajlandja u mill-Vjetnam żdiedu b'mod sostanzjali u l-livelli tal-prezzijiet tagħhom kienu ferm taħt il-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni.

(308) Għal din ir-raġuni, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-importazzjonijiet sussidjati miċ-Ċina kkontribwew għad-dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami; madankollu, fatturi oħra b'mod partikolari ż-żieda fil-kostijiet u l-importazzjonijiet minn pajjiżi oħra, kienu kapaċi jpoġġu f'dubju r-relazzjoni ġenwina bejn l-importazzjonijiet sussidjati u l-effetti fuq l-industrija tal-Unjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni ddeċidiet li tivvaluta ulterjorment jekk hemmx il-possibbiltà li d-dannu kkawżat mill-importazzjonijiet sussidjati miċ-Ċina jerġa' jseħħ jekk il-miżuri jitħallew jiskadu.

(309) Wara d-divulgazzjoni finali, Hankook sostna li d-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni mhuwiex ikkawżat mill-importazzjonijiet Ċiniżi. Hankook sostna li l-importazzjonijiet Ċiniżi ma jwaqqgħux il-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni la fil-livell 3 u lanqas fil-livell 1. Biex isostni l-affermazzjoni tiegħu, Hankook ippreżenta *data* sensittiva fuq il-prezzijiet u l-volumi tal-esportazzjonijiet tiegħu.

([75]) Ara l-premessa (242) tar-REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/1579 tat-18 ta' Ottubru 2018 li jimponi dazju anti-dumping definittiv u li jiġbor b'mod definittiv id-dazju proviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti tajers pnewmatiċi, ġodda jew b'wiċċ ġdid, tal-lastiku, tat-tip użat għall-karozzi tal-linja jew għat-trakkijiet, b'indiċi tat-tagħbija li jaqbeż il-121, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/163. ĠU L 263, 22.10.2018, p. 3.

(310) Il-Kummissjoni ma taqbilx ma' din l-affermazzjoni. Kif iddikjarat fil-premessa (247), id-*data* provduta minn Hankook mhijiex suffiċjenti biex titwettaq analiżi ulterjuri tat-twaqqigħ tal-prezz billi ma tinkludix informazzjoni suffiċjenti dwar operaturi oħra attivi fil-livell 1, 2 u 3. Konsegwentement, din id-*data* ma setgħet ixxejjen l-ebda riżultat tal-analiżi tat-twaqqigħ tal-prezz li saret mill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għalhekk hija tal-fehma li l-pretest ta' din l-affermazzjoni, jiġifieri li ma hemm l-ebda twaqqigħ tal-prezz fil-livell 1 jew fil-livell 3 huwa skorrett, u għalhekk, din l-affermazzjoni hija rrifjutata.

(311) Wara d-divulgazzjoni finali, Hankook sostna wkoll li d-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni mhuwiex ikkawżat mill-importazzjonijiet Ċiniżi iżda mit-tajers importati minn pajjiżi terzi oħra.

(312) Kif iddikjarat fil-premessi (308), il-Kummissjoni kkonkludiet li l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping miċ-Ċina kkontribwew għad-dannu materjali għall-industrija tal-Unjoni iżda wkoll fatturi oħra, b'mod partikolari ż-żieda fil-kostijiet u l-importazzjonijiet minn pajjiżi oħra, kienu kapaċi jpoġġu f'dubju r-relazzjoni ġenwina bejn l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping u l-effetti fuq l-industrija tal-Unjoni. Għaldaqstant, il-Kummissjoni tqis li din l-affermazzjoni ma xxejjinx il-konklużjoni ta' hawn fuq u hija għalhekk irrifjutata.

6. **PROBABBILTÀ TA' RIKORRENZA TA' DANNU**

(313) Il-Kummissjoni vvalutat, f'konformità mal-Artikolu 18(2) tar-Regolament bażiku, jekk ikunx hemm probabbiltà ta' rikorrenza ta' dannu kkawżat oriġinarjament mill-importazzjonijiet sussidjati miċ-Ċina jekk il-miżuri kontra jitħallew jiskadu.

(314) F'dan ir-rigward, l-elementi li ġejjin ġew analizzati mill-Kummissjoni: il-kapaċità tal-produzzjoni u l-kapaċità ta' riżerva fiċ-Ċina, l-attraenza tas-suq tal-Unjoni u l-prezzijiet tal-esportazzjoni lejn swieq ta' pajjiżi terzi u r-relazzjoni bejn il-prezzijiet fl-Unjoni u fiċ-Ċina, il-kapaċità ta' assorbiment possibbli tas-swieq ta' pajjiżi terzi, il-livelli probabbli tal-prezzijiet tal-importazzjonijiet miċ-Ċina fin-nuqqas ta' miżuri antisussidji, u l-impatt tagħhom fuq l-industrija tal-Unjoni, inkluż it-twaqqigħ tal-prezz u l-livell dannuż u ż-żieda tal-importazzjonijiet Ċiniżi wara l-annullament temporanju tad-dazji anti-dumping.

6.1. **Kapaċità tal-produzzjoni u kapaċità ta' riżerva fir-RPĊ**

(315) Kif stabbilit fil-premessi (217) - (219), hemm kapaċità ta' produzzjoni u kapaċità ta' riżerva sostanzjali fiċ-Ċina biex jiżdiedu l-esportazzjonijiet lejn is-suq tal-Unjoni malajr f'każ li l-miżuri antisussidji jitħallew jiskadu. Kif stabbilit fil-premessa (218), il-kapaċità mhux użata disponibbli fiċ-Ċina fl-2022 tammonta għal kważi 20 miljun unità, kważi ekwivalenti għall-konsum totali fis-suq tal-UE.

6.2. **Attraenza tas-suq tal-Unjoni u prezzijiet tal-esportazzjoni lejn swieq ta' pajjiżi terzi**

(316) Kif stabbilit fil-premessi (220) - (223), is-suq tal-Unjoni, li huwa t-tieni l-akbar suq fid-dinja wara l-Istati Uniti, huwa suq attraenti kemm f'termini tal-prezzijiet tiegħu kif ukoll tad-daqs tiegħu. Fl-2023, il-livell tal-prezzijiet tal-esportazzjonijiet Ċiniżi lejn l-Unjoni kien ogħla b'mod sinifikanti meta mqabbel mal-prezzijiet medji tal-esportazzjoni Ċiniżi lejn destinazzjonijiet prinċipali oħra, inklużi l-Istati Uniti tal-Amerka. Barra minn hekk, minkejja l-miżuri antisussidji fis-seħħ, l-importazzjonijiet Ċiniżi fl-Unjoni baqgħu madwar 30 % tal-volum tal-importazzjonijiet matul l-investigazzjoni inizjali.

6.3. **Kapaċità tal-assorbiment possibbli tas-swieq ta' pajjiżi terzi**

(317) Kif stabbilit fil-premessa (224), il-miżuri għad-difiża tal-kummerċ fuq l-esportazzjonijiet tal-prodott simili mir-RPĊ huma fis-seħħ fil-biċċa l-kbira tas-swieq tal-pajjiżi terzi li huma konsumaturi sinifikanti tat-tajers tat-trakkijiet. Dan jagħmel dawn is-swieq inqas attraenti għall-produtturi esportaturi Ċiniżi. Dan huwa element addizzjonali li jappoġġa s-sejba li l-kapaċità tal-produzzjoni attwali tar-RPĊ x'aktarx li tispiċċa fis-suq tal-Unjoni, jekk il-miżuri jiġu revokati.

6.4. **Il-livelli probabbli tal-prezzijiet tal-importazzjonijiet miċ-Ċina fin-nuqqas ta' miżuri antisussidji, u l-impatt tagħhom fuq l-industrija tal-Unjoni, inkluż it-twaqqigħ tal-prezz u l-livell dannuż.**

(318) Kif muri fit-Tabella 3, il-prezzijiet tal-importazzjoni fl-Unjoni miċ-Ċina matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami kienu ta' EUR 218/oġġett li huwa materjalment aktar baxx mill-prezz medju tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni ta' EUR 283/oġġett muri fit-Tabella 8, u wkoll taħt il-kost tal-produzzjoni tagħhom ta' EUR 260/oġġett.

(319) Għalhekk, huwa probabbli li mingħajr dazji antisussidji, l-importazzjonijiet Ċiniżi jwaqqgħu materjalment il-prezzijiet tal-Unjoni.

6.5. **Żieda fl-importazzjonijiet Ċiniżi wara l-annullament parzjali tad-dazji antisussidji**

(320) Kif muri fit-Tabella 2 u stabbilit fil-premessa (237), iż-żieda fl-importazzjonijiet Ċiniżi kienet partikolarment sinifikanti fl-2022 meta l-miżuri oriġinali ġew parzjalment annullati mill-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea.

(321) Dan jindika li l-produtturi esportaturi Ċiniżi jibqgħu interessati fis-suq tal-Unjoni u l-importazzjonijiet x'aktarx li jerġgħu jiżdiedu, jekk il-miżuri jiġu revokati.

(322) Fil-kummenti tiegħu mal-bidu, Hankook Group iddikjara li x-xejriet tal-importazzjoni jindikaw li ma hemm l-ebda theddida ta' kontinwazzjoni jew rikorrenza ta' dannu. Skont Hankook Group, is-sehem mis-suq attwali tal-importazzjonijiet Ċiniżi ma setax ikollu impatt sinifikanti fil-futur tal-industrija tal-Unjoni. Barra minn hekk, il-Hankook Group sostna li ż-żieda fil-kapaċità tal-produzzjoni Ċiniża ma kinitx iddedikata għas-suq tal-Unjoni iżda għal swieq oħra.

(323) Il-Kummissjoni ma qablitx ma' din il-fehma. Anki jekk, sa ċertu punt, id-dazji attwali jipproteġu kemxejn lill-industrija tal-Unjoni mill-importazzjonijiet sussidjati mir-RPĊ, l-importazzjonijiet Ċiniżi xorta setgħu jżidu s-sehem mis-suq tagħhom matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Minħabba l-livelli tal-prezzijiet Ċiniżi mingħajr dazji u l-kapaċità ta' riżerva disponibbli fiċ-Ċina, huwa probabbli li s-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet Ċiniżi jiżdied sostanzjalment jekk il-miżuri jitħallew jiskadu. Barra minn hekk, l-affermazzjoni li ż-żieda fil-kapaċità Ċiniża kienet prinċipalment diretta lejn swieq oħra matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni ma kinitx sostanzjata. Anki jekk korretta, il-Kummissjoni tqis li s-suq tal-Unjoni jibqa' attraenti għall-importazzjonijiet Ċiniżi.

(324) Għalhekk, dawn l-affermazzjonijiet ġew irrifjutati.

(325) Wara d-divulgazzjoni finali, Hankook sostna li ma hemm l-ebda evidenza suffiċjenti ta' probabbiltà ta' rikorrenza ta' dannu. B'mod partikolari, Hankook sostna li ż-żieda fl-importazzjonijiet fl-2022 ma tistax tiġi kkollegata mal-annullament parzjali tal-miżuri fl-2022 u mhijiex indikattiva tal-komportament tal-produtturi esportaturi Ċiniżi. Hankook sostna wkoll li ma kien hemm l-ebda twaqqigħ tal-prezz fil-livell 3, li jekk il-miżuri jitħallew jiskadu, il-produtturi Ċiniżi jżidu l-profitti tagħhom aktar milli jbaxxu l-prezzijiet tagħhom u li ġaladarba s-suq tal-Unjoni kien jirrappreżenta biss 4 % tal-volum tal-esportazzjonijiet Ċiniżi totali, is-suq tal-Unjoni ma jistax jitqies attraenti.

(326) Il-Kummissjoni ma qablitx ma' dawn l-affermazzjonijiet. L-ewwel nett, l-annullament parzjali tal-miżuri mill-Qorti Ġenerali tabilħaqq bagħat sinjal lis-suq dwar il-possibbiltà ta' kanċellazzjoni parzjali u rimborż sussegwenti tad-dazji, u b'hekk l-importazzjonijiet saru potenzjalment aktar attraenti. It-tieni, kif spjegat fil-premessi (247) u (310) hawn fuq, il-premessa ta' din l-asserzjoni li m'hemm ebda twaqqigħ tal-prezz fil-livell 3 mhijiex korretta. It-tielet, Hankook ma ppreżenta l-ebda evidenza biex isostni l-affermazzjoni tiegħu li jekk il-miżuri jitħallew jiskadu, il-produtturi Ċiniżi jżidu l-profitti tagħhom aktar milli jbaxxu l-prezzijiet tagħhom. Finalment, il-livell attwali tal-esportazzjonijiet Ċiniżi lejn l-Unjoni meta d-dazji huma fis-seħħ, ma jistax jinvalida l-fatt li s-suq tal-Unjoni jibqa' attraenti għar-raġunijiet elenkati fil-premessi (220) - (223) u (316) hawn fuq. Għalhekk, din l-affermazzjoni hija rrifjutata.

6.6. **Konklużjoni dwar il-probabbiltà ta' rikorrenza tad-dannu**

(327) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li jekk il-miżuri jiskadu, huwa probabbli li dan jirriżulta f'żieda sinifikanti ta' importazzjonijiet sussidjati miċ-Ċina b'livelli ta' prezzijiet dannużi, u għalhekk tkompli taggrava s-sitwazzjoni dannuża tal-industrija tal-Unjoni.

7. **INTERESS TAL-UNJONI**

(328) F'konformità mal-Artikolu 31 tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk iż-żamma tal-miżuri antisussidji eżistenti tmurx kontra l-interess tal-Unjoni kollha kemm hi. Id-determinazzjoni tal-interess tal-Unjoni kienet ibbażata fuq apprezzament tad-diversi interessi kollha involuti, inklużi dawk tal-industrija tal-Unjoni, tal-importaturi u tal-utenti finali.

7.1. **Interess tal-industrija tal-Unjoni**

(329) Il-produtturi tal-Unjoni li jirrappreżentaw aktar minn 25 % tal-volum tal-produzzjoni tal-Unjoni kkooperaw mal-investigazzjoni.

(330) L-investigazzjoni wriet li l-industrija tal-Unjoni kienet f'sitwazzjoni vulnerabbli fejn ma setgħetx tgħaddi kompletament iż-żidiet fil-kostijiet fuq il-prezzijiet tal-bejgħ tagħha u l-marġnijiet tal-profitt tagħha kienu naqsu.

(331) Il-Kummissjoni tikkonkludi li minħabba li l-industrija tal-Unjoni diġà qed issofri dannu u f'każ ta' skadenza tal-miżuri hemm probabbiltà kbira ta' żieda fl-importazzjonijiet sussidjati miċ-Ċina b'livelli ta' prezzijiet dannużi, dan iwassal għal żieda fil-pressjoni fuq il-prezzijiet fis-suq tal-Unjoni u jkompli jaggrava d-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni.

(332) Il-kontinwazzjoni tal-miżuri hija għalhekk b'mod ċar fl-interess tal-industrija tal-Unjoni.

7.2. **Interess ta' importaturi mhux relatati u tal-utenti**

(333) L-ebda importatur jew utent ma kkoopera mal-investigazzjoni.

(334) L-investigazzjoni oriġinali kkonkludiet li filwaqt li l-miżuri ma kinux fl-interess tal-importaturi li jiddependu b'mod predominanti fuq l-importazzjoni ta' tajers irħas ħafna miċ-Ċina, huwa improbabbli li l-importaturi b'portafoll usa' jiġu affettwati serjament mir-restawr tal-kompetizzjoni ġusta.

(335) Fin-nuqqas ta' evidenza ġdida, il-Kummissjoni għalhekk ikkonkludiet li, bħal fl-investigazzjoni oriġinali, il-kontinwazzjoni tal-miżuri mhux se taffettwa b'mod sinifikanti lill-importaturi jew lill-utenti.

7.3. **Interessi oħra**

(336) L-investigazzjoni oriġinali sabet li l-miżuri li jipproteġu l-manifatturi tat-tajers primjum tal-industrija tal-Unjoni li jipproduċu tajers ġodda ta' kwalità għolja li huma mfassla biex ikollhom iċ-ċiklu tal-ħajja twil u li jistgħu jingħataw wiċċ ġdid, kif ukoll lil dawk li jagħtu wiċċ ġdid attivi fis-suq tal-livell 3, huma fl-interess tal-politika tal-Unjoni li tnaqqas l-iskart u li timmaniġġja l-materja prima b'mod sostenibbli. Barra minn hekk, peress li l-SMEs huma dawk l-aktar attivi fin-negozju tal-għoti ta' wiċċ ġdid, l-impożizzjoni tal-miżuri tkun allinjata wkoll mal-objettiv importanti tal-Kummissjoni li ssostni lill-SMEs ([76]).

([76]) Il-premessa (295) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1579 tat-18 ta' Ottubru 2018 li jimponi dazju anti-dumping definittiv u li jiġbor b'mod definittiv id-dazju proviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti tajers pnewmatiċi, ġodda jew b'wiċċ ġdid, tal-lastiku, tat-tip użat għall-karozzi tal-linja jew għat-trakkijiet, b'indiċi tat-tagħbija li jaqbeż il-121, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/163 (ĠU L 263, 22.10.2018, p. 3.)

(337) Fl-investigazzjoni oriġinali, il-fornituri tat-treads kienu għamlu sottomissjonijiet li jappoġġaw l-impożizzjoni ta' miżuri antisussidji billi allegaw li tali miżuri huma essenzjali għas-sopravivenza tal-industrija tal-produzzjoni ta' wċuħ ġodda u ddikjaraw li mingħajr attivitajiet ta' produzzjoni ta' wċuħ ġodda, in-negozju tagħhom se jiġi affettwat b'mod sever. Sussegwentement, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-miżuri jkunu fl-interess tal-fornituri tat-treads.

(338) Fin-nuqqas ta' evidenza ġdida, il-Kummissjoni għalhekk ikkonkludiet li, bħal fl-investigazzjoni oriġinali, il-miżuri jkunu fl-interess tal-fornituri tat-treads.

7.4. **Konklużjoni dwar l-interess tal-Unjoni**

(339) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li ma kien hemm l-ebda raġuni konvinċenti skont l-Artikolu 31 tar-Regolament bażiku li ma jkunx fl-interess tal-Unjoni li jinżammu l-miżuri eżistenti fuq l-importazzjonijiet ta' tajers li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina.

8. **MIŻURI ANTISUSSIDJI**

(340) Abbażi tal-konklużjonijiet li waslet għalihom il-Kummissjoni dwar il-kontinwazzjoni tas-sussidjar, ir-rikorrenza tad-dannu u l-interess tal-Unjoni, jenħtieġ li jinżammu l-miżuri antisussidji fuq it-tajers miċ-Ċina.

(341) Sabiex jiġu minimizzati r-riskji ta' ċirkomvenzjoni minħabba d-differenza fir-rati tad-dazju, huma meħtieġa miżuri speċjali biex tiġi żgurata l-applikazzjoni tad-dazji antisussidji individwali. L-applikazzjoni ta' dazju kumpensatorju individwali hija applikabbli biss mal-preżentazzjoni ta' fattura kummerċjali valida lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri. Il-fattura trid tkun konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 1(3) ta' dan ir-Regolament. Sakemm tiġi ppreżentata tali fattura, l-importazzjonijiet jenħtieġ li jkunu soġġetti għad-dazju kumpensatorju applikabbli għall-"kumpaniji l-oħrajn kollha".

(342) Filwaqt li l-preżentazzjoni ta' din il-fattura hija meħtieġa sabiex l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jkunu jistgħu japplikaw ir-rati tad-dazju kumpensatorju individwali fuq l-importazzjonijiet, ma hijiex l-uniku element li għandu jitqies mill-awtoritajiet doganali. Tabilħaqq, anki jekk jiġu ppreżentati b'fattura li tissodisfa r-rekwiżiti kollha stabbiliti fl-Artikolu [1(3)] ta' dan ir-Regolament, l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jridu jwettqu l-verifiki tas-soltu tagħhom u jistgħu, bħal fil-każijiet l-oħrajn kollha, jirrikjedu dokumenti addizzjonali (dokumenti tat-trasport bil-baħar, eċċ.) biex ikunu jistgħu jivverifikaw l-akkuratezza tad-dettalji li jkun hemm fid-dikjarazzjoni u jiżguraw li l-applikazzjoni sussegwenti tar-rata tad-dazju aktar baxxa tkun ġustifikata, f'konformità mal-liġi doganali.

(343) Jekk l-esportazzjonijiet minn waħda mill-kumpaniji li jibbenefikaw minn rati tad-dazju individwali aktar baxxi jiżdiedu b'mod sinifikanti fil-volum wara l-impożizzjoni tal-miżuri kkonċernati, tali żieda fil-volum tista' titqies bħala waħda li fiha nnifisha tikkostitwixxi bidla fix-xejra tal-kummerċ minħabba l-impożizzjoni ta' miżuri fis-sens tal-Artikolu 23(3) tar-Regolament bażiku. F'ċirkostanzi bħal dawn u dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet, tista' tinbeda investigazzjoni antiċirkomvenzjoni. Din l-investigazzjoni tista', fost l-oħrajn, teżamina l-ħtieġa tat-tneħħija ta' rata/i tad-dazju individwali u l-impożizzjoni konsegwenti ta' dazju għall-pajjiż kollu.

(344) Ir-rati tad-dazju kumpensatorju tal-kumpaniji individwali speċifikati f'dan ir-Regolament huma applikabbli esklużivament għall-importazzjonijiet tal-prodott taħt rieżami li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u prodott mill-entitajiet legali msemmija. L-importazzjonijiet tal-prodott taħt rieżami prodott minn kwalunkwe kumpanija oħra mhux imsemmija b'mod speċifiku fil-parti operattiva ta' dan ir-Regolament, inkluż l-entitajiet relatati ma' dawk speċifikament imsemmija, jenħtieġ li jkunu soġġetti għar-rata tad-dazju applikabbli għall-"kumpaniji l-oħrajn kollha". Jenħtieġ li ma jkunux soġġetti għall-ebda waħda mir-rati tad-dazju kumpensatorju individwali.

(345) Il-kumpanija tista' titlob li jiġu applikati dawn ir-rati tad-dazju kumpensatorju individwali jekk sussegwentement tibdel l-isem tal-entità tagħha. It-talba trid tiġi indirizzata lill-Kummissjoni ([77]). It-talba jrid ikun fiha l-informazzjoni rilevanti kollha li tippermetti li jintwera li t-tibdil ma jaffettwax id-dritt tal-kumpanija li tibbenefika mir-rata tad-dazju li tapplika għaliha. Jekk il-bidla fl-isem tal-kumpanija ma taffettwax id-dritt tagħha li tibbenefika mir-rata tad-dazju li tapplika għaliha, jiġi ppubblikat regolament dwar il-bidla tal-isem f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(346) Il-partijiet interessati kollha ġew infurmati dwar il-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li fuq il-bażi tagħhom kien maħsub li jiġi rrakkomandat li jinżammu l-miżuri eżistenti. Ingħataw ukoll perjodu sabiex jagħmlu r-rappreżentazzjonijiet wara din id-divulgazzjoni.

(347) Fid-dawl tal-Artikolu 109 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([78]), meta ammont ikun irid jiġi rimborżat b'segwitu għal sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, l-imgħax li jrid jitħallas jenħtieġ li jkun dak tar-rata applikata mill-Bank Ċentrali Ewropew għall-operazzjonijiet ta' rifinanzjament prinċipali tiegħu, kif ippubblikata fis-Serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fl-ewwel jum kalendarju ta' kull xahar.

(348) Il-miżuri previsti f'dan ir-regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit permezz tal-Artikolu 25(1) tar-Regolament (UE) 2016/1037 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([79])

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Dazju kumpensatorju definittiv huwa impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti tajers pnewmatiċi, ġodda jew b'wiċċ ġdid, tal-lastiku, tat-tip użat għall-karozzi tal-linja jew għat-trakkijiet, b'indiċi tat-tagħbija li jaqbeż il-121, li bħalissa jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 4011 20 90 u ex 4012 12 00 (il-kodiċi TARIC 4012 12 00 10) u li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina.

2. Id-dazji kumpensatorji definittivi applikabbli f'euro għal kull oġġett tal-prodott deskritt fil-paragrafu 1 u prodott mill-kumpaniji elenkati hawn taħt għandhom ikunu kif ġej:

Kumpanija	Dazju kumpensatorju	Kodiċi addizzjonali TARIC
Xingyuan Tire Group Ltd, Co.; Guangrao Xinhongyuan Tyre Co., Ltd	57,28	C331
GITI Radial Tire (Anhui) Company Ltd.; GITI Tire (Fujian) Company Ltd.; GITI Tire (Hualin) Company Ltd.; GITI Tire (Yinchuan) Company Ltd.	11,07	C332
Chongqing Hankook Tire Co., Ltd; Jiangsu Hankook Tire Co., Ltd	3,75	C334
Aeolus Tyre Co., Ltd, Aeolus Tyre (Taiyuan) Co., Ltd; Qingdao Yellow Sea Rubber Co., Ltd; Pirelli Tyre Co., Ltd	39,77	C877

([77]) Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ, id-Direttorat G, Rue de la Loi 170, 1040 Brussell, il-Belġju.

([78]) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni), ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024.

([79]) Ir-Regolament (UE) 2016/1037 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 176, 30.6.2016, p. 55).

Kumpanija	Dazju kumpensatorju	Kodiċi addizzjonali TARIC
Kumpaniji oħrajn li kkooperaw kemm fl-investigazzjoni antisussidji kif ukoll fl-investigazzjoni anti-dumping elenkati fl-Anness I	27,69	Ara l-Anness I
Kumpaniji oħrajn li kkooperaw fl-investigazzjoni anti-dumping iżda mhux fl-investigazzjoni antisussidji elenkati fl-Anness II	57,28	Ara l-Anness II
Kumpaniji oħrajn soġġetti għar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/738 li kkooperaw kemm fl-investigazzjoni antisussidji kif ukoll fl-investigazzjoni anti-dumping elenkati fl-Anness III	27,69	Ara l-Anness III
Zhongce Rubber Group Co., Ltd	57,28	C379
Weifang Yuelong Rubber Co., Ltd	57,28	C875
Hefei Wanli Tire Co., Ltd	57,28	C876
Il-kumpaniji l-oħrajn kollha	57,28	C999

3. L-applikazzjoni tar-rati tad-dazju kumpensatorju individwali speċifikati għall-kumpaniji msemmija fil-paragrafu 2 jew fl-Annessi I, II jew III għandha tkun bil-kundizzjoni li tiġi ppreżentata fattura kummerċjali valida lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li fuqha għandha tidher dikjarazzjoni datata u ffirmata minn uffiċjal tal-entità li toħroġ tali fattura, identifikat(a) b'ismu/isimha u l-kariga tiegħu/tagħha, abbozzata kif ġej: "Jiena, is-sottoskritt(a), niċċertifika li (l-oġġett(i)) ta' (prodott ikkonċernat) mibjugħa għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni Ewropea koperti minn din il-fattura, kienu mmanifatturati minn (isem u indirizz tal-kumpanija) (kodiċi addizzjonali TARIC) fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina. Jiena niddikjara li l-informazzjoni pprovduta f'din il-fattura hija kompluta u korretta." Sakemm tiġi ppreżentata tali fattura, għandu japplika d-dazju applikabbli għall-"kumpaniji l-oħrajn kollha".

4. F'każijiet fejn il-merkanzija tkun saritilha dannu qabel ma tkun daħlet fiċ-ċirkolazzjoni libera u, għalhekk, il-prezz effettivament imħallas jew li għandu jitħallas ikun imqassam għad-determinazzjoni tal-valur doganali skont l-Artikolu 131 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447, l-ammont ta' dazju antisussidji stabbilit fil-paragrafu 2 għandu jitnaqqas b'perċentwal li jikkorrispondi għat-tqassim tal-prezz effettivament imħallas jew li huwa pagabbli.

5. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ dwar id-dazji doganali.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Jannar 2025

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

Produtturi esportaturi Ċiniżi li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun li kkooperaw kemm fl-investigazzjonijiet oriġinali antisussidji kif ukoll anti-dumping:

Isem il-Kumpanija	Kodiċi addizzjonali TARIC
Bayi Rubber Co., Ltd	C335
Bridgestone (Huizhou) Tire Co., Ltd	C336
Megalith Industrial Group Co., Ltd	C342
Michelin Shenyang Tire Co., Ltd	C343
Nanjing Kumho Tire Co., Ltd	C344
Qingdao Fudong Tyre Co., Ltd	C348
Qingdao Hairunsen Tyre Co., Ltd	C349
Shaanxi Yanchang Petroleum Group Rubber Co., Ltd	C352
Shandong Changfeng Tyres Co., Ltd	C354
Shandong Haohua Tire Co., Ltd	C355
Shandong Hengfeng Rubber & Plastic Co., Ltd	C357
Shandong Homerun Tires Co., Ltd	C359
Shandong Hugerubber Co., Ltd	C361
Shandong Mirage Tyres Co., Ltd	C364
Shandong Vheal Group Co., Ltd	C365
Shandong Wosen Rubber Co., Ltd	C367
Shandong Yongfeng Tyres Co., Ltd	C368
Shandong Yongsheng Rubber Group Co., Ltd; Shandong Santai Rubber Co., Ltd	C369
Shandong Yongtai Group Co., Ltd	C370
Shengtai Group Co., Ltd	C372
Toyo Tire (Zhucheng) Co., Ltd	C374
Weifang Goldshield Tire Co., Ltd	C376
Xuzhou Armour Rubber Company Ltd	C378

ANNESS II

Kumpaniji oħrajn li kkooperaw fl-investigazzjoni oriġinali anti-dumping iżda mhux fl-investigazzjoni oriġinali antisussidji:

Isem il-Kumpanija	Kodiċi addizzjonali TARIC
Briway Tire Co., Ltd	C337
Goodyear Dalian Tire Co., Ltd	C339
Shandong Hawk International Rubber Industry Co., Ltd	C356
Sichuan Kalevei Technology Co., Ltd	C373

ANNESS III

Kumpaniji oħrajn soġġetti għar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/738:

Isem il-Kumpanija	Kodiċi addizzjonali TARIC
Chaoyang Long March Tyre Co., Ltd	C338
Triangle Tyre Co., Ltd	C375
Shandong Wanda Boto Tyre Co., Ltd	C366
Qingdao Doublestar Tire Industrial Co., Ltd	C347
Ningxia Shenzhou Tire Co., Ltd	C345
Guizhou Tyre Co., Ltd	C340
Shandong Huasheng Rubber Co., Ltd	C360
Prinx Chengshan (Shandong) Tire Co., Ltd	C346
Shandong Linglong Tyre Co., Ltd	C363
Shandong Jinyu Tire Co., Ltd	C362
Sailun Group Co., Ltd	C351
Shandong Kaixuan Rubber Co., Ltd	C353
Weifang Shunfuchang Rubber And Plastic Products Co., Ltd	C377
Shandong Hengyu Science & Technology Co., Ltd	C358
Jiangsu General Science Technology Co., Ltd	C341
Shanghai Huayi Group Corp. Ltd; Double Coin Group (Jiang Su) Tyre Co., Ltd	C878
Qingdao GRT Rubber Co., Ltd	C350